

L-Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja

Programm ta' Ħidma 2013

| | |
|--|-----------|
| 1. SOMMARJU EŻEKUTTIV..... | 4 |
| 1.1. Għanijiet Strateġiċi..... | 4 |
| 1.2. Għanijiet operattivi ewlenin | 5 |
| 1.2.1. Il-Ġestjoni Operattiva tas-Sistemi..... | 5 |
| 1.2.2. Integrazzjoni tal-utenti l-ġodda tas-sistemi | 6 |
| 1.2.3. Sigurtà u l-infrastruttura tal-komunikazzjoni | 6 |
| 1.2.4. Monitoraġġ, rapportar u Statistika..... | 6 |
| 1.2.5. Taħriġ | 7 |
| 1.2.6. Kooperazzjoni ma' Aġenziji oħrajn | 7 |
| 1.2.7. Monitoraġġ tar-riċerka u osservazzjoni tat-teknoloġija..... | 7 |
| 1.2.8. Komunikazzjonijiet | 7 |
| 1.2.9. Ġestjoni finanzjarja, infrastrutturi, loġistika u amministrazzjoni | 7 |
| 1.2.10. Appoġġ lill-Bord ta' Tmexxija u lill-gruppi Konsultattivi | 8 |
| 1.2.11. Ħarsa ġenerali lejn l-implimentazzjoni ta' dawn l-għanijiet fid-dawl tar-riskji ewlenin..... | 8 |
| 2. PARTI ĠENERALI | 9 |
| 2.1. Introduzzjoni..... | 9 |
| 2.2. Missjonijiet u valuri tal-Aġenzija | 9 |
| 2.3. Viżjoni..... | 10 |
| 2.4. Kuntest tal-politika u ħarsa ġenerali lejn l-istrateġija..... | 10 |
| 2.5. Għanijiet strateġiċi li jirriflettu l-viżjoni fit-terminu medju tal-Aġenzija | 12 |
| 2.5.1. Għan Strateġiku 1: Il-Konsolidazzjoni tal-istruttura u l-koeżjoni tal-Aġenzija..... | 12 |
| 2.5.2. Għan Strateġiku 2: It-triq biex l-Aġenzija ssir ċentru ta' eċċellenza..... | 14 |
| 2.5.3. Għan Strateġiku 3: Tħejjijiet biex l-Aġenzija tiegħu l-kontroll fuq sistemi oħrajn | 16 |
| 2.5.4. Għan Strateġiku 4: Ħidma bla heda biex tiġi ottimizzata l-kosteffiċenza | 16 |
| 2.6. Għanijiet operattivi ewlenin | 16 |
| 2.6.1. Il-ġestjoni operattiva tas-Sistemi tal-IT u tħejjijiet għal sistemi tal-IT tal-ġejjieni..... | 17 |
| 2.6.2. Sigurtà u l-infrastruttura tal-komunikazzjoni | 22 |
| 2.6.3. Monitoraġġ, rapportar u statistika | 24 |
| 2.6.4. Kooperazzjoni ma' Aġenziji, proġetti u azzjonijiet oħrajn fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja | 24 |
| 2.6.5. Taħriġ għal awtoritajiet nazzjonali dwar l-użu tekniku tas-sistemi tal-IT | 27 |
| 2.6.6. Monitoraġġ tar-riċerka u osservazzjoni tat-teknoloġija..... | 28 |
| 2.6.7. Komunikazzjoni | 29 |
| 2.6.8. Ġestjoni finanzjarja, infrastrutturi, loġistika u kompiti amministrattivi | 29 |
| 2.6.9. Bord ta' Tmexxija u Gruppi Konsultattivi | 30 |
| 2.7. L-għanijiet operattivi speċifiċi u l-indikaturi tal-prestazzjoni..... | 31 |
| 2.7.1. Gwida fil-livell tal-Aġenzija biex jintlaħqu l-għanijiet (b'kontribut diretta mid-Direttur Eżekuttiv)..... | 31 |
| 2.7.2. Ġestjoni u Manutenzjoni ta' Applikazzjonijiet..... | 33 |
| 2.7.3. Koordinazzjoni Ġenerali | 35 |
| 2.7.4. Awditjar Intern | 38 |
| 2.7.5. Kwistjonijiet operattivi u l-Infrastruttura..... | 39 |
| 2.7.6. Riżorsi u kwistjonijiet amministrattivi | 40 |

| | | |
|-------------|---|-----------|
| 2.7.7. | L-Akkwisti u l-Kuntratti..... | 43 |
| 2.7.8. | Sigurtà | 46 |
| 2.8. | Previżjoni tal-baġit – Abbozz tal-Baġit 2013 | 48 |

1. Sommarju Eżekuttiv

L-Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja twaqqfet permezz tar-Regolament (UE) Nru 1077/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 (ĠU L 286, 01.11.2011, p.1) li daħal fis-seħħ fil-21 ta' Novembru 2011. Ir-Regolament jistipula li l-Aġenzija ser tiegħu f'idejha r-responsabilitajiet ewlenin tagħha mill-1 ta' Diċembru 2012.

L-iskop ta' dan il-Programm ta' F'idma Annwali huwa li jiddeskrivi l-attivitajiet imwettqa mill-Aġenzija fl-2013, jittrasforma l-għanijiet strateġiċi tal-Aġenzija f'għanijiet annwali u jipprovdi bażi għall-ippjanar tal-baġit.

Il-kompitu ewlieni tal-Aġenzija ser ikun li tiżgura l-ġestjoni operattiva tal-VIS u l-EURODAC u li tlesti t-tnejniet biex tiegħu f'idejha l-operazzjonijiet tas-SIS II. Barra minn hekk, l-attivazzjoni tas-SIS II skedata għal Marzu 2013 ser tkun kisba kruċjali. L-Aġenzija ser ikollha bżonn tiżgura li ħejjet ruħha bis-siġħ biex tilqa' l-kompitu impenjattiv ta' ġestjoni ta' din is-sistema kritika minn dak iż-żmien 'l hemm.

Fuq perjodu ta' żmien medju, l-Aġenzija ser tiżviluppa wkoll sistemi ta' informazzjoni ġodda fuq skala kbira f'dan il-qasam politiku, jekk l-istrumenti leġislattivi rilevanti jstabbilixxu hekk.

Għadd ta' żviluppi ekonomiċi, politiċi u teknoloġiċi ser ikollhom impatt qawwi fuq l-istrateġija fuq perjodu ta' żmien medju sa twil tal-Aġenzija u l-mod kif dawn jinbidlu f'għanijiet operattivi għall-2013. Il-kriżi ekonomika ħalliet impatt notevoli fuq il-baġits nazzjonali u minħabba s-sarju sejħiet għal responsabilità u effiċjenza ikbar fl-oqsma kollha ta' politika tal-UE. Għaldaqstant, l-Aġenzija ser ikollha turi biċ-ċar il-benefiċċji tal-investimenti u l-infiq tagħha u turi li kapaċi tipprovdi valur għall-flus b'mod sistematiku. Fattur ieħor huwa l-instabilità politika f'ċerti pajjiżi tal-Afrika ta' Fuq u l-Lvant Nofsani. L-influssi tal-massa ta' persuni minn dawn il-pajjiżi lejn l-UE, flimkien ma' xejriet ġodda fi flussi migratorji lejn l-UE xejtu dawl fuq l-importanza li jkun hemm sistemi tal-IT effettivi implimentati sabiex jiġu ġestiti l-fruntieri esterni u titjeb il-kooperazzjoni mal-awtoritajiet rilevanti. Barra minn hekk, xejtu dawl ukoll fuq il-viżibilità politika ta' dawn is-sistemi.

L-Aġenzija ser tħabbat wiċċha wkoll ma' sfidi minħabba l-komplessità tas-sistemi tal-IT f'dan il-qasam politiku, li ġejjin min-numru ta' partijiet interessati u l-għanijiet u r-rekwiżiti ambizzjużi tal-partijiet interessati.

1.1. Għanijiet Strateġiċi

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, l-erba' għanijiet strateġiċi tal-Aġenzija huma dawn li ġejjin:

1. Il-konsolidazzjoni tal-istruttura u l-koeżjoni tal-Aġenzija

Biex jiġu implimentati l-miżuri meħtieġa bil-għan li tiġi żgurata governanza tajba u jissaħħu l-kooperazzjoni u l-binja tat-tim fi ħdan l-Aġenzija, biex jiġi pprovdut servizz konsistenti għal għanijiet li jolqtu l-unitajiet u s-siti differenti tal-Aġenzija.

2. It-triq biex l-Aġenzija ssir ċentru ta' eċċellenza

Biex jitrawmu u jitjebu l-kompetenzi u l-aħjar prattiki fi ħdan l-organizzazzjoni u jiġu implimentati governanza, struttura, riżorsi, għodod tal-informazzjoni, proċeduri u metodoloġiji effettivi bil-għan li l-Aġenzija tkun tista' timxi 'l quddiem ħalli ssir ċentru ta' eċċellenza għall-ġestjoni u l-iżvilupp ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, ġustizzja u sigurtà. Parti importanti minn dan il-proċess ser ikun l-iżgurar li jkun hemm allinjament tal-għanijiet tan-negozju u tal-ICT, billi tiġi implimentata Governanza tal-Impriża tal-ICT.

3. Tħejjijiet biex l-Aġenzija tieġu l-kontroll fuq sistemi oħrajn

Soġġetta għall-adozzjoni tal-bażijiet legali għall-Programm tal-Vjaġġaturi Rreġistrati u s-Sistema ta' Dħul/Fruġ, huwa possibbli li l-Aġenzija tintalab tibda tiżviluppa dawn is-sistemi sa mill-2015. L-Aġenzija diġà għandha tibda tippjana minn qabel, b'mod strateġiku, billi tantiċipa l-infrastruttura speċifika tagħha, ir-rekwiżiti ta' persunal u tal-organizzazzjoni, filwaqt li tieġu f'kunsiderazzjoni l-informazzjoni finanzjarja fil-proposti leġislattivi għal dawn is-sistemi.

4. Ħidma bla heda biex tiġi ottimizzata l-kosteffiċenza

Biex timxi lejn it-tiftix proattiv għall-iktar modi effettivi biex jiġi pprovdut il-livell meħiteg ta' servizz jew eċċellenza teknika għall-operazzjonijiet interni tal-Aġenzija stess u għas-sistemi tal-IT amministrati minnha. Dan jinkludi l-analiżi tal-kamp ta' applikazzjoni sabiex jiġu ffrankati l-ispejjeż għall-partijiet interessati.

1.2. Għanijiet operattivi ewlenin

Il-pedamenti, l-infrastrutturi u l-funzjonijiet bażiċi ta' din l-Aġenzija ġew implimentati fl-2012 u dan ippermettilha timplimenta l-kompiti ewlenin ta' ġestjoni operattiva tagħha għaż-żewġ sistemi diġà amministrati minnha. Minn kmieni fl-2013 'il quddiem, l-Aġenzija ser tibda tidħol f'fażi iktar proattiva.

Wieħed mill-ewwel passi li jridu jittieħdu f'din id-direzzjoni ser ikun li tiġi implimentata governanza adegwata biex jiġi żgurat allinjament tal-għanijiet tan-negozju u ICT tal-Aġenzija u l-foqien ta' valur minn żviluppi tan-negozju bl-informatika billi jiġu implimentati standards u mudelli tan-negozju rikonoxxuti f'dan il-qasam, primarjament il-Governanza tal-Impriża tal-mudell tal-ICT, livelli ta' maturità essenzjali tal-qafas COBIT għall-governanza informatika u l-aħjar Prattiki għall-ġestjoni tas-servizz informatiku mill-ITIL. L-Aġenzija ser taħdem ukoll sabiex timplimenta ġestjoni totali tal-kwalità, bil-għan ta' implimentazzjoni sħiħa ta' ISO 9001 fit-terminu medju.

Wara r-reklutaġġ tal-ewwel 75 membru tal-persunal fl-2012, kif previst fil-Pjan ta' Stabbiliment u l-baġit tal-Aġenzija tal-2012, fl-2013 ser jiġu reklutati 45 membru ieħor tal-persunal.

L-għanijiet operattivi ewlenin tal-Aġenzija fl-2013 huma kif ġej:

1.2.1. Il-Ġestjoni Operattiva tas-Sistemi

L-Aġenzija ser twettaq il-kompiti kollha meħtieġa għall-ġestjoni operattiva tal-VIS u l-EURODAC, biex tiżgura kontinwità tal-operazzjonijiet 24 siegħa kuljum, sebat ijiem fil-ġimgħa u tagħmel it-tnejn finali biex tieġu f'idejha l-ġestjoni operattiva tas-SIS II. Sa minn Marzu 2013 ser twettaq ukoll il-kompiti kollha meħtieġa għat-tħaddim ta' din is-sistema.

Fir-rigward tax-xogħol imwettaq minn kuntratturi marbut ma' dawn is-sistemi, fil-bidu l-Aġenzija ser ikollha x'taqsam biss mas-superviżjoni operattiva. Ser tieġu f'idejha r-responsabilità finanzjarja u kuntrattwali mill-mument li tingħata indipendenza finanzjarja.

- Prijorità speċifika minnhom għas-SIS II fl-2013 ser tkun it-tnejn metikoluża biex l-Aġenzija tieġu f'idejha t-tħaddim ta' din is-sistema, sabiex tiżgura li l-indikaturi meħtieġa tal-livell tas-servizz jintlaħqu bis-sħiħ sa mill-bidu nett.
- Il-Kummissjoni ser ittemm il-proċeduri għall-konklużjoni tal-kuntratt ta' manutenzjoni tas-SIS II f'isem l-Aġenzija. L-Aġenzija ser tnejn ruħha biex tieġu f'idejha l-aspetti operattivi ta' dan il-kuntratt (superviżjoni tat-tnejn għall-manutenzjoni tas-sistema u x-xogħol propju ta' manutenzjoni sa minn Marzu 2013).

- L-għanijiet speċifiċi għall-VIS fl-2013 ser jinkludu l-iżgurar li l-karatteristiċi tekniċi tal-VIS ser ikunu lesti jappoġġjaw tnedija globali. L-Aġenzija ser tkun responsabbli wkoll mis-sorveljanza u l-monitoraġġ tax-xogħol fil-kuntratt għaż-żamma tal-VIS f'kundizzjoni tajba tax-xogħol u mbagħad ser tiegħu f'idejha r-responsabilità għax-xogħol f'dan il-kuntratt biex tagħgorna l-VIS. Finalment, l-Aġenzija ser tiżgura wkoll l-ittestjar b'suċċess tal-VISMAIL 2 sa tmiem is-sena.
- Fir-rigward tal-EURODAC, prijorità ewlenija minnhom għall-Aġenzija fl-2013 ser tkun li tiżgura t-tneħħija ta' din is-sistema mil-Lussemburgu u tmur fi Strasburgu u Sankt Johann im Pongau fil-bidu tas-sena. Dan ser jinkludi s-superviżjoni operattiva tax-xogħol tal-kuntratturi fil-qafas tal-kuntratti ta' akkwist marbutin ma' din it-tneħħija, pereżempju, fir-rigward ta' kwalunkwe tagħmir ieħor tal-informatika li jista' jkun meħtieġ. It-tieni prijorità ewlenija ser tingħata lit-tnedija tal-implimentazzjoni tal-bidliet fis-sistema previsti fir-Regolament imfassal mill-ġdid, soġġetti għall-adozzjoni ta' dan l-istrument.

1.2.2. Integrazzjoni tal-utenti l-ġodda tas-sistemi

Prijorità waħda ser tkun li tingħata assistenza lill-Kroazja fil-preparazzjonijiet tekniċi tagħha għall-adeżjoni fis-sistemi tal-IT amministrati mill-Aġenzija li issa qegħdin jintensifikaw fid-dawl tal-preparazzjonijiet tagħha għall-adeżjoni fl-UE f'nofs l-2013. Attivitajiet oħrajn f'dan il-qasam ser jinkludu l-għoti ta' assistenza lil Ċipru fil-preparazzjonijiet tiegħu biex fl-2013 ikun teknikament lest biex jintegra fis-SIS II u l-VIS. L-integrazzjoni propja ta' Ċipru f'dawn is-sistemi tista' ssejtn biss ladarba jintlaħqu l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-applikazzjoni tal-partijiet kollha tal-acquis ta' Schengen, kif previst fl-Att tal-Adeżjoni tal-2003. Anki għadd ta' Stati Membri oħrajn ser ikollhom bżonn l-għajnuna fi kwistjonijiet tekniċi marbutin mal-integrazzjoni tagħhom fil-ġejjieni fis-SIS II. Dan japplika b'mod partikolari għar-Renju Unit u l-Irlanda li aktarx ser titegra f'din is-sistema mill-2014 'il quddiem.

1.2.3. Sigurtà u l-infrastruttura tal-komunikazzjoni

L-Aġenzija ser iddaħħal fis-sejtn u timplimenta miżuri ta' sigurtà u miżuri dwar il-kontinwità kummerċjali għall-organizzazzjoni tagħha stess, għas-sistemi li ser tamministra u għan-netwerks tal-komunikazzjonijiet għal dawn is-sistemi, u twestaq kwalunkwe kompiti oħrajn tas-sigurtà previsti fir-Regolament bażiku u l-istrumenti legali għas-sistemi tal-IT.

Dwar l-infrastruttura tal-komunikazzjoni għas-sistemi tal-IT amministrati mill-Aġenzija, fil-bidu, l-Aġenzija ser tkun responsabbli mis-superviżjoni, is-sigurtà u l-koordinazzjoni tar-relazzjonijiet bejn l-Istati Membri u l-fornitur tan-netwerk għall-infrastruttura tal-komunikazzjoni għall-EURODAC u l-VIS. Dan ser ikun il-każ ukoll għall-infrastruttura tal-komunikazzjoni għas-SIS II wara li din is-sistema tibda topera f'Marzu 2013. L-Aġenzija ser tiżgura wkoll li l-fornituri esterni tan-netwerk mis-settur privat jirrispettaw bis-sħiħ il-miżuri ta' sigurtà u li ma jkollhom ebda aċċess għad-dejta operattiva fis-sistemi tal-IT.

1.2.4. Monitoraġġ, rapportar u Statistika

L-Aġenzija ser tipproduċi r-rapportar u l-istatistiki dwar l-użu tas-sistemi tal-IT amministrati minnha u tissorvelja l-funzjonament tagħhom, kif previst fil-bażijiet legali għal dawn is-sistemi tal-IT u rifless fir-Regolament bażiku. Ser tirrapporta b'mod regolari lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar il-funzjonament tekniku tas-sistemi, inkluża s-sigurtà tagħha u ser tipprovdi lill-Kummissjoni bl-informazzjoni li teħtieġ għall-evalwazzjoni regolari tal-VIS, l-EURODAC u s-SIS II.

1.2.5. Taħriġ

L-Aġenzija ser ttipprovi taħriġ fl-użu tekniku tas-SIS II, il-VIS u l-EURODAC lill-awtoritajiet Nazzjonali li jieħdu sehem f'dawn is-sistemi. Ser ttipprovi wkoll taħriġ għall-persunal li juża SIRENE (SIRENE- Talba għal Informazzjoni Supplimentari fid-Dħul Nazzjonali) u taħriġ għall-membri tat-tim ta' evalwazzjoni u l-esperti ewlenin ta' Schengen dwar l-aspetti tekniċi tas-SIS II. Fil-punt 2.6.5 iktar 'l isfel ser tingħata iktar informazzjoni dwar l-organizzazzjoni tat-taħriġ fuq dawn is-sistemi u l-passi li jridu jittieħdu biex tiġi żgurata kooperazzjoni bejn il-bosta Aġenziji tal-UE involuti (is-CEPOL għat-taħriġ tal-awtoritajiet ta' infurzar tal-liġi dwar s-SIS II u SIRENE u s-CEPOL u l-FRONTEX għat-taħriġ tal-evalwaturi ta' Schengen).

1.2.6. Kooperazzjoni ma' Aġenziji oħrajn

Il-kooperazzjoni ma' Aġenziji oħrajn bħas-CEPOL, l-EASO, l-ENISA, l-EUROJUST, l-EUROPOL, il-FRONTEX u l-FRA ser tkompli għaddejjja fl-2013. Ser jitħejja pjan ta' azzjoni li jistabbilixxi regoli u għanijiet ċari għall-kooperazzjoni ma' kull waħda minn dawn l-Aġenziji. Il-komplimentarjetà ser tkun prijorità ewlenija f'ħafna minn dawn ir-relazzjonijiet. L-Aġenzija ser tieħu f'kunsiderazzjoni l-istandards Ewropej u internazzjonali wkoll, b'mod partikolari l-Istrateġija tal-UE għall-Ġestjoni tal-Informazzjoni u ser issegwi l-iżviluppi fil-Mudell Ewropew għall-Iskambju ta' Informazzjoni.

1.2.7. Monitoraġġ tar-riċerka u osservazzjoni tat-teknoloġija

L-Aġenzija ser tnedi attivitajiet għall-monitoraġġ tar-riċerka u osservazzjoni tat-teknoloġija fl-2013, u r-riżultati minnhom ser jgħinu fit-teħid ta' deċiżjonijiet dwar kwistjonijiet tekniċi u għanijiet kummerċjali. Kif intqal iktar 'il fuq, l-implimentazzjoni ta' qafas xieraq ta' governanza ser tiżgura li r-riżultati ta' dan ix-xogħol ikunu orjentati lejn l-ilħuq tal-għanijiet kummerċjali tal-Aġenzija.

1.2.8. Komunikazzjonijiet

L-Aġenzija ser torganizza attivitajiet ta' komunikazzjoni fuq l-inizjattiva tagħha stess fl-oqsma li jaqgħu taħt il-kompiti tagħha, inkluż it-twaqqif ta' websajt. Ser tkun involuta wkoll fl-organizzazzjoni tal-kampanja Informattiva tas-SIS II fl-2013. Il-Kummissjoni tipprevedi wkoll li tinvolvi lill-esperti ta' SIRENE fit-tħejjija tal-kampanja tas-SIS II permezz tal-Kumitat tas-SIS VIS għall-Formazzjoni SIRENE.

1.2.9. Ġestjoni finanzjarja, infrastrutturi, loġistika u amministrazzjoni

L-Aġenzija ser tikkonsolida t-timijiet u l-proċeduri finanzjarji tagħha, bil-għan li tikseb indipendenza finanzjarja matul is-sena u tieħu approċċ iktar proattiv biex tiżgura l-valur għall-flus fi ħdan il-firxa sħiħa tal-attivitajiet tagħha.

Matul il-faġi inizjali tal-operazzjonijiet tal-Aġenzija, qabel tingħata indipendenza finanzjarja, għadd ta' kuntratti, inklużi l-kuntratti tal-MWO għas-SIS II u l-VIS imsemmija fil-punti 2.6.1.1 u 2.6.1.2 ser jiġu konklużi mill-Kummissjoni f'isem l-Aġenzija. Ladarba l-Aġenzija tingħata indipendenza finanzjarja, ser tieħu f'idejha r-responsabilità għall-kwistjonijiet finanzjarji marbutin ma' dawn il-kuntratti.

L-Aġenzija ser taħdem fuq il-bażi ta' pjan tal-akkwisti li ser jiġi kkomunikat lill-Bord ta' Tmexxija. Il-Bord ta' Tmexxija ser ikun mgħarraf ukoll dwar is-sejħiet ewlenin għall-offerti. L-esperti tal-Istati Membri jistgħu jiġu mistiedna fuq bażi ta' każ b'każ biex jipprovdu kompetenzi tekniċi għat-tfassil tad-dokumenti u l-proċeduri tal-offerti.

Il-prijoritajiet ewlenin fil-qasam tal-ġestjoni tal-bini u l-loġistika ser ikunu l-iżgurar li kemm ix-xogħol fuq wieħed mill-bini permanenti f'Tallinn kif ukoll ix-xogħlijiet għal aġġornament ulterjuri fis-sit tekniku fi Strasburgu sabiex jintlaħqu r-rekwiżiti tal-ġejjieni jżommu mal-iskeda.

Iktar informazzjoni dwar l-għanijiet operattivi speċifiċi ta' din l-Aġenzija u indikaturi relatati, inklużi l-għanijiet fissi għall-kompiti amministrattivi essenzjali mhux imsemmija iktar 'il fuq jingħataw fil-punt 2.7 ta' din il-programm ta' ħidma.

1.2.10. Appoġġ lill-Bord ta' Tmexxija u lill-gruppi Konsultattivi

L-istruttura amministrattiva tal-Aġenzija ser tipprovdi appoġġ kontinwu lill-Bord ta' Tmexxija u għall-ħidma tal-gruppi Konsultattivi.

- Il-Bord ta' Tmexxija ser ikompli jiżgura li l-Aġenzija tibqa' twestaq dmirijietha fil-kompiti stabbiliti għaliha fir-Regolament bażiku bl-iktar mod kosteffiċenti, filwaqt li tiegħu f'kunsiderazzjoni l-għanijiet strateġiċi tat-terminu medju. Minbarra l-approvazzjoni ta' dokumenti standard fiċ-ċiklu tal-ħajja annwali tal-baġit u tal-ippjanar, il-kwistjonijiet speċifiċi li l-Bord ta' Tmexxija jrid jiddeċiedi dwarhom fl-2013 ser jinkludu kwistjonijiet marbutin mat-tnejn għall-bini permanenti f'Tallinn u l-implimentazzjoni tax-xogħlijiet fuq is-sit tekniku fi Strasburgu. Ser ikollu japprova wkoll deċiżjonijiet marbutin mat-tnejn tal-EURODAC (ara wkoll il-punt 1.2.9 dwar il-miżuri biex tgħarraf lill-Bord ta' Tmexxija dwar kwistjonijiet marbutin mal-akkwisti).
- Il-prijoritajiet għall-Gruppi Konsultattivi fl-2013 ser jinkludu l-iżgurar li l-VIS kapaċi tilħaq ir-rekwiżiti tekniċi tat-tnejn madwar id-dinja li se ssejtni fil-ġejjieni, is-segwitu tal-bidu tal-operazzjonijiet tas-SIS II, iż-żieda fl-użu ta' din is-sistema, kwistjonijiet tekniċi marbutin mar-rilokazzjoni tal-EURODAC mil-Lussemburgu għal Strasburgu u Sankt Johann im Pongau u l-adattament tal-EURODAC biex tiegħu f'kunsiderazzjoni r-Regolament li ser jiffassal mill-ġdid fil-ġejjieni. Prijorità oħra għall-gruppi kollha ser tkun il-preparazzjonijiet tekniċi għall-adeżjoni f'dawn is-sistemi ta' Stati Membri ġodda, b'mod partikolari l-Kroazja, l-integrazzjoni ta' pajjiżi bħar-Renju Unit u l-Irlanda fis-SIS II u t-tnejn biex jiġi żgurat li Ċipru hija teknikament lesta biex tissieħeb fis-SIS II u l-VIS.

1.2.11. Ħarsa ġenerali lejn l-implimentazzjoni ta' dawn l-għanijiet fid-dawl tar-riskji ewlenin

L-għanijiet stabbiliti għal din l-Aġenzija huma impenjattivi u l-aspettattivi mill-partijiet interessati huma ferm ambizzjużi. Matul l-2013, l-Aġenzija hi mistennija tmur lil hinn malajr mill-missjoni bażika tagħha li tħaddem is-sistemi tal-IT, bil-għan li ssir ċentru ta' eċċellenza li jaħdem b'sistemi ferm speċjalizzati f'ambjent tekniku u ta' partijiet interessati kumpless. B'halma hu l-każ fi kwalunkwe ambjent kummerċjali kumpless, hemm riskji marbutin mal-operazzjonijiet tal-Aġenzija. Ġew identifikati numru ta' riskji kritiċi fil-qasam tar-riżorsi finanzjarji, id-disponibilità tal-bini u t-transizzjoni lejn l-indipendenza finanzjarja. Hemm pjanijiet ta' azzjoni fis-sejtni sabiex jiġu indirizzati dawn ir-riskji kollha. L-Aġenzija ser tissorvelja mill-qrib l-implimentazzjoni ta' dawn il-pjanijiet ta' azzjoni u kwalunkwe żviluppi fil-ġejjieni fl-iskopertura għar-riskju. L-ogħla prijorità ser tinxtiehet fuq il-konsolidazzjoni tat-tijiet u l-implimentazzjoni tal-proċeduri ta' governanza meħtieġa sabiex l-Aġenzija tkun tista' twestaq il-funzjonijiet kollha tagħha filwaqt li tamministra b'mod effettiv ir-riskji marbutin mal-operazzjonijiet tagħha. Fid-dawl ta' dak li ntqal iktar 'il fuq, il-maniġment tal-Aġenzija huwa kunfidenti li l-Aġenzija ser tilħaq l-aspettattivi tal-partijiet interessati sabiex tissodisfa l-għanijiet u l-iskopijiet tagħha.

2. Parti Ġenerali

2.1. Introduzzjoni

L-Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja twaqqfet permezz tar-Regolament (UE) Nru 1077/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 (ĠU L 286, 01.11.2011, p.1) li daħal fis-seħħ fil-21 ta' Novembru 2011. Ir-Regolament jistipula li l-Aġenzija ser tiegħu f'idejha r-responsabilitajiet ewlenin tagħha mill-1 ta' Diċembru 2012.

Il-Programm ta' F'idma Annwali tal-Aġenzija għas-sena ta' wara għandu jiġi adottat mill-Bord ta' Tmexxija sat-30 ta' Settembru ta' kull sena, skont it-termini speċifiċi tal-Artikolu 12 tar-Regolament bażiku, wara li jirċievi l-opinjoni tal-Kummissjoni. Imbagħad, il-programm ta' f'idma adottat jintbagħat lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni mill-Bord ta' Tmexxija u jiġi ppubblikat. Skont ir-Regolament bażiku, il-programm ta' f'idma annwali għandu jiġi ppubblikat fil-lingwi uffiċjali kollha tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni.

L-għan tal-Programm ta' F'idma Annwali huwa li jiddeskrivi u jaqbel dwar l-attivitajiet li għandhom jitwettqu mill-Aġenzija fis-sena inkwistjoni, biex jiġu implimentati l-kompiti msemmija fil-Kapitolu II tar-Regolament imsemmi hawn fuq. L-iskop tiegħu hu li jittrasforma l-għanijiet strateġiċi tal-Aġenzija f'għanijiet annwali u jipprovdi bażi għall-ippjanar tal-baġit.

Għaldaqstant, dan il-Programm ta' F'idma u l-implimentazzjoni tiegħu huma marbutin mill-qrib mat-tnejn u l-implimentazzjoni tal-Abbozz tal-Baġit tal-Aġenzija għall-2013, li jiġġustifika l-allokazzjoni tal-mezzi għal titoli, kapitoli u artikoli speċifiċi.

Kif intqal iktar 'il fuq, din l-Aġenzija l-ġdida twaqqfet fi tmiem l-2011. Il-pedamenti, l-infrastrutturi u l-funzjonijiet bażiċi ta' din l-Aġenzija ġew implimentati fl-2012, biex b'hekk tkun tista' twettaq il-kompiti ċentrali tagħha għall-ġestjoni operattiva tal-VIS u l-EURODAC u għat-tnejn biex tiegħu f'idejha l-operat tas-SIS II minn Marzu 2013.

Dan il-Programm ta' F'idma jiddeskrivi l-kompiti tal-Aġenzija fl-2013, bil-għan li:

- L-Aġenzija tipprovdi b'mod kontinwu s-servizzi ċentrali għall-ġestjoni u t-tħaddim tas-sistemi tal-IT li hija responsabbli għalihom
- Tlesti l-passi finali fil-bini u l-konsolidazzjoni tal-organizzazzjoni
- Timxi 'l quddiem f'fażi iktar proattiva, filwaqt li tiegħu f'kunsiderazzjoni l-kuntest u l-għanijiet strateġiċi deskritti fil-punt 2.5 iktar 'il isfel.

2.2. Missjonijiet u valuri tal-Aġenzija

Il-missjoni ċentrali tal-Aġenzija hija li tiżgura t-tħaddim bla heda li ma jaqtax tas-sistemi tal-IT Ewropej fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja.

Fit-terminu medju, ser tiżviluppa wkoll sistemi ta' informazzjoni ġodda fuq skala kbira f'dan il-qasam politiku, jekk jiġi stipulat hekk mill-istrumenti leġislattivi rilevanti.

Is-sistemi amministrati mill-Aġenzija ser jagħtu kontribut importanti għaż-żamma tas-sigurtà u l-moviment f'idejha bejn il-fruntieri interni ta' Schengen u lejn iż-Żona Schengen.

L-attivitajiet kollha tal-Aġenzija huma mmexxija b'intelligence teknoloġika u ekonomika.

L-Aġenzija tiżgura li l-attivitajiet tagħha jitwettqu filwaqt li tiġi żgurata ġestjoni finanzjarja solida.

L-Aġenzija hija korp affidabbli ta' ġestjoni operattiva, irrispettata bis-sħiħ mill-Istati Membri u partijiet interessati oħrajn fis-sistemi amministrati minnha.

Il-persunal tal-Aġenzija u l-livell għoli ta' kompetenza u professjonaliżmu tiegħu huma fil-qalba tal-effikaċja u l-affidabilità tagħha. L-Aġenzija ser tħaddan politiki fi f'dan l-organizzazzjoni tagħha biex tiżgura li tibqa' impjegatur kompetittiv u li l-ħiliet tal-persunal tagħha jiġu sfruttati bis-sħiħ.

Fl-attivitajiet kollha tagħha, l-Aġenzija tiżgura konformità sħiħa mar-rekwiżiti legali, inklużi, b'mod partikolari, id-dispożizzjonijiet dwar is-sigurtà u l-protezzjoni tad-dejta applikabbli għas-sistemi amministrati minnha.

2.3. Viżjoni

Ċentru ta' eċċellenza għall-iżvilupp u l-ġestjoni operattiva ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, il-forniment ta' servizzi kosteffiċenti tal-ogħla livell, il-garanzija ta' kontinwità tal-operazzjonijiet u l-għoti ta' viżjoni strateġika tat-teknoloġiji, soluzzjonijiet u applikazzjonijiet meħtieġa biex jiġu sodisfatti l-aspettattivi tal-ġejjieni tal-partijiet interessati.

2.4. Kuntest tal-politika u ħarsa ġenerali lejn l-istrateġija

It-twaqqif ta' din l-Aġenzija diġà kien previst fl-istrumenti leġislattivi għas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-Tieni Ġenerazzjoni (SIS II) adottati fl-2006-2007 u r-Regolament dwar il-VIS adottat fl-2008. F'Dikjarazzjonijiet Konġunti tat-tliet istituzzjonijiet dawr il-ġestjoni fit-tul ta' dawn is-sistemi, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill stiednu lill-Kummissjoni biex tippreżenta minnufih il-proposti meħtieġa u impenjaw ruħhom li jadottawhom fil-ħin biex l-Aġenzija tkun tista' tibda bl-attivitajiet tagħha bis-sħiħ sal-2012. Dawn l-impenji politiċi ġew irrispettati.

Il-ħolqien tal-Aġenzija seħħ fil-kuntest politiku tal-programm ta' Stokkolma u l-pjan ta' azzjoni li jimplimenta dan il-programm, li jstabilixxu l-qafas għat-tweġiba tal-UE għall-isfidi l-kbar f'dan il-qasam politiku u jfasslu għadd ta' żviluppi ewlenin fil-ġestjoni tal-fruntieri u s-sigurtà tul il-perjodu li ġej.

Barra minn hekk, l-Istrateġija tas-Sigurtà Interna (ISS) adottata fi Frar 2010 tidentifika "[i]t-tiżi sħiħ tas-sigurtà permezz tal-ġestjoni tal-fruntieri" bħala wieħed mill-ħames 5 għanijiet strateġiċi fejn l-UE tista' tgħid valur miżjud reali tul l-erba' snin li jmiss.

Għadd ta' żviluppi ekonomiċi, politiċi u teknoloġiċi ser iħallu impatt importanti fuq l-istrateġija fit-terminu medju u fit-tul tal-Aġenzija u l-mod li bih dawn jiġu ttrasformati f'għanijiet operattivi għall-2013.

Il-kriżi ekonomika attwali diġà ġabet magħha tnaqqis notevoli fil-baġit fil-livell tal-Istati Membri u sejnet għal responsabilità u effiċjenza ikbar fost l-oqsma kollha ta' politika. Din is-sitwazzjoni aktarx li se tkompli sew fit-terminu medju, b'limitazzjonijiet serji u skrutinju ikbar fuq investimenti ġodda fit-teknoloġiji tal-informazzjoni, kemm fil-livell tal-Unjoni Ewropea kif ukoll f'dak tal-Istati Membri. Għaladqstant, ser tkun sfida importanti li jintwerew lill-partijiet interessati u s-soċjetà ġenerali dawk il-benefiċċji tal-investimenti u l-infiq li saru mill-Aġenzija, biex tiġi prodotta evidenza ċara tal-valur miżjud, il-kosteffiċjenza, il-ġestjoni finanzjarja solida tagħha u l-potenzjal li għandha biex tiffiranka l-ispejjeż għall-Istati Membri permezz tal-applikazzjoni ta' teknoloġiji ġodda u l-introduzzjoni ta' proċessi iktar effiċjenti għas-sistemi amministrati minnha. Dan ser ikun ifisser, pereżempju, mixja lejn bidu kajman u espansjoni li tikber bil-mod il-mod f'dak li għandu x'jaqsam ma' investimenti f'sistemi ġodda u l-iżvilupp tagħhom.

Għadd ta' fenomeni politiċi u soċjali ser ikompli jħallu impatt fuq l-ambjent tas-sistemi tal-IT amministrati mill-Aġenzija. L-iżviluppi politiċi fil-pajjiżi terzi ġirien tul l-aħħar sena, b'mod partikolari l-instabilità f'ċerti pajjiżi tal-Afrika ta' Fuq u l-Lvant Nofsani, wasslu għal influssi tal-massa ta' persuni fil-fruntieri tan-Nofsinhar tal-UE u, b'mod iktar ġenerali, xejriet u sfidi ġodda fil-flussi migratorji lejn l-Unjoni. Dawn l-iżviluppi żiedu b'mod notevoli l-viżibilità ta' kwistjonijiet ta' ġestjoni tal-fruntieri esterni, u xejtu dawl fuq l-importanza li jkun hemm sistemi effettivi għall-ġestjoni tal-fruntieri, iż-żamma tas-sigurtà, il-ġestjoni effettiva tal-applikazzjonijiet għal asil u l-implimentazzjoni ta' proċessi għall-ħruġ ta' viżi.

Għaldaqstant, is-sistemi amministrati mill-Aġenzija ser ikunu viżibbilment ċari u taħt skrutinju mill-qrib.

L-Aġenzija ser tassisti lill-Kroazja fit-tnejniet teniċi tagħha biex tissieħeb fis-sistemi tal-IT amministrati mill-Aġenzija li issa qed jintensifikaw fid-dawl tat-tnejniet tagħha għall-adeżjoni fl-UE f'nofs l-2013. L-Aġenzija ser tassisti wkoll lil Ċipru fit-tnejniet tiegħu biex ikun teknikament lest fl-2013 sabiex jintegra ruħu fis-SIS II u l-VIS. L-integrazzjoni propja ta' Ċipru f'dawn is-sistemi tista' ssejtn biss ladarba jintlaħqu l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-applikazzjoni tal-partijiet kollha tal-acquis ta' Schengen, kif stipulat fl-Att tal-Adeżjoni tal-2003. Għadd ta' Stati Membri oħrajn ser jeħtieġu wkoll għajnuna fi kwistjonijiet tekniċi marbutin mal-integrazzjoni tagħhom fil-ġejjieni fis-SIS II. Dan japplika b'mod partikolari għar-Renju Unit u l-Irlanda li aktarx ser jintegraw ruħhom fis-sistema mill-2014 'il quddiem.

Il-qafas kumpless tas-sistemi tal-IT amministrati mill-Aġenzija, kemm f'termini tan-numru ta' partijiet interessati u l-ġeometrija varjabbli¹ fejn ċerti Stati Membri mhux ser ikunu meħtieġa jivvotaw fil-Bord ta' Tmexxija tal-Aġenzija fir-rigward ta' ċerti sistemi, jeħtieġ ukoll li jiġu implimentati strutturi ta' governanza effettiva. L-Aġenzija trid tikkonsolida malajr l-organizzazzjoni u t-timijiet tagħha u turi l-ħila tagħha li taqdi l-ħtiġijiet tal-partijiet interessati, filwaqt li tiegħu f'kunsiderazzjoni sħiħa l-interessi u l-prijoritajiet tal-UE. Kif diġà ntqal iktar 'il fuq, ser ikun hemm aspettattivi għoljin għall-Aġenzija f'termini ta' valur miżjud.

L-iskala u l-komplessità tas-sistemi tal-IT f'dan il-qasam politiku jimponu wkoll sfidi tekniċi enormi. Barra minn hekk, il-partijiet interessati tagħhom jistennew soluzzjonijiet tal-ogħla żvilupp tekniku f'termini ta' funzjonalitajiet, żmien għat-tweġiba u l-kontinwità tal-operazzjonijiet. Il-ħeffa tal-bidla teknoloġija fis-settur informatiku hija kemm sfida kif ukoll opportunità. L-Aġenzija ser tilqa' dan b'mod proattiv billi timplimenta proċeduri ta' governanza, strutturi u proċessi adegwati biex tkun tista' tapplika b'mod effettiv teknoloġiji innovattivi biex tappoġġja n-negozji u l-ħtiġijiet tal-utenti u żżid l-effiċjenza tal-proċeduri amministrattivi tagħha stess. Uħud mill-eżempji tal-oqsma li jridu jiġu eżaminati huma l-bijometrika u l-avvanzi teknoloġiċi li ser itejbu l-prestazzjoni, l-affidabilità u l-flessibilità tas-sistemi.

Kif ġie spjegat f'iktar dettall fil-punt 2.6.1.4 iktar 'l isfel, l-Aġenzija aktarx li tkun f'data wkoll bl-iżvilupp u l-ġestjoni ta' sistemi tal-IT ġodda, b'mod partikolari, il-Programm tal-lvvaġġaturi Rreġistrati u s-Sistema ta' Dħul/ħruġ, li għaliha fl-2012 għandhom jiġu ppreżentati proposti leġiżlattivi. Sistemi oħrajn minbarra l-qasam ta' ġestjoni tal-fruntieri, bħal għodod għall-

¹ L-oqsfa legali ta' SIS II, VIS u EURODAC huma kkaratterizzati minn ġeometrija varjabbli, terminu użat biex jiddena l-fatt li ċerti Stati Membri jew ma jiddux sehem affattu f'waħda jew bosta mis-sistemi, jew jieħdu sehem b'mod parzjali biss. Pereżempju, l-Irlanda u r-Renju Unit jieħdu sehem fl-EURODAC iżda huma involuti biss fis-SIS II għal aspetti li kienu jaqgħu taħt it-tielet pilastru, mhux għal aspetti ta' moviment liberu. Dawn iż-żewġ Stati Membri ma jiddux sehem fil-VIS. Min-naħa l-oħra, id-Danimarka hija involuta fl-istrumenti tas-SIS II u l-VIS li kienu jaqgħu taħt l-ewwel pilastru skont il-liġi internazzjonali u fl-Eurodac skont ftehim internazzjonali. Għadd ta' pajjiżi mhux mill-UE, primarjament l-Islanda, in-Norveġja, l-Isvizzera u l-Liechtenstein huma assoċjati mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen u għaldaqstant jipparteċipaw kemm fis-SIS II kif ukoll fil-VIS. Huma assoċjati wkoll mal-implimentazzjoni ta' miżuri marbuta mal-Eurodac u jipparteċipaw fl-Eurodac.

iskambju ta' dejta għall-għieda kontra l-kriminalità transkonfinali eventwalment isiru r-responsabilità tal-Aġenzija fit-terminu medju.

Tajjeb li meta nħarsu 'l quddiem, inżommu f'rasna l-imgħoddi. Spiss hemm idea negattiva dwar proġetti informatiċi amministrati mis-settur pubbliku kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll internazzjonali, minħabba għadd ta' każijiet ferm viżibbli ta' dewmien u inġuq akbar milli ppjanat li se nħew fl-imgħoddi reċenti. L-Aġenzija trid tibni fuq dawn l-esperjenzi u t-tagħlimiet fi proġetti informatiċi kbar oħrajn u tiżgura governanza riġida, ippjanar rigoruż, u monitoraġġ mill-qrib tal-implimentazzjoni tal-proġetti li hija responsabbli għalihom flimkien ma' miżuri tal-akkwisti effiċjenti.

Sfida waħda li spiss titfaċċa fi proġetti bħal dawn hija l-kisba tal-bilanċ it-tajjeb bejn il-flessibilità u l-limiti tal-baġit u taż-żmien. F'qasam politiku bħal-libertà, il-ġustizzja u s-sigurtà, il-partijiet interessati f'sistemi tal-IT kbar jistennew grad għoli ta' flessibilità dwar ir-rekwiżiti u s-soluzjonijiet tekniċi magħżula għal proġetti kurrenti, sabiex jieħdu f'kunsiderazzjoni kemm it-talbiet tal-politiki f'evoluzzjoni kostanti kif ukoll l-aħħar żviluppi teknoloġiċi, standards tas-sigurtà u salvagwardji dejjem ikbar għall-protezzjoni tad-dejta. Dan huwa l-każ b'mod partikolari meta jseħħu avvenimenti ferm viżibbli bħal attakki terroristiċi jew influssi ta' migrazzjoni tal-massa, li spiss jirriżultaw fl-introduzzjoni mgħaġġla ta' miżuri ta' politika ġodda bħala għieda għat-tali fenomeni (inter alia billi titħaffef il-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet responsabbli). Sfida importanti għall-Aġenzija ser tkun sabiex turi l-livell meħtieġ ta' flessibilità għall-iżvilupp u l-adattament tas-sistemi li hija responsabbli għalihom, filwaqt li tibqa' kosteffiċenti u tnaqqas kemm jista' jkun l-impatt fuq it-twaqqit.

Il-partijiet interessati diġà għandhom għadd ta' aspettattivi identifikati b'mod ċar għal titjib fil-ġejjieni fis-sistemi tal-IT li huma amministrati mill-Aġenzija. Kompitu ewlieni għall-Aġenzija fl-2013 ser ikun li tiżgura implimentazzjoni fil-ħin ta' żieda notevoli fil-kapaċità fis-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża.

Anki l-protezzjoni tad-dejta u s-sigurtà tad-dejta ser ikunu fil-qalba tal-prijoritajiet tal-Aġenzija. L-Aġenzija ser tkun meħtieġa tiżgura rispett strett tad-dispożizzjonijiet kollha ta' protezzjoni tad-dejta u tas-sigurtà li japplikaw għas-sistemi tal-IT li tamministra u ser tkun soġġetta wkoll għal awditjar regolari f'dawn l-oqsma speċifiċi.

Sa mill-bidu tal-2013 l-Aġenzija hi mistennija tikseb kontroll assolut fuq il-funzjonijiet bażiċi marbutin mal-ġestjoni operattiva tal-VIS u l-EURODAC, filwaqt li tiżgura li jaħdmu bla waqfien 24/7. Sa mill-bidu tal-2013, ser ittemm it-tfejjiet finali biex tiegħu f'idejha l-ġestjoni operattiva tas-SIS II u timxi 'l quddiem biex issir ċentru stabbilit ta' eċċellenza.

2.5. Għanijiet strateġiċi li jirriflettu l-viżjoni fit-terminu medju tal-Aġenzija

L-għanijiet strateġiċi ewlenin għall-Aġenzija għall-2013 u wara deskritti hawn taħt jirriflettu l-kuntest politiku u l-ħarsa ġenerali deskritti fil-kapitolu ta' qabel.

2.5.1. Għan Strateġiku 1: Il-Konsolidazzjoni tal-istruttura u l-koeżjoni tal-Aġenzija

Biex jiġu implimentati l-miżuri meħtieġa bil-għan li tiġi żgurata governanza tajba u ħalli tissaħħaħ il-kooperazzjoni u l-bini tat-tim, sabiex jiġi pprovdut servizz konsistenti fuq għanijiet li huma komuni għall-unitajiet u s-siti differenti tal-Aġenzija.

Il-kompiti ewlenin f'dan il-qasam ser ikunu r-reklutaġġ ta' iktar riżorsi umani, il-konsolidazzjoni ta' proċeduri interni, bil-għan li tinkiseb struttura amministrattiva effiċjenti u li taħdem sew u attivitajiet ta' tisħiħ tat-tim. Anki l-ħidma skont l-Għan Strateġiku 2 biex jiġi żgurat allinjament

tal-għanijiet kummerċjali u teknoloġiċi ser tagħti kontribut importanti għall-kisba ta' dan l-għan.

Kif previst fil-Pjan ta' Stabbiliment tal-Aġenzija u l-baġit tal-2013, fl-2013 għandhom jinħatru 45 membru tal-persunal, flimkien mal-75 membru tal-persunal li għandhom jinħatru sa tmiem l-2012.

Dawn il-membri tal-persunal ser jinħatru mill-mezzi ta' reklutaġġ li ġejjin:

1. Il-lista ta' riżerva msawra bħala tveġiba għas-*Sejħa Miftuħa għall-espressjoni ta' interess* għall-Maniġment, Sigurtà, Speċjalisti tal-Informatika u Appoġġ u Assistenza tal-Informatika ppubblikata fit-23 ta' Novembru 2011,
2. Il-ġabra ta' applikazzjoni riċevuta bħala tveġiba għal avviż mibgħut lill-iggradwati li diġà kienu fil-listi ta' riżerva eżistenti tal-EP SO
3. Il-lista ta' riżerva msawra bħala tveġiba għas-*Sejħa Miftuħa għall-espressjoni ta' interess* għal persunal tekniku b'esperjenza fil-ġestjoni ta' unitajiet ċentrali ta' sistemi tal-IT relatati ma' Schengen u Dublin (SIS 1, VIS u EURODAC) ippubblikata fit-30 ta' April 2012.
4. Il-listi ta' riżerva msawra bħala tveġiba għall-pubblikazzjoni tal-avviżi ta' postijiet battala sabiex jimtlew il-pożizzjonijiet ta' Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Dejta, Uffiċjal tas-Sigurtà u Uffiċjal tal-Kontabilità, ippubblikata fl-10 ta' Mejju 2012.

Il-proċedura permezz tas-*Sejħa Miftuħa għall-espressjoni ta' interess* waslet fi tmiemha matul is-sajf tal-2012 u rriżultat fit-twaqqif ta' listi ta' riżerva, li ġew approvati mill-Awtorità li Taħtar matul Lulju u kmieni f'Awwissu 2012.

Hu mistenni li sa tmiem l-2012, l-Aġenzija ser tkun laħqet il-mira tagħha li taħtar il-75 membru tal-persunal previsti għall-2012 fil-Pjan ta' Stabbiliment u l-baġit tal-Aġenzija².

Kmieni fl-2013, l-Aġenzija ser tiffoka fuq il-ħatra tal-45 membru tal-persunal li jifdal, kif previst mill-Pjan ta' Stabbiliment u l-baġit. F'dak iż-żmien, il-persunal tal-Aġenzija ser jinkludi Uffiċjali u Assistenti tar-Riżorsi Umani (maħtura fit-tieni simestru tal-2012). Għaldaqstant, il-ġestjoni tal-proċess ta' reklutaġġ ser jitwettaq direttament mill-persunal tal-Aġenzija.

Hemm ukoll bżonn addizzjonali urġenti għal Persunal tal-Aġenzija sabiex tiġi żgurata l-ġestjoni ta' kodiċi kkriptati. Skont l-Artikolu 7 tar-Regolament bażiku (kompiti marbutin mal-infrastruttura tal-komunikazzjoni), fornitur estern tan-netwerk mis-settur privat "*għandu jkun marbut mill-miżuri ta' sigurtà msemmija fil-paragrafu 4 u ma għandu ikollu ebda aċċess għad-data operattiva tas-SIS II, tal-VIS, jew l-Eurodac, jew għall-iskambju tas-SIRENE relatat mas-SIS II*". Dan l-Artikolu jstabbilixxi wkoll li l-ġestjoni tal-kodiċi kkriptati għandhom jibqgħu fi ħdan il-kompetenza tal-aġenzija u ma għandhomx jiġu esternalizzati lil xi entità esterna mis-settur privat. Għaldaqstant, it-tagħmir kriptografiku għandu jibqa' taħt il-ġestjoni operattiva sħiħa tal-Aġenzija. Soġġett għall-approvazzjoni formali ta' baġit addizzjonali u allokkazzjonijiet għall-persunal għal dawn il-kompiti fil-kuntest ta' pjan multiannwali revedut tal-politika dwar il-

² Ir-reklutaġġ ta' persunal fuq il-lista ta' riżerva għas-sejħa miftuħa għal espressjonijiet ta' interess imsemmija iktar 'il fuq tnediet minnufih wara l-approvazzjoni tal-listi ta' riżerva. Sa mid-29 ta' Awwissu 2012, saru 50 offerta għax-xogħol. L-ewwel membru tal-persunal maħtur mill-Aġenzija beda jaħdem f'Lulju 2012 fil-bini tad-DG Affarijiet Interni.

Barra minn hekk, il-proċedura ta' reklutaġġ biex jinħatar numru limitat ta' persunal tekniku b'esperjenza fil-ġestjoni ta' unitajiet ċentrali tas-sistemi tal-IT relatati ma' Schengen u Dublin (SIS 1, VIS u EURODAC) hi mistennija titlesta sa tmiem Settembru 2012. L-offerti għax-xogħol ser isiru eżatt wara.

Finalment, il-listi ta' riżerva għall-karigi ta' Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data, Uffiċjal tas-Sigurtà u Uffiċjal tal-Kontabilità huma mistennija jkunu disponibbli sa tmiem l-2012.

persunal u l-abbozz preliminari tal-baġit għall-2014, ir-reklutaġġ ta' iktar persunal biex iħaddem it-tagħmir kriptografiku għan-netwerk u għall-ġestjoni, l-ittestjar u l-evoluzzjonijiet għall-ġestjoni ta' kodiċi kkriptati għandu jiġi previst mill-2014. Bħalissa huwa stmat li għal dawn il-kompiti jistgħu jkun hemm bżonn ta' madwar 30 kariga).

Jekk jittieħed f'kunsiderazzjoni n-numru totali ta' oġġetti tat-tagħmir kriptografiku u n-numru ta' siti għall-proġetti SIS II, VIS u EURODAC, huwa stmat li hemm bżonn ta' 21 operatur għat-tħaddim tal-kodiċi kkriptati 24/7 għal dawn il-proġetti. Il-persunal l-ieħor ikun meħtieġ għall-ġestjoni, l-ittestjar u l-evoluzzjoni attivi tas-soluzzjonijiet ipprovduti.

Illum, s-SIS II tinkludi madwar 150 oġġett tat-tagħmir kriptografiku f'50 sit, VIS 180 -tagħmir kriptografiku f'60 sit u Eurodac 60 -tagħmir kriptografiku fi 30 sit. Barra minn hekk, biex tkun żgurata d-disponibilità kritika tat-tagħmir kriptografiku, sett sħiħ u żejjed ta' pjattaformi ta' ġestjoni kriptografika ġie skjerat fiż-2 siti operattivi tal-Aġenzija. Dan jeħtieġ preżenza permanenti fuq bażi ta' 24/7 ta' 2 operaturi kriptografiċi fis-sit ewlieni u 1 ta' riżerva is-sit ta' riżerva, li jfisser 21 operatur. (Is-soltu huwa supponut li preżenza permanenti ta' membru wieħed tal-persunal 24/7 jeħtieġ 7 Ekwivalenti għall-Full Time jekk jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-btala, mard, ħin tax-xogħol, iż-żmien ta' permanenza u rkupru.)

Dawn l-operaturi huma inkarigati mill-monitoraġġ kontinwu u mill-ġestjoni ta' inċidenti. Minbarra l-persunal tal-operatur, soluzzjoni kriptografika teħtieġ ġestjoni, ittestjar u evoluzzjonijiet attivi. Minħabba l-għamla kritika tas-servizzi li jiddependu fuq it-tagħmir kriptografiku, tim minn bosta dixxiplini ta' esperti jrid jieħu ħsieb il-ġestjoni tal-prodott, l-integrazzjoni man-netwerk u l-applikazzjonijiet, il-ġestjoni tal-bidla u r-rilaxx, il-manutenzjoni u l-appoġġ. Dan jeħtieġ tim addizzjonali ta' 5 sa 10 membri tal-persunal, skont il-kumplessità tat-tagħmir kriptografiku.

Bl-eċċezzjoni tar-riżorsi msemmija hawn fuq, u soġġett għal approvazzjoni, ma hu previst ebda reklutaġġ ieħor għall-perjodu 2014-2015 għall-kompiti marbutin mal-ġestjoni operattiva tal-VIS, is-SIS II jew l-EURODAC.

Skont ir-riżultati ta' valutazzjoni tal-impatt u soġġett għall-adozzjoni ta' bażijiet legali għall-Programm tal-Vjaġġaturi Rreġistrati u s-sistemi ta' Dħul/Ħruġ, hemm il-possibilità li l-Aġenzija jkollha bżonn ta' riżorsi umani mill-2015 'il quddiem biex tiżviluppa l-Programm tal-Vjaġġaturi Rreġistrati u s-sistemi ta' Dħul/Ħruġ. Matul l-2013, l-Aġenzija għandha tibda teżamina x-xenarji għal rekwiżiti ta' riżorsi fil-ġejjieni għall-iżvilupp ta' dawn iż-żewġ sistemi.

It-taħriġ tal-persunal tal-Aġenzija ser ikun prijorità importanti wkoll. Dan ser jinkludi taħriġ ta' introduzzjoni għall-membri l-ġodda tal-persunal u iktar taħriġ, skont il-bżonn u konformi ma' pjanijiet ta' taħriġ imfassla b'mod speċifiku għal kull membru tal-persunal. Il-persunal tekniku ser jgħaddi minn valutazzjoni tal-ħiliet u r-rekwiżiti tagħhom. Dan ser ikun segwit minn taħriġ speċifiku fuq kwistjonijiet tekniċi marbutin mas-sistemi tal-IT u l-ambjent kummerċjali tagħhom. Ser ikun hemm taħriġ speċifiku għall-maniġment ukoll, inkluż taħriġ fuq l-għanijiet kummerċjali tas-sistemi. Fl-aħħar iżda mhux l-inqas, ser ikun hemm enfasi qawwija fuq attivitajiet ta' bini tat-tim bil-għan li jiġu kkonsolidati t-timijiet, tinxteħet enfasi partikolari fuq timijiet li jestendu fuq siti differenti. Ġew stabbiliti għanijiet biex jiġi żgurat li numru għoli biżżejjed ta' speċjalisti finanzjarji jitħarrġu bis-sħiħ malajr kemm jista' jkun.

L-Aġenzija ser tibqa' tistinka bla heda biex tiżgura li l-proċessi amministrattivi tagħha jevolvu b'konformità mal-bidliet fil-proċeduri u r-regolamenti tal-UE u prattiki tajbin li jkunu għadhom kif feġġew.

2.5.2. Għan Strateġiku 2: It-triq biex l-Aġenzija ssir ċentru ta' eċċellenza

Biex jitrawmu u jitjiebu l-kompetenza u l-aħjar prattiki fi ħdan l-organizzazzjoni u jiġu implimentati governanza, struttura, riżorsi, għodod tal-informazzjoni, proċeduri u metodoloġiji effettivi biex l-Aġenzija tkun tista' timxi 'l quddiem ħalli ssir ċentru ta' eċċellenza għall-ġestjoni u l-iżvilupp ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta'

libertà, ġustizzja u sigurtà. Dan ser jinvolvi wkoll l-iżgurar ta' netwerking effettiv ma' aġenziji, korpi u awtoritajiet oħrajn li jaħdmu f'oqsm relatati u, b'mod partikolari, ma' dawk stabbiliti fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja.

Fl-2013, ser jiġu implimentati l-pedamenti inizjali ta' eċċellenza. L-Aġenzija ser tibda billi timplimenta governanza adegwata biex tiżgura allinjament tal-għanijiet kummerċjali u tal-ICT u l-ħolqien ta' valur mill-iżviluppi kummerċjali li jħaddmu l-informatika. Dan ser jinkiseb permezz ta' pjan ta' azzjoni ddefinit fl-2012 għall-implimentazzjoni ta' Governanza tal-Impriża ta' ICT³ li ser tinvolvi wkoll l-implimentazzjoni ta' livelli ta' maturità essenzjali tal-qafas COBIT⁴ għall-governanza tal-informatika fl-2013. L-Aġenzija ser tibni b'mod progressiv fuq din il-ħidma fis-snin ta' wara. L-Aġenzija ser timplimenta wkoll l-aħjar Prattiki fil-ġestjoni tas-servizzi informatiċi minn ITIL⁵, b'mod partikolari fir-rigward tat-tħaddim tas-sistemi tal-IT.

Attività importanti oħra f'dan il-qasam ser tkun il-ħidma lejn l-implimentazzjoni tal-ġestjoni tal-kwalità totali, bil-għan li ISO 9001 jiġi implimentat bis-sħiħ fit-terminu medju.

Din il-ħidma ser tinvolvi wkoll il-konsolidazzjoni tal-istrutturi, ir-riżorsi umani u l-proċessi ta' ġestjoni tal-informazzjoni tal-Aġenzija għall-osservazzjoni tat-teknoloġija u monitoraġġ strutturat ta' żviluppi teknoloġiċi u ekonomiċi ġodda li ser iseħħu fil-ġejjieni (ara l-punt 2.6.6). L-Aġenzija ser tiegħu sehem ukoll fl-attivitajiet ta' netwerking qsim tal-kompetenzi għal dawn il-fini.

Fl-istess ħin, l-Aġenzija ser tapplika wkoll metodoloġiji xierqa bil-għan li timplimenta teknoloġiji ġodda b'mod kosteffettiv għall-operazzjonijiet tagħha stess u għas-sistemi amministrati minnha, tikkoopera mill-qrib mal-partijiet interessati. L-ottimizzazzjoni tas-sistemi ta' ġestjoni tal-għarfien ser tkun importanti wkoll biex ikun jista' jsir skambju effettiv u l-użu ta' informazzjoni diġà disponibbli fi ħdan l-Aġenzija. Ir-riżultati tal-osservazzjoni tat-teknoloġija u l-monitoraġġ tar-riċerka ser jikkontribwixxu għal proċessi oħrajn ta' teħid ta' deċiżjonijiet u ħidma preparatorja tal-Aġenzija, inklużi rekwiżiti, speċifikazzjonijiet u proċeduri tal-offerti. Minħabba l-għamla tas-sistemi amministrati mill-Aġenzija tal-Informatika u ż-żmien għall-implimentazzjoni tal-bidliet, l-iktar minħabba formalitajiet tal-baġit u tal-akkwist, aktarx li l-iktar impatt importanti fuq l-utenti aħħarin se jseħħ fit-terminu medju u, b'mod partikolari, għall-ewwel ġenerazzjoni tas-sistemi li għandhom jiġu żviluppanti mill-Aġenzija.

³ Kunċett ta' ġestjoni u standard internazzjonali li jipprova jiddefinixxi u jinkorpora proċessi u strutturi fi ħdan l-organizzazzjoni, sabiex jippermetti sija lin-negozji kif ukoll lin-nies li jaħdmu fl-informatika biex iwettqu r-responsabilitajiet tagħhom filwaqt li jimmassimizzaw il-valur maħluq mill-investimenti tagħhom marbutin mal-informatika.

⁴ Għanijiet ta' kontroll għal teknoloġija tal-informazzjoni u teknoloġija relatata (COBIT) huwa qafas maħluq mill-ISACA biex jappoġġja l-governanza tal-informatika billi jiġu ddefiniti u allinjati l-għanijiet kummerċjali mal-għanijiet tal-informatika u l-proċessi tal-informatika. Huwa sett ta' għodod ta' appoġġ li jippermetti lill-manigiers inaqqsu d-diskrepanza bejn ir-rekwiżiti ta' kontroll, il-kwistjonijiet tekniċi u r-riskji kummerċjali. COBIT jiddefinixxi 34 proċess ġeneriku għall-amministrazzjoni tal-informatika, flimkien mal-inputs u l-outputs tal-proċessi rispettivi tagħhom, l-attivitajiet tal-proċessi ewlenin, l-għanijiet, il-kejl tal-prestazzjoni tagħhom u mudell ta' maturità elementari.

⁵ ITIL huwa sett ta' Prattiki għall-ġestjoni tas-servizzi informatiċi (ITSM) li jiffoka fuq l-allinjament tas-servizzi informatiċi mal-ħtiġijiet tan-negozju. Fl-għamla attwali tiegħu on (ITILv3 / ITIL 2011 edition), jikkonsisti f'ħames pubblikazzjonijiet ewlenin, b'kull wieħed minnhom li jkopri stadju ta' ċiklu tal-ħajja ta' ITSM. ITILv3 huwa l-bażi ta' [ISO/IEC 20000](#), l-Istandard Internazzjonali għall-Ġestjoni tas-Servizzi għall-ġestjoni tas-servizzi informatiċi, għad li jeżistu differenzi bejn iż-żewġ oqfsa.

2.5.3. Għan Strateġiku 3: Tħejjijiet biex l-Aġenzija tiegħu l-kontroll fuq sistemi oħrajn

Biex tippjana b'mod strateġiku minn qabel għas-sistemi li l-Aġenzija aktarx li se tkun meħtieġa tiżviluppa u tamministra fit-terminu medju, bil-għan li tiddefinixxi r-rekwiżiti ta' riżorsi umani, tal-baġit u tal-infrastruttura.

Barra minn hekk, l-Aġenzija tista' tingħata r-responsabilità fuq it-tnejn, l-iżvilupp u l-ġestjoni operattiva ta' sistemi ta' informazzjoni fuq skala kbira oħrajn fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, jekk dan ikun stipulat mill-istrumenti leġislattivi rilevanti, skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 1(3) tar-Regolament bażiku.

L-Aġenzija ser tħares 'il quddiem, sabiex tantiċipa l-implikazzjonijiet ġenerali tas-sistemi tal-IT l-oħrajn li jista' jkollha tiżviluppa u tamministra fit-terminu medju u tkun f'pożizzjoni li tiżgura li tagħti l-kontribut tagħha fil-ħin għat-teħid ta' deċiżjonijiet fil-livell tal-Kummissjoni (l-iktar fuq ir-rekwiżiti tal-persunal, tal-baġit u tal-infrastruttura tal-Aġenzija). L-Aġenzija ser tiżgura wkoll li jkun hemm biżżejjed flessibilità fl-organizzazzjoni interna tagħha biex tiegħu l-passi ta' implimentazzjoni inizjali malajr kemm jista' jkun wara li jiġu adottati l-bażijiet legali rilevanti.

Il-prijoritajiet immedjati f'dan il-qasam, l-iktar dawk marbutin mal-Programm ta' Dħul/Ħruġ u l-Programm tal-Vjaġġaturi Rreġistrati huma indirizzati f'iktar dettall fil-punt 2.6.1.4.

2.5.4. Għan Strateġiku 4: Ħidma bla heda biex tiġi ottimizzata l-kosteffiċenza

Biex timxi lejn it-tiftix proattiv għall-iktar modi effettivi biex jiġi pprovdut il-livell meħtieġ ta' servizz jew eċċellenza teknika, kemm fir-rigward tal-operazzjonijiet tal-Aġenzija stess kif ukoll għat-twaqqif u l-ġestjoni ta' sistemi tal-IT ġodda. Dan l-għan jinkludi wkoll l-analiżi tal-kamp ta' applikazzjoni sabiex jiġu ffrankati l-ispejjeż għall-partijiet interessati.

Il-prijoritajiet ewlenin għal dan il-għan ser ikunu:

- L-implimentazzjoni ta' interfaċċja effettiva bejn attivitajiet ta' osservazzjoni tat-teknoloġija (fl-Għan 2) u proċeduri tal-akkwist u r-reviżjoni tal-prestazzjoni f'dan il-qasam, sabiex ikun hemm titjib kontinwu.
- Il-kisba ta' livell għoli ta' kompetenza fi ħdan l-organizzazzjoni dwar kwistjonijiet relatati mal-akkwisti fl-2013 u t-tiżiħ progressiv ta' din il-kompetenza biex tasal sal-ogħla livell tagħha (permezz ta' taħriġ, skambju ta' informazzjoni u tixrid ta' informazzjoni li tiġbor fil-qosor ir-regoli bażiċi u l-proċeduri). Fi ħdan l-Aġenzija ser jitwaqqfu wkoll servizzi konsultattivi adegwati dwar kwistjonijiet finanzjarji.
- Il-komunikazzjoni interna ser tinkludi wkoll azzjonijiet biex jiġi żgurat li l-prijorità ta' kisba ta' eċċellenza teknika u organizzazzjonali bl-iktar mod kosteffiċenti tiddaħnal fil-qalba tal-kultura tal-organizzazzjoni.

L-għanijiet operattivi tal-ġestjoni finanzjarja huma koperti fil-punt 2.6.8 u l-azzjonijiet PC1 et seq. fil-punt 2.7.

2.6. Għanijiet operattivi ewlenin

Dan il-punt jiddeskrivi l-għanijiet operattivi ewlenin tal-Aġenzija fl-2013. L-għanijiet operattivi speċifiċi fil-punt 2.7 jidhru f'iktar dettall hekk kif jipprovdu rabta ċara mal-prodotti potenzjali/riżultati u jkopru għadd ta' kompiti amministrattivi mhux koperti hawn taħt.

L-indikaturi tal-prestazzjoni għal ħafna minn dawn l-għanijiet speċifiċi, b'mod partikolari dawk marbutin mal-ġestjoni tas-sistemi, l-infrastruttura tal-komunikazzjoni jew is-sigurtà jingħataw direttament fil-punt 2.7. Dan japplika b'mod partikolari għal kompiti amministrattivi u ta' koordinazzjoni.

Arranġamenti komprensivi fuq il-livell ta' servizz li l-Aġenzija ser tiggarrantixxi lill-Istati Membri għall-ġestjoni tas-sistemi, l-infrastruttura tal-komunikazzjoni u s-sigurtà ser jiġu approvati mill-Bord ta' Tmexxija malajr kemm jista' jkun fl-2013. Dawn ser jinkludu indikaturi dettaljati, bil-għan li jiġi ggarantiti livell ta' servizz b'mod globali ekwivalenti għal, jew iktar minn, l-arranġamenti fis-seħħ ma' operaturi oħrajn qabel ma l-Aġenzija tiegħu f'idejha dawn l-attivitajiet⁶.

L-indikaturi li jinsabu f'dan id-dokument u dawk li għandhom jiġu żviluppati iktar tard ser jiffokaw fuq kriterji ewlenin bħall-puntwalità, il-kwalità tas-servizz, is-sodisfazzjoni tal-partijiet interessati u l-kisba tal-għan (forniment tal-prodott finali).

Il-partijiet interessati jeħtieġu kunfidenza u aspettattiva raġonevoli tal-prodotti finali u s-servizzi li għandhom jiġu pprovduti mill-Aġenzija. Għaldaqstant, il-prijoritajiet ġew stabbiliti filwaqt li ttieħdet f'kunsiderazzjoni l-kontribut mill-partijiet interessati. Dan l-abbozz tal-programm ta' ħidma ġie diskuss mill-Bord ta' Tmexxija fil-laqgħat tiegħu f'Marzu u Ġunju 2012 u l-opinjoni tal-Bord ittieħdu f'kunsiderazzjoni biex jiġu stabbiliti l-prijoritajiet f'dan il-programm. Il-portafoll tal-prodotti finali u s-servizzi spjegati f'dan il-programm ta' ħidma jibbilanċja l-ħtiġijiet tal-partijiet interessati, l-eżitu tal-eżerċizzju ta' analiżi tar-riskji u l-bżonn li jiġu rrispettati r-rekwiżiti fundamentali stabbiliti fir-Regolament bażiku għall-Aġenzija u l-bażijiet legali għas-sistemi li ser tħaddem.

L-għan ta' integrazzjoni tal-utenti l-ġodda tas-sistemi bħall-Kroazja, Ċipru, l-Irlanda u r-Renju Unit huwa kopert għal kull sistema individwali fil-punt 2.6.1.

2.6.1. Il-ġestjoni operattiva tas-Sistemi tal-IT u tħejjijiet għal sistemi tal-IT tal-ġejjieni

2.6.1.1. SIS II

Għat-tweqqif tal-attivitajiet kollha meħtieġa biex tiġi żgurata kontinwità tal-operazzjonijiet tas-SIS II mill-mument li fih tibda taħdem f'Marzu 2013. Dan ser jinkludi s-superviżjoni tal-ħidma tal-kuntrattur magħżul għall-kuntratt ta' manutenzjoni u l-bidu tal-attivitajiet ta' osservazzjoni tat-teknoloġija marbuta ma' dan il-proġett.

Sa tmiem l-2012, il-Pjan ta' Transizzjoni tas-SIS II, li għandu l-għan li jippermetti li jsir it-trasferiment tal-għarfien mill-kuntrattur ewlieni tal-iżvilupp (HPS) lejn CSIS⁷ li ser tiegħu f'idejha s-SIS II b'mod temporanju sakemm jiġu implimentati t-timijiet rilevanti tal-Aġenzija, għandu jkun ġie implimentat u l-kuntrattur ewlieni tal-iżvilupp ser ikun għadda s-SIS II lil CSIS.

⁶ Fir-rigward ta' VIS u EURODAC, l-infrastruttura tal-komunikazzjonijiet u s-sigurtà, l-Aġenzija ser ikollha żżomm il-livell ta' servizz li kien hemm fis-seħħ qabel ħadet is-sistemi f'idejha. Ser tiggarrantixxi wkoll livell ta' servizz ekwivalenti għal SIS II.

⁷ Is-Sit Ċentrali għas-sistema SIS II, amministrata mill-awtoritajiet Franċiżi fil-fażi transitorja sakemm l-Aġenzija tiegħu f'idejha l-proġett SIS II

Fil-perjodu sa Marzu 2013, l-Aġenzija ser tieġu kompletament f'idejha t-tħaddim tas-SIS II, inklużi s-segwitu tat-tħejjijiet finali għall-migrazzjoni, il-monitoraġġ tal-persunal ta' CSIS responsabbli mill-implimentazzjoni ta' dawn l-eżiti finali.

Minn Marzu 2013, jiġifieri meta s-SIS II għandha tibda titħaddem, l-Aġenzija ser issir responsabbli mill-ġestjoni operattiva tas-SIS II Ċentrali, billi tieġu f'idejha l-kompiti mogħtija lill-Awtorità tat-Tmexxija mir-Regolament (KE) Nru 1987/2006 u d-Deċiżjoni 2007/533/ĠAI. L-Aġenzija ser tkun responsabbli mill-kompiti kollha meħtieġa biex is-SIS II Ċentrali tibqa' taħdem 24 siegħa kuljum, sebat ijiem fil-ġimgħa skont ir-regolamenti msemmija hawn fuq, b'mod partikolari l-ħidma ta' manutenzjoni u l-iżviluppi tekniċi meħtieġa għat-tħaddim bla intoppi tas-sistema.

L-Aġenzija ser timplimenta u tapplika l-proċessi ta' Appoġġ u Forniment tas-Servizz biex tiżgura li l-Ġestjoni tas-Servizz Informatiku tkun allinjata ma' dawn l-operazzjonijiet kritiċi u b'disponibilità għolja. B'mod partikolari, l-Aġenzija ser tkun responsabbli mill-kompiti li ġejjin f'dan il-qasam:

- Proċessi ta' Appoġġ tas-Servizz tas-SIS II (ġestjoni tal-inċidenti, ġestjoni tal-problemi, ġestjoni tal-konfigurazzjoni, ġestjoni tal-bidla u ġestjoni tar-rilaxx)
- Proċessi ta' Forniment tas-Servizz tas-SIS II (Ġestjoni tad-Disponibilità, Ġestjoni tal-Kontinwità, Ġestjoni tal-Livell tas-Servizz, Ġestjoni tal-Kapaċità).

Ser tiġi pprovduta assistenza lill-Kroazja wkoll fit-tħejjijiet tekniċi tagħha għall-adeżjoni fis-SIS II li issa qegħdin jintensifikaw fid-dawl tat-tħejjijiet tagħha għall-adeżjoni fl-UE f'nofs l-2013. L-Aġenzija ser tipprovidi wkoll assistenza lil Ċipru fit-tħejjijiet tiegħu biex ikun teknikament lest fl-2013 sabiex jintegra ruħu fis-SIS II. L-integrazzjoni propja ta' Ċipru fis-SIS II tista' tibda biss ladarba jintlaħqu l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-applikazzjonijiet tal-partijiet kollha tal-acquis ta' Schengen, kif stipulat fl-Att tal-Adeżjoni tal-2003. Anki għadd ta' Stati Membri oħrajn ser ikollhom bżonn l-għajnuna fi kwistjonijiet tekniċi marbutin mal-integrazzjoni tagħhom fil-ġejjieni fis-SIS II, b'mod partikolari r-Renju Unit u l-Irlanda li aktarx li ser jintegraw fis-sistema mill-2014 'il quddiem.

Il-kuntratt għas-sejħa għall-offerti ppubblikat fl-2012 għall-manutenzjoni tas-SIS II wara l-Aċċettazzjoni tas-Sistema Finali għandu jiġi ffirmat mill-Kummissjoni f'isem l-Aġenzija fi tmiem Lulju 2013. L-Aġenzija ser tħejji ruħha biex tieġu f'idejha l-aspetti operattivi ta' dan il-kuntratt (superviżjoni tat-tħejjijiet għall-manutenzjoni tas-sistema u tal-ħidma propja ta' manutenzjoni minn Marzu 2013).

Qasam ta' prijorità minnhom, bil-għan li jsir titjib teknoloġiku fil-ġejjieni fis-SIS II, ser tkun il-bijometrika. Fil-bidu, ir-ritratti u l-marki tas-swaba ser jintużaw biss biex jikkonfermaw l-identità ta' persuna li tkun instabet permezz ta' tiftixa alfanumerika li saret fis-SIS II. L-istrumenti legali fis-SIS II jispeċifikaw ukoll li, hekk kif dan isir teknikament possibbli, il-marki tas-swaba jistgħu jintużaw ukoll biex tiġi identifikata t-tali persuna fuq il-bażi tal-identifikatur bijometriku tagħha⁸. Il-Kummissjoni hi meħtieġa mill-bażijiet legali sabiex tippreżenta rapport dwar din il-kwistjoni. L-Aġenzija lesta tagħti s-sehem tagħha f'dan ir-rapport jekk ikun hemm bżonn.

Ara wkoll l-għan operattiv speċifiku AM1 fil-punt 2.7.2. L-obbligi ta' rapportar għas-SIS II huma koperti fil-punt 2.6.3, attivitajiet ta' osservazzjoni tat-teknoloġija huma koperti fil-punt 2.6.5 u t-taħriġ ta' persunal ta' NS.SIS u SIRENE huwa kopert f'2.6.5 u l-għanijiet speċifiċi GC9 u 10.

⁸ L-Artikolu 22 b) u c) tar-Regolament u d-Deċiżjoni dwar SIS II. Qabel din il-funzjonalità tiġi implimentata f'SIS II, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport dwar id-disponibilità u t-tlestija tat-teknoloġija meħtieġa li fuqha għandu jiġi kkonsultat il-Parlament Ewropew.

2.6.1.2. VIS

L-Aġenzija ser tkun responsabbli mill-ġestjoni operattiva tal-VIS, l-iżgurar ta' kontinwità tal-operazzjonijiet. Ser tkun responsabbli wkoll sabiex tiżgura li l-karatteristiċi tekniċi tal-VIS ikunu jistgħu jsostnu tnedija madwar id-dinja. L-Aġenzija ser tissorvelja u tosserva wkoll il-ħidma ta' manutenzjoni fil-kuntratt għall-manutenzjoni tal-VIS f'kundizzjoni tajba għax-xogħol u ser tiegħu f'idejha r-responsabilità għax-xogħol f'dan il-kuntratt ta' aġġornament tal-VIS. Sa tmiem is-sena l-Aġenzija ser tiżgura wkoll l-ittejtjar b'suċċess tal-VISMAIL 2.

L-Aġenzija ser tkun responsabbli mill-ġestjoni operattiva tal-VIS. Dan ser jinkludi l-kompiti kollha meħtieġa biex il-VIS tibqa' taħdem 24 siegħa kuljum, sebat ijiem fil-ġimgħa skont ir-Regolament dwar il-VIS. Komponent ewlieni ta' dawn l-attivitajiet ser ikun ix-xogħol ta' manutenzjoni u l-iżviluppi tekniċi meħtieġa biex jiġi żgurat li l-funzjonijiet tas-sistema f'livell sodisfaċenti tal-kwalità operattiva, speċjalment fir-rigward taż-żmien meħtieġ għal interrogazzjoni tad-database ċentrali minn karigi konsulari, li għandu jkun qasir kemm jista' jkun.

L-Aġenzija ser timplimenta u tapplika l-proċessi ta' Appoġġ u Forniment tas-Servizz biex tiżgura li l-Ġestjoni tas-Servizz Informatiku tkun allinjata ma' dawn l-operazzjonijiet kritiċi u b'disponibilità għolja. B'mod partikolari, l-Aġenzija ser tkun responsabbli mill-kompiti li ġejjin f'dan il-qasam speċifiku:

- Proċessi ta' Appoġġ tas-Servizz tal-VIS (ġestjoni tal-inċidenti, ġestjoni tal-problemi, ġestjoni tal-konfigurazzjoni, ġestjoni tal-bidla u ġestjoni tar-rilaxx)⁹
- Proċessi ta' Forniment tas-Servizz tal-VIS (Ġestjoni tad-Disponibilità, Ġestjoni tal-Kontinwità, Ġestjoni tal-Livell tas-Servizz u Ġestjoni tal-Kapaċità)

Sa tmiem l-2012, ser tkun tlestiet it-tnedija tal-VIS fl-ewwel 3 Reġjuni (l-Afrika ta' Fuq, il-Lvant Nosani u l-Golf). It-tnedija f'reġjuni ġeografiċi oħrajn għandha sseħħ fl-2013, bil-possibilità li testendi fl-2014. Il-Kummissjoni ser tkun responsabbli mill-aspetti politiċi ta' din it-tnedija. Ir-responsabilità ewlenija tal-Aġenzija ser tkun li tiżgura li l-karatteristiċi tekniċi tal-VIS se jkunu jistgħu jappoġġjaw din it-tnedija madwar id-dinja. Bħala parti minn dan il-proċess, il-Grupp Konsultattiv tal-VIS ser jintalab jipprovi opinjoni dwar din il-kwistjoni.

Fir-rigward tal-ġestjoni finanzjarja, l-Aġenzija ser tkompli tissorvelja u tosserva l-ħidma ta' manutenzjoni fil-kuntratt għall-manutenzjoni tal-VIS f'kundizzjoni tajba għax-xogħol li ġie konkluż mill-Kummissjoni f'isem l-Aġenzija. Imbagħad ser tiegħu f'idejha wkoll ix-xogħol ta' aġġornament tal-VIS li hemm stipulat f'dan il-kuntratt. L-ewwel nett, l-għan ewlieni ta' dan l-aġġornament ser ikun l-aġġornament tas-sistema bħala tweġiba għat-talbiet tal-Istati Membri, speċjalment fir-rigward ta' kapaċità ikbar¹⁰, biex b'hekk jiġi sodisfatt l-obbligu legali fl-Artikolu 26 tar-Regolament dwar il-VIS (ġestjoni operattiva) ħalli jiġi żgurat li qed tintuża l-aħjar teknoloġija disponibbli għas-sistema. It-tieni għan ta' dan l-aġġornament ser tkun l-introduzzjoni ta' modifiki marbutin mal-implimentazzjoni tal-Kodiċi l-ġdid tal-Viża adottat fil-5 ta' Mejju 2010¹¹. Ser tingħata prijorità lill-ħidma għaż-żieda tal-kapaċità tal-VIS, sabiex

⁹ Id-database ta' ġestjoni tal-konfigurazzjoni għandha tiġi mantenuta u tinżamm aġġornata, kif ukoll il-Gwida għas-Soluzzjonijiet, id-Database tal-Għarfien u lista eżawstiva ta' Mistoqsijiet Spissi għall-utenti

¹⁰ Ir-rekwiżiti mistennija tal-kapaċità għat-tnedija finali huma ogħla b'mod notevoli meta mqabbla ma' daww antiċipati fl-istudju ta' fattibilità oriġinali li sar fl-2002.

¹¹ Fiż-żmien ġie deċiż li għandu jiġi ssoktat l-iżvilupp tal-VIS fuq il-bażi tal-ispeċifikazzjonijiet li dak iż-żmien kienu validi, sabiex jiġi evitat iżjed dewmien fil-proġett.

titlesta t-tnedija tal-VIS u jiġi żgurati livell stabbli ta' tħaddim u appoġġ lill-Istati Membri. L-Aġenzija ser tiegħu f'idejha kwistjonijiet kuntrattwali marbutin ma' dan il-kuntratt ladarba tingħata indipendenza finanzjarja.

Fil-bidu tal-2013 għandha titlesta għall-ittestjar il-verżjoni aġġornata tal-VIS Mail Relay (is-server Ċentrali) għall-fażi li jmiss (it-Tieni Fażi tal-VIS Mail). Ser ikun tlesta wkoll il-Pjan ta' Ttestjar tal-Applikazzjoni għat-Tieni Fażi żviluppat minn kuntrattur estern tal-Kummissjoni. Fl-istes sħin, l-Istati Membri għandhom ikunu lestew ix-xogħol fuq l-applikazzjonijiet nazzjonali tagħhom għal dan il-prodott finali.

L-Aġenzija ser tikkordina kawlnkwe attivitajiet li jifdal marbutin mal-iżvilupp tat-Tieni Fażi tal-VIS Mail, kif ukoll it-testijiet fuq it-Tieni Fażi tal-VIS Mail mal-Istati Membri. Dawn huma skedati li jsejtnu bejn Jannar u Lulju 2013. L-Aġenzija ser tagħti segwitu u tivvalida r-riżultati ta' dawn it-testijiet. Wara li t-testijiet kollha jintemmu b'suċċess, bejn Awwissu 2013 u Ottubru 2013, l-Aġenzija ser tiżgura l-integrazzjoni, it-tnejn u l-mixja lejn l-ambjent ta' produzzjoni (wara Deċiżjoni skont l-Artikolu 46 tar-Regolament dwar il-VIS). Skont l-iskeda, it-Tieni Fażi tal-VIS Mail għandha titlesta sa tmiem Ottubru 2013, li għandu jaħba mal-finalizzazzjoni tat-tnedija tal-VIS fir-reġjuni kollha¹². Imbagħad ser isir xogħol fuq l-integrazzjoni ta' Stati Membri ġodda li aktarx li ser jissieħbu fiż-Żona Schengen fil-futur qarib (pereżempju l-Kroazja u tnejniet biex jiġi żgurati li Ċipru ikun teknikament lest).

L-Aġenzija għandha tikkunsidra wkoll timplimenta Pjan ta' Kontinwità Kummerċjali li jieħu f'kunsiderazzjoni l-funzjonament mill-bidu sal-aħħar tas-sistemi nazzjonali kif ukoll tas-sistema ċentrali, filwaqt li jiġu kkunsidrati l-istrateġiji ta' kontinwità Kummerċjali mill-bidu sal-aħħar, l-aħjar prattiki u l-ittestjar għall-Istati Membri voluntiera.

Ara wkoll l-għan operattiv speċifiku AM2 (punt 2.7.2). L-attivitajiet ta' monitoraġġ, rapportar u statistiċi huma deskritti fil-punt 2.6.3 u l-osservazzjoni tat-teknoloġija hija koperta fil-punt 2.6.6.

2.6.1.3. EURODAC

Biex titħaddem id-database ċentrali tal-EURODAC f'isem l-Istati Membri b'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti dwar l-EURODAC, sabiex tiġi żgurata t-tneħħija tas-sistema mil-Lussemburgu għal Strasburgu u Sankt Johann im Pongau u sabiex tibda l-implimentazzjoni tal-bidliet fis-sistema previsti fir-Regolament imfassal mill-ġdid, soġġett għall-adozzjoni ta' dan l-istrument. Prijorità oħra ser tkun l-assistenza lill-Kroazja fit-tnejniet tekniċi tagħha għall-adeżjoni fl-EURODAC. L-Aġenzija ser tiżgura wkoll is-sorveljanza operattiva ta' kwalunkwe xogħol imwettaq mill-kuntratturi għall-kompiti msemmija hawn fuq, b'mod partikolari fir-rigward ta' xogħol addizzjonali ta' żvilupp u r-rilokazzjoni tas-sistema.

L-Aġenzija ser tkun responsabbli mit-tħaddim tad-database ċentrali tal-EURODAC f'isem l-Istati Membri, b'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti dwar l-EURODAC¹³.

Bħalissa għaddejnin in-negozjati fuq tifsila mill-ġdid li ġiet proposta għar-Regolament dwar l-EURODAC u hemm it-tama li tiġi adottata sa minn tmiem l-2012. Il-bidliet previsti fit-test attwali jinkludu l-immarkar ta' rekords (minflok imblokkar) u bidliet fil-limiti ta' żmien għall-Istati Membri sabiex jippreżentaw talba għal asil. Huwa possibbli li funzjonalitajiet oħrajn jinżammu fil-verżjoni adottata b'mod finali.

¹² Ma hemm ebda dispożizzjoni legali fuq id-dewmien eżatt tat-Tnedija Reġjonali tal-VIS, hekk kif dan jiddependi fuq l-Istati Membri u l-veloċità li biha jiskjeraw is-sistema. Għaldaqstant, għandu jkun magħruf li d-Deċiżjoni skont l-Art. 46 ser tittieħed biss meta t-tnedija reġjonali tkun kważi lesta u mhux bilfors eżatt 22 xahar wara l-attivazzjoni ta' VIS.

¹³ Ir-Regolamenti (KE) Nru 2725/2000 u (KE) Nru 407/2002.

L-Aġenzija ser timplimenta l-bidliet previsti fir-Regolament Imfassal mill-Ġdid sabiex tiżgura li l-bidliet tekniċi ser jużaw bl-aħjar mod it-teknoloġiji u l-proċessi ġodda. Hemm bżonn ta' studju ta' valutazzjoni minn qabel, sabiex jiġi identifikat b'mod ċar l-impatt tekniku (ħardwer, softwer, servizzi professjonali) u finanzjarju ta' dawn il-bidliet fuq is-sistemi attwali (CU - BCU - TEST). L-implimentazzjoni ta' dawn il-bidliet aktarx li ser iseħħu fl-2013, skont l-eżitu tal-istudju ta' valutazzjoni u l-proċedura tal-akkwisti.

Fl-2013, l-Aġenzija ser tiżgura wkoll it-tneħħija ta' din is-sistema mil-Lussemburgu biex tinstallaha fi Strasburgu u Sankt Johann im Pongau. Dan il-proċess ser jinkludi s-superviżjoni operattiva tax-xogħol tal-kuntratturi marbut ma' din it-tneħħija, l-iktar fir-rigward ta' kwalunkwe tagħmir informatiku li jista' jkun meħtieġ. Il-proċeduri tal-akkwist relatati ser jiġu konklużi mill-Kummissjoni f'isem l-Aġenzija. Ladarba l-Aġenzija tingħata indipendenza finanzjarja ser tieħu f'idejha r-responsabilità għall-aspetti finanzjarji u kuntrattwali.

Il-Kroazja għandha tissieħeb fl-EURODAC fl-2013. L-Aġenzija ser ikollha rwol importanti biex tagħti l-assistenza tagħha lill-Kroazja fiil-fażijiet tat-tneħħijiet tekniċi tagħha.

Ħafna mill-kuntratti attwali għall-EURODAC mal-Kummissjoni jiskadu fi tmiem l-2012 u għandhom bżonn jiġu estiżi / jiġġeddu. Il-proċeduri għal estensjoni, tiġdid u trasferiment lill-Aġenzija ta' dawn il-kuntratti ser jitlestew mill-Kummissjoni f'isem l-Aġenzija fl-2012. Fit-tneħħija u n-negozjar ta' dawn il-proċeduri u l-kuntratti, ser tingħata l-ogħla prijorità lill-kosteffiċenza.

Kompiti oħrajn tal-Aġenzija marbutin mal-EURODAC huma koperti fil-punti 2.6.2 Sigurtà u infrastruttura tal-komunikazzjoni, 2.6.3 Monitoraġġ, rapportar u statistiki u 2.6.6 (monitoraġġ tar-riċerka u osservazzjoni tat-teknoloġija). Il-prijorità ewlenija ta' osservazzjoni tat-teknoloġija marbuta mal-EURODAC għall-2013 ser tkun li jiġi żgurat li kwalunkwe bidliet tekniċi meħtieġa biex jiġu sodisfatti d-dispożizzjonijiet tal-istrument ta' tfassil mill-ġdid, ser jagħmlu l-aqwa użu mit-teknoloġiji u l-proċessi l-ġodda.

Ara wkoll l-għan operattiv speċifiku AM3 f'2.7.2.

2.6.1.4. Żvilupp possibbli u ġestjoni operattiva ta' sistemi oħrajn

Jekk il-bażijiet legali għall-Programm tal-Vjaġġaturi Rreġistrati u s-Sistema ta' Dħul/ħruġ jiġu adottati fl-2014, l-Aġenzija tista' tintalab tibda tiżviluppa dawn is-sistemi sa mill-2015. Għaldaqstant, huwa rakkomandat sabiex l-Aġenzija tistima r-rekwiżiti possibbli tagħha f'dak li għandu x'jaqsam mal-infrastruttura, il-persunal u l-organizzazzjoni, filwaqt li tieħu f'kunsiderazzjoni l-hemżiet finanzjarji tal-proposti leġiżlattivi għal dawn is-sistemi, bil-għan li jkun jistgħu jibdeu it-tneħħijiet malajr kemm jista' jkun, f'każ li għandhom jiġu adottati l-istrumenti legali.

Kif tħabbar fil-Komunikazzjoni dwar il-Fruntieri Intelliġenti tal-25 ta' Ottubru 2011¹⁴, il-Kummissjoni beħsiebha tippreżenta proposti fl-2012 għal żewġ strumenti leġiżlattivi li jistabbilixxu l-qafas legali għal dawn is-sistemi. Dawn il-proposti jinkludu dispożizzjonijiet li jafdaw lill-Aġenzija bl-iżvilupp u l-ġestjoni operattiva ta' Programm tal-Vjaġġaturi Rreġistrati u Sistema ta' Dħul/ħruġ. Skont il-pjanijiet attwali, hu previst li n-negozjati mal-Kunsill u l-Parlament għall-adozzjoni ta' dawn ir-regolamenti jistgħu jiġu komplimentati sa tmiem l-2014. Jekk dawn il-bażijiet legali jiġu adottati, u jekk l-adozzjoni sseħħ fi ħdan il-perjodu ta' żmien stmat, huwa previst li l-Aġenzija tkun tista' tibda taħdem fuq dawn is-sistemi sa mill-2015.

Fl-istess ħin, huwa possibbli li tiġi adottata emenda għar-Regolament tal-Aġenzija, bil-għan li tiġi ttrasferita r-responsabilità mill-Kummissjoni lejn l-Aġenzija ta' ċerti responsabilitajiet għall-

¹⁴ COM(2011)680

infrastruttura tal-komunikazzjoni u s-sigurtà fir-rigward ta' sistemi eżistenti u jiġi implimentat il-qafas għar-riżorsi meħtieġa mill-Aġenzija biex tiżviluppa s-sistemi l-ġodda.

Peress li jkun hemm bżonn li jiġi emendat l-Pjan ta' Stabbiliment tal-Aġenzija wkoll, fil-każ li jiġu adottati l-bażijiet legali għas-Sistema tal-Vjaġġaturi Rreġistrati u s-Sistema ta' Dñul/Ħruġ (bil-għan li l-Aġenzija tingħata r-riżorsi umani addizzjonali meħtieġa biex tiżviluppa dawn is-sistemi, huwa rakkomandat li fl-2013 isir pjan tentattiv minn qabel dwar dan.

Ix-xogħol fuq l-iżvilupp ta' dawn is-sistemi l-ġodda jinbeda biss jekk u meta l-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu adottaw il-bażijiet legali rispettivi, li jstabbilixxu biċ-ċar l-ispeċifikazzjonijiet. Madankollu, l-Aġenzija diġà missha tibda tippjana minn qabel bil-għan li tiddefinixxi rekwiżiti iktar speċifiċi f'termini ta' infrastruttura persunal u organizzazzjoni, filwaqt li tiegħu f'kunsiderazzjoni l-informazzjoni inkluża fl-hemżiet finanzjarji tal-proposti leġislattivi għal dawn is-sistemi.

Ara wkoll l-għan operattiv speċifiku AM4 fil-punt 2.7.2.

2.6.2. Sigurtà u l-infrastruttura tal-komunikazzjoni

2.6.2.1. Sigurtà

L-Aġenzija ser iddañhal fis-seħħ u timplimenta miżuri ta' sigurtà u miżuri għall-kontinwità kummerċjali għall-organizzazzjoni tagħha stess, għas-sistemi li ser tamministra u għan-netwerks ta' komunikazzjoni għal dawn is-sistemi, u ser twettaq kwalunkwe kompiti oħrajn tas-sigurtà previsti fir-Regolament bażiku u l-istrumenti legali għas-sistemi tal-IT.

Fl-2013, l-Aġenzija ser tlesti l-ħidma tagħha fuq il-kontinwità kummerċjali u l-pjan ta' rkupru minn diżastru għall-Aġenzija u ser tiffinalizza t-tnejjiet biex tiegħu f'idejha l-aspetti tas-sigurtà tas-SIS II.

Ser tiżgura wkoll l-implimentazzjoni u l-konformità sñiħa mal-bosta miżuri ta' sigurtà u pjanijiet tas-sigurtà għall-Aġenzija stess¹⁵, is-sistemi¹⁶ li ser tamministra (li jkopru kwistjonijiet bħall-organizzazzjoni tas-sigurtà, miżuri tekniċi inklużi miżuri biex tiġi żgurata l-protezzjoni ta' rekords, il-kontinwità kummerċjali, il-kontroll tal-aċċess, ir-responsabilità - l-iżgurar li kull aċċess għal dejta personali u skambju tagħha jiġu rreġistrati f'livell ċentrali, il-kooperazzjoni mal-KEPD u s-segwitu għall-awditjar tal-KEPD), in-netwerks ta' komunikazzjoni għal dawn is-sistemi¹⁷ (inklużi proċeduri u dispożizzjonijiet tas-sigurtà għall-kontinwità kummerċjali, il-ġestjoni ta' kuntratturi u l-ġestjoni ta' kodiċi kkriptati), u miżuri għall-protezzjoni tad-dejta fir-rigward tas-sigurtà għall-iskambju ta' informazzjoni addizzjonali permezz tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni tas-SIS II.

Barra minn hekk, l-Aġenzija ser twettaq kwalunkwe kompiti addizzjonali tas-sigurtà assenjati lilha skont l-istrumenti legali għas-sistemi li tħaddem bħar-rapportar regolari fuq kwistjonijiet tas-sigurtà fi ħdan il-qafas iktar ġenerali tar-rapportar fuq is-sistemi.

¹⁵ Il-Pjan ta' Sigurtà, il-Pjan ta' Rkupru minn Diżastru ladarba dan jiġi approvat, ir-rekwiżiti ta' kunfidenzjalità u ta' segretezza professjonali u r-regoli għall-persunal li jaħdem bid-dejta fis-sistemi.

¹⁶ Miżuri ta' sigurtà u pjanijiet tas-sigurtà għall-SIS II, il-VIS u l-EURODAC.

¹⁷ Miżuri ta' sigurtà u pjanijiet tas-sigurtà għan-netwerk ta' komunikazzjonijiet għall-SIS II, il-VIS u l-EURODAC imħejjija mill-Aġenzija.

Ara wkoll l-għanijiet operattivi speċifiċi dwar is-sigurtà (b'mod partikolari MAN3 fil-punt 2.7.1 u SE 2 u SE5 fil-punt 2.7.8).

2.6.2.2. Infrastruttura tal-komunikazzjoni

Fil-bidu, l-Aġenzija ser tkun responsabbli mis-superviżjoni, is-sigurtà u l-koordinazzjoni tar-relazzjonijiet bejn l-Istati Membri u l-fornitur tan-network għall-infrastruttura tal-komunikazzjoni għall-EURODAC, il-VIS u għas-SIS II wara li tibda titħaddem f'Marzu 2013. Ser tiżgura wkoll ir-rispett sħiħ tad-dispożizzjonijiet ta' protezzjoni tad-dejta dwar kwalunkwe aċċess għal dejta fis-sistema minn korpi esterni.

Huwa possibbli li l-kompetenzi tal-Aġenzija fir-rigward tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni (superviżjoni, sigurtà u koordinazzjoni tar-relazzjonijiet bejn l-Istati Membri u l-fornitur tan-network għas-SIS II, il-VIS u l-EURODAC) jiġu estiżi biex tkun tista' tiegħu f'idejha sistemi oħrajn u/jew tiegħu r-responsabilità għal kwistjonijiet finanzjarji f'dan il-qasam, soġġetta għal modifika tad-dispożizzjonijiet legali rilevanti.

Ladarba l-Aġenzija tiegħu f'idejha l-VIS u l-EURODAC u, minn Marzu 2013 meta ser tiegħu f'idejha s-SIS II, ir-responsabilità għall-infrastruttura tal-komunikazzjoni għal kull sistema rispettiva ser tinqasam bejn l-Aġenzija u l-Kummissjoni¹⁸. L-Aġenzija ser tkun responsabbli mis-superviżjoni, is-sigurtà u l-koordinazzjoni tar-relazzjonijiet bejn l-Istati Membri u l-fornitur tan-network għall-infrastruttura tal-komunikazzjoni għal dawn it-tliet sistemi.

Il-Kummissjoni ser tkun responsabbli mill-kompiti kollha l-oħrajn marbuta mal-infrastruttura tal-komunikazzjoni, b'mod partikolari l-kompiti marbuta mal-implimentazzjoni tal-baġit, ix-xiri u t-tiġdid u l-kwistjonijiet kuntrattwali¹⁹. Il-Kummissjoni ser tibqa' responsabbli wkoll mill-adozzjoni tal-miżuri ta' sigurtà u l-pjan ta' sigurtà għall-infrastruttura tal-komunikazzjoni għas-SIS II²⁰.

Skont ir-Regolament bażiku, il-kompiti marbutin mal-ġestjoni operattiva tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni jistgħu jiġu fdati lil entitajiet jew korpi esterni mis-settur privat skont ir-Regolament (KE, EURATOM) Nru 1605/2002. F'każ bħal dak, il-fornitur tan-network għandu jkun marbut bil-miżuri ta' sigurtà stabbiliti fl-istrumenti bażiċi għal kull sistema u ma għandu jkollu ebda aċċess għad-dejta operattiva fis-SIS II, il-VIS jew l-EURODAC. Bla ħsara għall-kuntratti eżistenti fin-network tas-SIS II, il-VIS u l-EURODAC, il-ġestjoni tal-kodiċi kkriptati ser tibqa' taqa' fi ħdan il-kompetenza tal-Aġenzija u ma għandhiex tiġi esternalizzata lil xi entità esterna mis-settur privat. L-Aġenzija ser tiżgura li dawn id-dispożizzjonijiet jiġu rrispettati.

Il-kuntratt ta' S-TESTA mad-DĠ DIGIT ser jiskadi fi tmiem l-2013. Fir-rigward tal-attivitajiet eżistenti, ser ikun possibbli li jkun hemm għaddejnin kuntratti speċifiċi f'dan il-qafas sa Settembru 2014, iżda b'talbiet limitati għal bidliet²¹. Fl-2013 għandu jkun disponibbli kuntratt qafas ġdid. Il-formalitajiet kuntrattwali f'dan il-kuntratt qafas u l-migrazzjoni tas-SIS II, il-VIS u l-EURODAC għan-network il-ġdid għandhom jitlestew sa mhux iktar tard minn Settembru 2014. Il-Kummissjoni hija responsabbli mill-kwistjonijiet kuntrattwali marbutin man-

¹⁸ Biex tkun żgurata koerenza fl-eżerċizzju tar-responsabilitajiet rispettivi tagħhom għan-network, l-Aġenzija u l-Kummissjoni għandhom jaqblu fuq arranġamenti operattivi tax-xogħol bejniethom, li għandhom jiġu riflessi f'Memorandum ta' Qbil (Artikolu 7(2) tar-Regolament tal-Aġenzija). Dan għandu jiġi approvat fl-2012.

¹⁹ L-Artikolu 26 (2) u (3) tar-Regolament dwar il-VIS, l-Artikolu 15 (2) u (3) tar-Regolament u d-Deċiżjoni dwar is-SIS II u l-Artikolu 5(b) tar-Regolament bażiku

²⁰ L-Artikolu 16(1) tar-Regolament dwar SIS II

²¹ Il-Kuntratt Qafas ta' sTESTA jiskadi fit-28.9.2013 u l-aħħar kuntratti speċifiċi jistgħu jkopru servizzi sat-28.9.2014, iżda b'talbiet limitati għal bidliet permessi/possibbli tul l-aħħar sena.

network. Prijorità importanti għall-Aġenzija fl-2013 ser tkun it-tnejn u l-implimentazzjoni tal-migrazzjoni tan-network fl-oqsma ta' kompetenza speċifiċi tagħha (superviżjoni, sigurtà u ġestjoni tar-relazzjonijiet bejn l-Istati Membri u l-fornitur tan-network il-ġdid għall-VIS, is-SIS II u l-EURODAC). Imbagħad, il-kuntratt qafas il-ġdid ser ikollu jintuża wkoll għan-netwerks ta' Dñul/Ħruġ u RTP soġġetti għal approvazzjoni tal-bażijiet legali rilevanti (l-istrumenti legali għal dawn is-sistemi jafdaw lill-Aġenzija bi kwistjonijiet kuntrattwali għan-network). Bħalissa, il-Kummissjoni hija responsabbli mill-aspetti kuntrattwali kollha marbutin man-netwerks tas-SIS II, il-VIS u l-EURODAC. Fil-ġejjieni, se jkun possibbli li l-bidliet isiru fil-bażijiet legali tas-SIS II u l-VIS u fir-Regolament bażiku sabiex l-Aġenzija tkun fdata bir-responsabilità għall-kwistjonijiet kuntrattwali għan-netwerks għal dawn is-sistemi.

Ara wkoll l-għan operattiv speċifiku OPU2 fil-punt 2.7.5

2.6.3. Monitoraġġ, rapportar u statistika

L-Aġenzija ser tipproduċi r-rapportar u l-istatistika²² dwar l-użu tas-sistemi tal-IT amministrati minnha u tissorvelja l-funzjonament tagħhom, kif inhuma previsti fil-bażijiet legali għal dawn is-sistemi tal-IT u riflessi fir-Regolament bażiku. Ser tirrapporta b'mod regolari mal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar il-funzjonament tekniku tas-sistemi, inkluża s-sigurtà tagħhom u ser tipprovdi wkoll lill-Kummissjoni bl-informazzjoni li teħtieġ għall-evalwazzjoni regolari tal-VIS, l-EURODAC u s-SIS II.

Ara wkoll l-għanijiet operattivi speċifiċi AS1-5 fil-punt 2.7.6.

2.6.4. Kooperazzjoni ma' Aġenziji, proġetti u azzjonijiet oħrajn fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja

Il-kooperazzjoni ma' Aġenziji bħas-CEPOL, l-EASO, l-ENISA, l-EUROJUST, l-EUROPOL, il-FRONTEx u l-FRA ser tkompli fl-2013. Ser jittejjja pjan ta' azzjoni li jistabbilixxi għanijiet u skopijiet ċari għal kooperazzjoni ma' kull waħda minn dawn l-Aġenziji. Il-komplimentarjetà ser tkun prijorità importanti f'ħafna minn dawn ir-relazzjonijiet.

L-Aġenzija ser tieħu f'kunsiderazzjoni standards Ewropej u internazzjonali wkoll, b'mod partikolari l-Istrateġija tal-UE għall-Ġestjoni tal-Infurmazzjoni u ser tagħti segwitu għall-iżviluppi fil-Mudell Ewropew għall-Iskambju ta' Infurmazzjoni.

2.6.4.1. Aġenziji

Il-kooperazzjoni ma' Aġenziji bħall-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija (CEPOL), l-Uffiċċju Ewropew għall-Appoġġ għall-Asil (EASO), l-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Networks u l-

²² Fir-rigward tal-VIS, l-Aġenzija ser ikollha bżonn statistiki biex twettaq il-kompiti li ġejjin assenjati lilha skont ir-Regolament dwar il-VIS:

- Manutenzjoni teknika, Artikolu 50 (2): l-Aġenzija ser ikollha bżonn aċċess għall-informazzjoni meħtieġa dwar l-ipproċessar ta' operazzjonijiet fil-VIS
- Rapportar dwar il-funzjonament tekniku tal-VIS, Artikolu 50 (3)
- L-għoti tal-informazzjoni meħtieġa lill-Kummissjoni biex tipproduċi evalwazzjonijiet ġenerali skont l-Artikolu (50 (7))

Informazzjoni (ENISA), I-EUROJUST, I-Aġenzija Ewropea għall-Infurzar tal-Liġi (EUROPOL), I-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) u I-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni tal-Kooperazzjoni Operattiva fil-Fruntieri Esterni (FRONTEX) ser tkompli fl-2013, filwaqt li tibni fuq ir-relazzjonijiet diġà stabbiliti fl-2012. Qasam ta' prijorità minnhom ser ikun in-negozjar ta' memorandum ta' qbil ma' Aġenziji Ewropej oħrajn involuti fi kwistjonijiet ta' taħriġ marbutin mal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja.

Id-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija ser jieħu sehem fil-laqgħat annwali tal-kapijiet tal-Aġenziji tal-ĠAI u rappreżentant tal-Aġenzija (livell ta' uffiċjal amministrattiv) ser jieħu sehem fil-Grupp ta' Kuntatt tal-Aġenziji tal-ĠAI, bil-għan li jiġu esplorati u jintlaħaq ftehim dwar forom oħrajn ta' kooperazzjoni. L-Aġenzija ser tfejji pjan ta' azzjoni li jistabbilixxi għanijiet ċari għall-kooperazzjoni ma' kull waħda mill-aġenziji l-oħrajn imsemmija iktar 'l isfel. Ir-rappreżentanti ta' uħud minn dawn l-Aġenziji ser jiġu mistiedna biex jagħtu preżentazzjonijiet fil-laqgħat tal-Bord ta' Tmexxija.

• **CEPOL**

Wieħed mill-kompiti tal-Aġenzija għall-ġestjoni operattiva ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira huwa li tiffaċilita u tiżgura taħriġ għall-utenti mill-Istati Membri dwar is-sistemi li tħaddem. Hija meħtieġa tipprovdi wkoll taħriġ fuq l-użu tekniku tas-SIS II għall-persunal ta' SIRENE fl-Istati Membri u għall-membri tat-tim ta' evalwazzjoni u l-esperti ewlenin ta' Schengen.

Il-persunal ta' infurzar tal-liġi huwa komponent fundamentali tal-utenti tas-sistemi tal-IT mħaddma mill-Aġenzija. L-Aġenzija għandha tikkoordina t-taħriġ tagħha għal dan il-grupp ta' partijiet interessati mas-CEPOL, bil-għan li tiżgura komplimentarjetà. Approċċ minnhom li għandu jiġi esplorat huwa l-iżvilupp ta' kurrikuli konġunti. Dwar dan il-punt tingħata iktar informazzjoni fil-punt 2.6.5.

It-taħriġ għall-membri tat-tim ta' evalwazzjoni u l-esperti ewlenin ta' Schengen ser ikollu jiġu diskuss ukoll mal-FRONTEX bil-għan li jintlaħaq ftehim dwar memorandum ta' qbil bejn l-aġenziji involuti f'dan il-qasam.

• **EASO**

Il-funzjoni ta' din l-Aġenzija huwa li ssaħħaħ il-kooperazzjoni Prattika bejn il-pajjiżi tal-Unjoni Ewropea (UE) sabiex tappoġġja lil pajjiżi tal-UE li s-sistemi ta' asil u riċeviment tagħhom jinsabu taħt pressjoni partikolari u li tiżgura l-implimentazzjoni tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil (SEKA). Fil-bidu, l-għan ewlieni tal-kooperazzjoni ser ikun it-twaqqi ta' relazzjoni soda tax-xogħol ma' din l-Aġenzija, sabiex tiġi żgurata komplimentarjetà.

• **ENISA**

Il-kompitu ewlieni tal-ENISA huwa li ttejjeb il-kapaċità tal-UE, l-Istati Membri u l-komunità kummerċjali biex tevita, tindirizza u twieġeb għall-problemi tas-sigurtà tan-netwerk u l-informazzjoni. Taqdi bħala Ċentru ta' Kompetenza li jstimola l-kooperazzjoni bejn is-settur pubbliku u dak privat f'dan il-qasam. L-għanijiet inizjali għall-kooperazzjoni ma' din l-Aġenzija għandhom jiffokaw fuq l-iskambju ta' informazzjoni u kompetenza.

• **EUROJUST u EUROPOL**

Id-Deċiżjoni 2007/533/ĠAI (id-Deċiżjoni dwar is-SIS II) tipprovdi għal aċċess għad-dejta tas-SIS II minn persunal tal-EUROPOL awtorizzat b'mod speċifiku u membri nazzjonali tal-EUROJUST u l-assistenti tagħhom. Dawn il-korpi jistgħu jaċċessaw biss dik id-dejta speċifika li jeħtieġu għat-twettiq tal-kompiti tagħhom. L-EUROPOL ser jingħata aċċess biex jikkonsulta d-dejta fil-VIS marbuta mal-applikazzjoni tad-Deċiżjoni 2008/633/ĠAI.

Dawn iż-żewġ Aġenziji jistgħu jattendu l-laqgħat tal-Bord ta' Tmexxija tal-Aġenzija bħala osservaturi meta fuq l-aġenda jkun hemm kwistjoni li għandha x'taqsam mal-applikazzjoni tad-Deċiżjoni dwar is-SIS II. Anki l-EUROPOL jista' jattendi l-laqgħa tal-Bord ta' Tmexxija bħala osservatur meta fuq l-aġenda jkun hemm kwistjoni li għandha x'taqsam mal-applikazzjoni tad-Deċiżjoni dwar il-VIS.

L-EUROJUST tappoġġja lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri sabiex irendu l-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet tagħhom iktar effettivi meta jiltaqgħu ma' kriminalità transkonfinali. Minbarra kwistjonijiet marbutin mal-parteċipazzjoni tagħha stess fis-SIS II, fil-bidu, l-għan ewlieni ta' kooperazzjoni ser ikun li tiġi stabbilita relazzjoni solida tax-xogħol ma' din l-Aġenzija sabiex tiġi żgurata komplimentarjetà.

Il-missjoni ewlenija tal-EUROPOL huwa li jrendi lill-Ewropa post iktar sikur billi jassisti lill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea fil-ġlieda kontra kriminalità internazzjonali serja u terroriżmu. Jieħu ħsieb informazzjoni mibgħuta minn jew lill-Istati Membri għall-fini ta' investigazzjonijiet kriminali, analiżi ta' intelligence, eċċ. Min-naħa l-oħra, l-Aġenzija għall-ġestjoni operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fil-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja tispeċjalizza fit-tfaddim u l-iżvilupp ta' sistemi tal-IT jew kwalunkwe forma oħra ta' pjattaforma għall-iskambju ta' informazzjoni mingħajr ma tmiss id-dejta li tgħaddi mis-sistemi li hija responsabbli għalihom. Minbarra kwistjonijiet marbutin mal-parteċipazzjoni tal-EUROPOL fis-SIS II u l-VIS, l-Aġenzija tista' tipprevedi kooperazzjoni fir-rigward tal-forniment ta' kompetenzi fl-IT u qafas għall-ġestjoni tal-pjattaformi għall-iskambju ta' informazzjoni lill-EUROPOL.

- **FRA**

Is-sistemi tal-IT m'haddma mill-Aġenzija għall-ġestjoni operattiva ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira jistgħu jġibu magħhom tħassib dwar id-drittijiet tal-bniedem, li jvarjaw minn protezzjoni tad-dejta sa restrizzjonijiet fuq il-libertà taċ-ċaqliq. L-Aġenzija ser iżżomm l-FRA informata dwar l-attivitajiet tagħha, is-sistema legali applikabbli għas-sistemi amministrati minnha, ir-responsabilitajiet tal-Istati Membri fir-rigward tal-ipproċessar tad-dejta u l-limitazzjonijiet tekniċi li huma inerenti f'dawn is-sistemi tal-IT.

- **FRONTEX**

Qasam minnhom ta' prijorità li għandu jiġi ċċarat mal-FRONTEX (u anki mas-CEPOL) ser ikun it-taħriġ marbut mal-użu tekniku tas-SIS II ipprovdut mill-Aġenzija għall-ġestjoni operattiva ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira għall-evalwaturi u l-esperti ewlenin ta' Schengen. L-Aġenzija beħsiebha tesplora l-possibilità ta' konklużjoni ta' memorandum ta' qbil mal-aġenziji kkonċernati inkluża l-FRONTEX dwar din il-kwistjoni u oħrajn. Suġġerimenti oħrajn għal oqsma li fihom l-Aġenzija tista' tipprovdi appoġġ lill-FRONTEX jikkonċernaw ir-riċerka, l-ittestjar u l-iżvilupp ta' sistemi tal-IT biex il-FRONTEX tiġi meġġuna fl-attivitajiet tagħha. Għal kompiti iktar sostanzjali ta' dan it-tip b'implikazzjonijiet għar-riżorsi u l-baġit, ikun hemm bżonn li jiġu adottati dispożizzjonijiet legali li jgħaddu r-responsabilità ta' dawn il-kompiti lill-Aġenzija.

2.6.4.2. Mudell Ewropew għall-iskambju ta' Informazzjoni

Ir-Regolament bażiku jstipula li "l-Aġenzija għandha ssegwi l-istandards Ewropej u dawk internazzjonali b'kont meħud tal-ogħla rekwiżiti professjonali, b'mod partikolari l-Istrateġija ta' Ġestjoni tal-Infommazzjoni tal-Unjoni Ewropea" (Premessa 22). L-Istrateġija tal-UE għall-Ġestjoni tal-Infommazzjoni²³ (IMS) tipprovdi metodoloġija biex tiżgura li d-deċiżjonijiet dwar il-bżonn ta' ġestjoni u skambju ta' dejta u deċiżjonijiet dwar il-modi biex isir dan jittieħdu

²³ L-IMS ġiet adottata mill-Kunsill tal-ĠAI fit-30.11.2009 (ara d-dok. 16637/09 JAI 873).

f'kunsiderazzjoni b'mod koerenti, professjonali, effiċjenti u kosteffiċenti li jkun responsabbli u komprensibbli għaċ-ċittadini u l-utenti professjonali. F'dan il-kuntest, f'Diċembru 2012 il-Kummissjoni ser tippreżenta Komunikazzjoni dwar il-Mudell Ewropew għall-Iskambju ta' Informazzjoni (EIXM). Filwaqt li jieħu f'kunsiderazzjoni sħiħa l-IMS, l-EIXM għandu l-għan li jikseb koerenza u konsolidazzjoni aħjar fil-qasam ta' skambju ta' informazzjoni għall-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi²⁴. L-Aġenzija ser tkompli ssegwi l-iżviluppi fl-EIXM bil-għan li tiddefinixxi l-possibilitajiet għal kooperazzjoni fil-ġejjieni ladarba l-politika tal-EIXM tiġi approvata fil-livell politiku.

Ara wkoll l-għan speċifiku GC2 fil-punt 2.7.3.

2.6.5. Taħriġ għal awtoritajiet nazzjonali dwar l-użu tekniku tas-sistemi tal-IT

L-Aġenzija ser tipprovdi taħriġ fuq l-użu tekniku tas-SIS II, il-VIS u l-EURODAC lill-awtoritajiet nazzjonali li jieħdu sehem f'dawn is-sistemi. Ser tipprovdi wkoll taħriġ għall-persunal li juża SIRENE (SIRENE- Talba għal Informazzjoni Supplimentari fid-Dħul Nazzjonali) u taħriġ ta' esperti fuq l-aspetti tekniċi tas-SIS II fil-kuntest tal-evalwazzjoni ta' Schengen.

L-Aġenzija ser tkun responsabbli biex tipprovdi taħriġ dwar l-użu tekniku tas-SIS II, il-VIS u l-EURODAC lill-awtoritajiet nazzjonali li jipparteċipaw f'dawn is-sistemi, kif inhu stabilit fir-Regolament bażiku u l-bażijiet legali speċifiċi għas-sistemi tal-IT amministrati minnha.

Dan ser jinkludi wkoll taħriġ għal persunal li juża SIRENE (SIRENE- Talba għal Informazzjoni Supplimentari fid-Dħul Nazzjonali) u taħriġ ta' esperti fuq l-aspetti tekniċi tas-SIS II fil-kuntest tal-evalwazzjoni ta' Schengen.

Il-programm tal-Aġenzija ta' attivitajiet ta' taħriġ għall-persunal li juża SIRENE fl-Istati Membri fl-2013, ser jieħu f'kunsiderazzjoni d-diskussjonijiet li saru matul l-2012 biex jiċċara r-rwoli rispettivi tal-Aġenzija, is-CEPOL u l-Istati Membri f'dan il-qasam.

F'termini konkreti l-Aġenzija ser tiffirma memorandum ta' qbil mas-CEPOL u taqbel dwar l-inklużjoni fil-kurrikuli ta' taħriġ tas-CEPOL għall-awtoritajiet ta' infurzar tal-liġi tat-taħriġ rilevanti fuq SIRENE u s-SIS II. Il-memorandum għandu jkopri wkoll il-qsim tar-responsabilità bejn l-aġenziji.

Huwa previst li t-taħriġ tal-awtoritajiet tal-Istati Membri dwar s-SIS II ser jibda ladarba jkunu ġew ivvalidati l-manwali operattivi għal dawn is-sistemi. F'dan l-istadju, soġġett għat-tlestija tad-diskussjonijiet imsemmija hawn fuq mas-CEPOL, huwa previst li t-taħriġ mill-Aġenzija ser jiffoka fuq żjarat ta' taħriġ fis-sit tekniku għall-awtoritajiet nazzjonali li jipparteċipaw f'dawn is-sistemi, sabiex jitrawwem it-trasferiment tal-għarfien. Is-sessjonijiet ta' taħriġ isiru fi gruppi żgħar b'wirja tas-sistema rilevanti u spjegazzjoni dettaljata tal-manwal operattiv.

B'mod simili, il-programmazzjoni tat-taħriġ tal-Aġenzija għall-membri tat-tim ta' evalwazzjoni u l-esperti ewlenin ta' Schengen f'aspetti tekniċi tas-SIS II ser tieħu f'kunsiderazzjoni d-diskussjonijiet li saru fl-2012 biex jiġu ċċarati r-rwoli rispettivi tal-Aġenzija, is-CEPOL u l-FRONTX. Għan ewlieni ta' dawn id-diskussjonijiet ser ikun li jeżaminaw ir-rwoli assenjati lil kull aġenzija għal dan l-għan speċifiku fil-bażijiet legali rispettivi tagħhom u biex tinkiseb komplimentarjetà billi jiġi żgurat li kull Aġenzija toffri portafoll differenti ta' attivitajiet ta' taħriġ, li meta jingħaqdu flimkien ikopru l-aspetti kollha tal-proċess ta' Evalwazzjoni ta' Schengen.

Ir-Regolament tal-ġejjieni dwar it-twaqqif ta' mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex tiġi vverifikata l-applikazzjoni tal-Acquis ta' Schengen, li bħalissa qiegħed jiġi nnegożjat fil-

²⁴ L-ewwel pass ta' EIXM imwettaq fl-2010/2011 kien jikkonsisti f'eżerċizzju ta' mmappar fuq l-erba' oqsma ta' leġiżlazzjoni, komunikazzjoni, flussi ta' informazzjoni u teknoloġija.

Parlament Ewropew u l-Kunsill, aktarx li se jħalli impatt ukoll fuq il-programmazzjoni tal-ġejjieni tat-taħriġ f'dan il-qasam.

Fir-rigward tal-VIS u l-EURODAC, l-Aġenzija ser ikollha bżonn tikkoordina l-iżvilupp ta' kurrikuli ta' awtoritajiet nazzjonali u tistabilixxi pjan ta' forniment tat-taħriġ f'kooperazzjoni ma' dawn l-awtoritajiet ukoll.

Ara wkoll l-għanijiet operattivi speċifiċi GC 9-11 fil-punt 2.7.3 u l-kooperazzjoni ma' Aġenziji oħrajn tal-UE (punt 2.6.4).

It-taħriġ għall-persunal tal-Aġenzija huwa kopert fil-punt 2.5.1.

2.6.6. Monitoraġġ tar-riċerka u osservazzjoni tat-teknoloġija

L-Aġenzija, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, hija meħtieġa tiżgura li l-ħin kollu tintuża l-aħjar teknoloġija li hemm għad-dispożizzjoni, soġġetta għal analiżi tal-ispejjeż u l-benefiċċji, għall-applikazzjonijiet kollha amministrati minnha, inklużi s-sistemi tal-IT, is-softwer għall-amministrazzjoni u n-netwerks. Ser tapplika wkoll l-istess prinċipji għas-sistemi interni tagħha stess. Din il-priorità hija riflessa fl-għanijiet strateġiċi Nru 2 "It-triq biex l-Aġenzija ssir ċentru ta' eċċellenza" u Nru 4 "Ottimizzazzjoni tal-kosteffiċenza".

L-Aġenzija ser timplimenta strutturi, riżorsi, għodod tal-informazzjoni, proċeduri u metodoloġiji għall-osservazzjoni tat-teknoloġija (inkluż il-monitoraġġ tar-riċerka) biex tkun tista' tiegħu l-aqwa vantaġġ mill-iżviluppi teknoloġiċi l-ġodda li jkunu rilevanti għall-attivitajiet tagħha. Dan ser jinkludi l-monitoraġġ tar-riċerka. L-implimentazzjoni tal-governanza tal-Impriża tal-ICT imsemmija iktar 'il fuq, ser tiżgura li l-vantaġġi miksuba minn din il-ħidma jiffokaw fuq l-għoti ta' valur kummerċjali. Il-gruppi konsultattivi ser ikollhom rwol kruċjali f'din il-ħidma.

2.6.6.1. Monitoraġġ tar-Riċerka

L-Aġenzija ser tissorvelja l-iżviluppi fir-riċerka rilevanti għall-ġestjoni operattiva tas-SIS II, il-VIS, l-EURODAC u sistemi tal-IT oħrajn fuq skala kbira. Il-prioritajiet speċifiċi ser jiġu ddefiniti iktar tard, filwaqt li jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-opinjoni tal-Gruppi Konsultattivi.

Għal tal-inqas darbtejn fis-sena, l-Aġenzija ser tinforma lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (f'dak li jirrigwarda kwistjonijiet dwar il-protezzjoni tad-dejta) dwar l-iżviluppi.

2.6.6.2. Osservazzjoni tat-teknoloġija

Din il-ħidma ser tikkonsisti fil-monitoraġġ ta' avvanzi kbar u ġodda fit-teknoloġija, tekniċi u proċessi innovattivi, standards, leġiżlazzjoni, kwistjonijiet dwar is-sigurtà u soluzzjonijiet rilevanti għall-operazzjoni, ġestjoni u żvilupp tal-ġejjieni tas-sistemi tal-IT fil-qasam tal-ġustizzja, il-libertà u s-sigurtà, inklużi bidliet pendenti fis-setturi operattivi li huma fil-mira tal-appoġġ ta' dawn is-sistemi tal-IT. Ser tinvolvi wkoll is-segwitu ta' żviluppi f'taħmir u softwer ġdid, bil-għan li jiġi żgurat akkwist effiċjenti. Il-gruppi Konsultattivi ser jagħtu sehem importanti wkoll billi jipprovdu parir dwar kwistjonijiet li huma rilevanti għal sistemi u oqsma speċifiċi li għandhom jiġu allokati għal monitoraġġ proattiv. L-Aġenzija ser tibni fuq il-kuntratti li diġà nbdew fl-2012 bil-għan li tiżgura networking effettiv, kooperazzjoni u skambju ta' prattiki tajbin ma' aġenziji u awtoritajiet oħrajn li jaħdmu f'oqsma relatati.

Xi ftit eżempji ta' oqsma li għandhom jiġu eżaminati kemm taħt din l-intestatura kif ukoll il-monitoraġġ tar-riċerka jinkludi l-bijometrika, inklużi funzjonalitajiet għat-tiftix tal-bijometrika, avvanzi teknoloġiċi li ser itejbu l-prestazzjoni, l-affidabilità u l-flessibilità tas-sistemi, bħal virtwalizzazzjoni u xejriet ġodda f'disinn u tiftix f'database bi prestazzjoni aħjar, teknoloġiji u applikazzjonijiet li jippermettu sabiex ikun hemm trattament iktar effettiv tal-identità, inklużi *fuzzy logic* u teknoloġiji u applikazzjonijiet biex titħaffef l-interkonnettività.

Ara wkoll l-għanijiet operattivi speċifiċi MAN1 (Implimentazzjoni tal-Governanza ta' Impriża tal-ICT u standards oħrajn, punt 2.7.1), GC1 (osservazzjoni tat-teknoloġija, punt 2.7.1) u AS6 (Monitoraġġ tar-riċerka, punt 2.7.6).

2.6.7. Komunikazzjoni

L-Aġenzija ser torganizza attivitajiet ta' komunikazzjoni fuq inizjattiva tagħha stess fl-oqsma fi ndan il-kompiti tagħha inkluż it-twaqqif tal-websajt tagħha stess. Ser tkun involuta wkoll fit-tnejniet għall-kampanja tas-SIS II skedata għall-ewwel trimestru tal-2013 u l-organizzazzjoni ta' kampanji mtennija fejn ikun hemm bżonn. L-Aġenzija hija meħtieġa wkoll mill-bażijiet legali tas-sistemi tal-IT amministrati minnha biex tiegħu ħsieb il-pubblikazzjoni ta' ċerti tipi ta' informazzjoni, inklużi listi ta' awtoritajiet nazzjonali li għandhom id-dritt li jagħmlu aċċess jew jużaw id-dejta fis-sistemi tal-IT amministrati mill-Aġenzija u aġġornamenti fit-tali listi.

Ara wkoll l-għanijiet operattivi speċifiċi GC5-6 fil- punt 2.7.3.

2.6.8. Ġestjoni finanzjarja, infrastrutturi, loġistika u kompiti amministrattivi

L-Aġenzija ser tikkonsolida t-timijiet u l-proċeduri finanzjarji tagħha, bil-għan li tikseb indipendenza finanzjarja tul is-sena. Ser tkun responsabbli wkoll mill-kompiti li għaddejjin ta' ġestjoni tal-bini u loġistiċi, l-implimentazzjoni progressiva ta' arranġamenti interni biex tibdel il-ftehimiet fil-livell tas-servizz mas-servizzi ċentrali tal-Kummissjoni. Fl-istess ħin, ser tiżgura li kull xogħol marbut mal-bini tal-ġejjieni f'Tallinn u l-aġġornament tas-sit tekniku fi Strasburgu jżommu mal-iskeda. Ara wkoll il-punt 1.2.9 għal iktar informazzjoni, inkluża konsultazzjoni tal-Bord ta' Tmexxija fuq kwistjonijiet finanzjarji.

2.6.8.1. Ġestjoni finanzjarja

L-Aġenzija ser tindirizza medda wiesgħa ta' proċeduri tal-akkwist, inklużi proċeduri biex ittejjeb bini u faċilitajiet, l-akkwist ta' tagħmir u għamara u akkwisti speċjalizzati marbutin mas-sistemi tal-IT amministrati minnha. L-Aġenzija ser tikkonsolida l-proċeduri finanzjarji u t-timijiet tagħha u tiżgura li l-persunal ikun imħarreġ bis-sħiħ f'dan il-qasam fl-2013, bil-għan li tikseb indipendenza finanzjarja. Ser tistinka biex tikseb valur tajjeb għall-flus fl-oqsma kollha ta' ġestjoni finanzjarja u ser tirrevedi b'mod regolari l-kamp ta' applikazzjoni biex ittejjeb il-kosteffiċenza tal-operazzjonijiet tagħha.

Iktar informazzjoni dwar l-għanijiet operattivi fid-dettall ser tingħata fil- punt 2.7.7.

2.6.8.2. Kompiti amministrattivi u loġistiċi

Bħalissa, ħafna mill-kompiti amministrattivi u loġistiċi bażiċi marbutin mal-Aġenzija u l-persunal tagħha jitwettqu skont it-termini tal-bosta ftehimiet fil-livell tas-servizz bejn l-Aġenzija u s-Servizzi tal-Kummissjoni u/jew korpi tal-UE. Mill-2013 'l hemm, l-Aġenzija ser timxi 'l quddiem b'mod progressiv sabiex tistabilixxi s-servizzi interni tagħha stess, jew tersternalizza servizzi filwaqt li tibqa' responsabbli minnhom, għal ħafna mill-elementi koperti mill-SLAs inizjali. Prijorità importanti minnhom għall-Aġenzija stess fl-2013 ser tingħata lill-involvement tagħha fil-proċeduri għat-tlestija tal-ewwel ammont ta' membri maħtura.

Iktar informazzjoni dwar l-għanijiet operattivi fid-dettall ser tingħata f'AS7 (il-loġistika u l-ġestjoni tal-bini) u AS 8-9 (riżorsi umani) fil- punt 2.7.6.

2.6.8.3. Tħejjija u ġestjoni ta' bini u siti

L-attivitatijiet li ġejjin huma previsti għall-2013:

- **Il-bini tal-Kwartieri Ġenerali f'Tallinn, l-Estonja:** L-Aġenzija tinsab f'bini temporanju minn Ġunju 2012. L-Aġenzija ser tissorvelja l-ħidma preparatorja marbuta mal-bini permanenti li għandu jiġi pprovdut mill-Estonja għall-kwartieri ġenerali tal-Aġenzija, sabiex tiżgura li l-ħidma ta' kostruzzjoni żżomm mal-iskeda biex tilħaq il-mira li jkollha bini għad-dispożizzjoni fl-2014.
- **It-tnejniet għas-sit tekniku fi Strasburgu:** ix-xogħlijiet ta' prijorità meħtieġa sabiex l-Aġenzija tibda topera (identifikati fi studju mwettaq minn kuntrattur estern fl-2012) għandhom jiġu implimentati sa mhux iktar tard minn Diċembru 2012. Matul l-2013 jista' jkun hemm bżonn ta' xogħlijiet ulterjuri ta' konverżjoni mill-ġdid. Prijorità importanti minnhom ser tkun li jiġi żgurat li l-infrastrutturi marbutin mas-SIS II ikunu lesti fil-ħin. L-Aġenzija ser twettaq ukoll analiżi ulterjuri dwar l-implikazzjonijiet għas-sit tal-iżvilupp ta' sistemi fil-ġejjieni, filwaqt li tiegħu f'kunsiderazzjoni l-istudju eżistenti.
- Matul l-2013 jista' jkun hemm bżonn ta' xogħlijiet ulterjuri ta' konverżjoni mill-ġdid.
- **Ġestjoni tal-infrastruttura fis-sit ta' riżerva:** Ix-xogħol fl-2013 ser jikkonsisti essenzjalment f'ġestjoni u manutenzjoni ta' rutina tal-infrastruttura.

L-għanijiet operattivi f'dettall jingħata f'AS7 (il-loġistika u l-ġestjoni tal-bini) fil-punt 2.7.6.

2.6.9. Bord ta' Tmexxija u Gruppi Konsultattivi

2.6.9.1. Bord ta' Tmexxija

Fil-qasam ta' governanza, l-għan ċentrali ser ikun l-issoktar tal-iżgurar li l-Aġenzija twettaq il-kompiti stabbiliti fir-Regolament bażiku bl-iktar mod kosteffiċenti, filwaqt li jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-għanijiet f'terminu medju. Mill-2012, il-persunal tal-Aġenzija ser jipprovdi appoġġ kontinwu lill-Bord ta' Tmexxija sabiex iwettaq il-mandat tiegħu. Dan jinkludi kuntatt kostanti mal-membri tal-Bord, l-organizzazzjoni ta' laqgħat statutorji u t-tnejniet tad-dokumenti bħala appoġġ għall-ħidma tiegħu. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jieħu sehem fil-laqgħat tal-Bord ta' Tmexxija mingħajr dritt tal-vot. Il-Bord ta' Tmexxija ser jiltaqa' għal minimu ta' darba kull sitt xhur.

Minbarra l-approvazzjoni ta' dokumenti standard fiċ-ċiklu tal-ħajja annwali tal-baġit u tal-ippjanar bħall-baġit u l-abbozz tal-baġit (stim) għall-2014, ir-Rapport Annwali tal-attività għall-2012 u l-abbozz tal-Programm ta' Ħidma Annwali għall-2014, il-kwistjonijiet importanti li dwarhom għandha tittieħed deċiżjoni mill-Bord ta' Tmexxija fl-2013 ser jinkludu kwistjonijiet marbutin mat-tnejniet għall-bini permanenti f'Tallinn u l-implimentazzjoni tax-xogħlijiet fuq is-sit tekniku fi Strasburgu. Il-Bord ta' Tmexxija ser ikollu japprova wkoll deċiżjonijiet marbutin mat-tnejniet tal-EURODAC.

2.6.9.2. Gruppi Konsultattivi

Il-persunal tal-Aġenzija ser jipprovdi wkoll appoġġ sħiħ għall-ħidma tal-Gruppi Konsultattivi. Id-Direttur Eżekuttiv jew ir-rappreżentant tiegħu ser ikunu intitolati jattendu l-laqgħat kollha ta' dawn il-gruppi bħala osservaturi.

Fil-bidu ser ikun hemm tliet konfigurazzjonijiet tal-gruppi Konsultattivi (SIS II, VIS u EURODAC). Dawn il-gruppi għandhom jiltaqgħu kull xahar, xahrejn fl-2013. Il-proċeduri għall-kooperazzjoni tagħhom u t-tħaddim tagħhom għandhom jiġu stabbiliti fir-regoli ta' proċedura tal-Aġenzija.

Ir-rwol ewlieni ta' dawn il-gruppi ser ikun li jipprovdu lill-Bord ta' Tmexxija bil-kompetenza marbuta ma' sistemi tal-IT fuq skala kbira u, b'mod partikolari fil-kuntest tat-tnejniet tal-programm ta' ħidma annwali u r-rapport annwali tal-attività. Ser jipprovdu wkoll rakkomandazzjonijiet marbutin mal-miżuri ta' sigurtà u opinjoni fuq programmi ta' ħidma multiannwali. Il-membri ta' dawn il-gruppi jistgħu jissejgħu wkoll sabiex jassistu lil membri tal-Bord ta' Tmexxija. Kompiti oħrajn tal-Gruppi Konsultattivi jistgħu jinkludu l-forniment ta'

kompetenzi dwar it-teknoloġija tal-informazzjoni lill-Bord ta' Tmexxija dwar is-sistemi, it-tnejn ta' speċifikazzjonijiet tekniċi ta' għamla deskrittiva li ma jimponux disopżizzjonijiet normattivi fuq l-Istati Membri u l-Kummissjoni, il-forniment ta' tagħrif dwar l-abbozz tar-rapporti fuq il-funzjonament tekniku tas-sistemi, fuq it-taħriġ ta' esperti, fuq l-orjentazzjoni għall-monitoraġġ tar-riċerka, fuq l-istatistiki dwar is-sistemi u fuq kwalunke kwistjoni oħra strettament relatata mal-iżvilupp jew il-ġestjoni operattiva tas-sistemi. Il-prijoritajiet speċifiċi ser jiġu stabbiliti minn kull grupp. B'mod partikolari, il-ħidma tagħhom ser tiegħu f'kunsiderazzjoni l-prijoritajiet operattivi għas-sistema rilevanti.

Il-prijoritajiet għal dawn il-gruppi għall-2013 jinkludu l-iżgurar li l-VIS kapaċi tilħaq ir-rekwiżiti tekniċi tat-tnejn madwar id-dinja tal-ġejjieni, is-segiwtu tal-bidu tat-tħaddim tas-SIS II, iż-żieda fl-użu ta' din is-sistema, kwistjonijiet tekniċi marbutin mar-rilokazzjoni tal-EURODAC mil-Lussemburgu lejn Strasburgu u Sankt Johann im Pongau u l-adattament tal-EURODAC sabiex tiegħu f'kunsiderazzjoni r-Regolament imfassal mill-ġdid tal-ġejjieni. Prijorità oħra għall-gruppi kollha ser ikunu t-tnejn tekniċi għall-adeżjoni f'dawn is-sistemi ta' Stati Membri ġodda, b'mod partikolari l-Kroazja, it-tnejn biex jiġi żgurat li Ċipru huwa teknikament lest biex jissieħeb fis-SIS II u l-VIS (kif intqal iktar 'il fuq, il-kundizzjonijiet meħtieġa għall-applikazzjonijiet tal-partijiet kollha tal-acquis ta' Schengen, kif stipulati fl-Att tal-Adeżjoni tal-2003, iridu jintlaħqu sabiex Ċipru jissieħeb sewwasew fiż-żona Schengen) u l-integrazzjoni ta' pajjiżi bħar-Renju Unit u l-Irlanda fis-SIS II.

L-għanijiet operattivi f'dettall marbutin mal-appoġġ amministrattivi għall-Bord ta' Tmexxija u l-gruppi konsultattivi jingħataw f'AS10-11 fil-punt 2.7.6.

2.7. L-għanijiet operattivi speċifiċi u l-indikaturi tal-prestazzjoni

Werrej:

2.7.1 Gwida fil-livell tal-Aġenzija biex jintlaħqu l-għanijiet (b'kontribut mid-Direttur Eżekuttiv)

2.7.2 Ġestjoni u Manutenzjoni ta' Applikazzjonijiet

(Il-ġestjoni operattiva tas-SIS II, il-VIS u l-EURODAC u t-tnejn għal sistemi tal-IT ġodda)

2.7.3 Koordinazzjoni Ġenerali

(Osservazzjoni tat-teknoloġija, kooperazzjoni bejn l-aġenziji, protezzjoni tad-dejta, pariri legali, komunikazzjoni interna u esterna, taħriġ għall-membri tal-persunal tal-aġenzija u tariġ għas-SM, l-operaturi ta' SIRENE u l-evalwaturi ta' Schengen)

2.7.4 Awditjar Intern

2.7.5 Kwistjonijiet operattivi u l-Infrastruttura

(Ġestjoni tas-sistemi, netwerk, helpdesk, monitoraġġ tal-funzjonament tas-sistemi)

2.7.6 Riżorsi u kwistjonijiet amministrattivi

(Monitoraġġ, rapportar, informazzjoni għall-Kummissjoni, il-PE, il-KEPD, u l-SM, statistiki, Monitoraġġ tar-riċerka, il-loġistika u l-ġestjoni tal-bini, riżorsi umani, appoġġ amministrattivi lill-Bord ta' Tmexxija u l-gruppi konsultattivi)

2.7.7 L-Akkwisti u l-Kuntratti

2.7.8 Sigurtà

2.7.1. Gwida fil-livell tal-Aġenzija biex jintlaħqu l-għanijiet (b'kontribut diretta mid-Direttur Eżekuttiv)

| Skop/ Għan Nru | Għan | Prodotti potenzjali u indikatur tal-prestazzjoni | |
|-------------------|---|---|--|
| | | Prodott potenzjali | Indikatur tal-prestazzjoni |
| MAN1 | <p>1.1 Tħejjija tal-pjan ta' azzjoni għall-implimentazzjoni tal-governanza tal-Impriża tal-informatika.</p> <p>1.2 Il-pjan ta' azzjoni f'1.1 iktar 'il fuq għandu jinkludi wkoll ix-xogħol ta' implimentazzjoni tal-livelli ta' maturità eżenzjali tal-qafas COBIT għall-governanza tal-IT fl-2013.</p> <p>1.3 Ippjanar minn qabel fir-rigward ta' implimentazzjoni fil-ġejjieni ta' ISO 9001.</p> | <p>1.1-1.1.2</p> <p>Pjan ta' azzjoni mħejji</p> <p>Bidu ta' implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni.</p> <p>1.3 Pjan ta' azzjoni implimentat fir-rigward ta' implimentazzjoni ta' dan l-istandard fit-terminu medju</p> | <p>1.1-1.2 Pjan ta' azzjoni mħejji u x-xogħol fil-pjan ta' azzjoni huwa fil-ħin.</p> <p>1.3 Pjan ta' azzjoni mħejji.</p> |
| MAN2 | <p>Definizzjoni, f'konsultazzjoni mal-Kummissjoni, u approvazzjoni tal-Ftehimiet dwar il-Livell tas-Servizz (wieħed għal kull sistema informatika, wieħed għall-infrastruttura tal-komunikazzjoni u wieħed għas-sigurtà), li jstabbilixxu l-livell ta' servizz li l-Aġenzija ser tiggarrantixxi lill-utenti tas-sistemi (l-Istati Membri). Dawn ser ikun fihom indikaturi tal-prestazzjoni dettaljati.</p> <p>Dawn il-ftehimiet ser jiggarrantixxu livell ta' servizz globali ekwivalenti jew aħjar mill-arranġamenti fis-seħħ ma' operaturi oħrajn qabel ma l-Aġenzija</p> | <p>Il-Bord ta' Tmexxija għandu japprova l-indikaturi dettaljati sa tmiem l-ewwel trimestru tal-2013</p> | <p>Puntwalità u kwalità.</p> <p>L-indikaturi jridu jirrispettaw tal-inqas l-istess livell ta' servizz li hemm fis-seħħ għal kull eżitu finali, qabel ma ttieħed f'idejn l-Aġenzija</p> |

²⁵ Fir-rigward tal-VIS, l-EURODAC, l-infrastruttura tal-komunikazzjoni u s-sigurtà, l-Aġenzija ser ikollha żżomm il-livell ta' servizz li kien fis-seħħ qabel ma ħadet is-sistemi f'idejha. Ser tiggarrantixxi wkoll livell ta' servizz ekwivalenti għall-SIS II.

| | | | |
|------|--|--|---|
| | ħadet f'idejha dawn il-kompiti ²⁵ . | | |
| MAN3 | L-iżgurar li hemm implimentata struttura ta' ġestjoni adegwata biex l-Aġenzija tkun tista' tissodisfa r-rekwiżiti ta' sigurtà. | <p>3.1 Implimentazzjoni ta' unità speċifika dwar is-sigurtà.</p> <p>3.2 L-iżgurar li kwalunkwe problemi importanti fis-sigurtà jittellgħu f'livelli oġġla.</p> <p>3.3 Il-Bord ta' Tmexxija jrid jiżgura l-adozzjoni fli-ħin tal-eżiti ewlenin tas-sigurtà meħtieġa mill-bażijiet legali</p> <p>3.4 Il-Bord ta' Tmexxija jrid jiżgura segwitu adegwat għar-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar u r-rapporti u/jew l-awditjar mill-KEPD.</p> | <p>3.1 Unità tas-sigurtà implimentata</p> <p>3.2 Proċeduri kkomunikati lill-persunal kollu</p> <p>3.3 L-eżiti kollha meħtieġa mill-bażijiet legali ġew adottati. Puntwalità tal-adozzjoni.</p> <p>3.4 Il-pjanijiet ta' azzjoni ġew implimentati għar-rakkomandazzjonijiet kollha.</p> |

2.7.2. Ġestjoni u Manutenzjoni ta' Applikazzjonijiet

| | Għan | Prodotti potenzjali u indikatur tal-prestazzjoni | |
|-----|---------------------------------------|--|--|
| | | Prodott potenzjali | Indikatur tal-prestazzjoni |
| AM1 | Ġestjoni operattiva tas-SIS II | <p>1.1 Il-kompiti kollha meħtieġa biex jiġi żgurat funzjonament 24/7 tas-SIS II Ċentrali skont il-bażijiet legali għal din is-sistema. B'mod partikolari l-manutenzjoni u l-iżviluppi tekniċi meħtieġa għat-tħaddim bla intoppi tas-sistema u l-monitoraġġ tal-prestazzjoni teknika tas-sistema.</p> <p>1.2 L-għanijiet speċifiċi u l-indikaturi fis-SLA għandhom ikopru wkoll l-għanijiet ta' ġestjoni tal-prodotti (eż. sistema ta' ġestjoni tar-rekwiżiti biex tkopri r-rekwiżiti tal-partijiet interessati, pjan direzzjonali tal-prodott b'verżjonijiet u tnedijiet ġodda u l-iżgurar li l-partijiet interessati huma sodisfatti bil-funzjonalità tal-applikazzjoni SIS II).</p> <p>1.3 Ħidma ta' sorveljanza u monitoraġġ stipulata fil-kuntratt għall-manutenzjoni tas-SIS II</p> | <p>1.1-1.2 L-indikaturi speċifiċi ser ikunu fil-ftehimiet dwar il-livell tas-servizz żviluppatti skont l-għan MAN2 imsemmi iktar 'il fuq.</p> <p>1.3 Il-kisba tal-punti ta' referenza li jrid isir qbil dwarhom mal-SM fil-kuntest tal-kuntratt għall-manutenzjoni tas-SIS II wara l-aċċettazzjoni tas-sistema finali.</p> |

| | | | |
|-----|------------------------------------|--|--|
| | | wara l-aċċettazzjoni tas-sistema finali. | |
| AM2 | Ġestjoni operattiva tal-VIS | <p>2.1 Ġestjoni operattiva</p> <p>Il-kompiti kollha meħtieġa biex jiġi żgurat funzjonament 24/7 tal-VIS Ċentrali skont il-bażijiet legali għall-VIS. B'mod partikolari l-manutenzjoni u l-iżviluppi tekniċi meħtieġa għat-tħaddim bla intoppi tas-sistema. Dan ser jinkludi wkoll il-monitoraġġ tal-prestazzjoni teknika tas-sistema.</p> <p>2.2 Manutenzjoni u aġġornamenti:</p> <ul style="list-style-type: none"> • Id-database ta' ġestjoni tal-konfigurazzjoni • Il-Gwida għas-Sejbien ta' Soluzzjonijiet • Id-Database tal-Għarfien • Lista eżawstiva ta' FAQs għall-utenti. <p>2.3</p> <ul style="list-style-type: none"> • Sorveljanza u monitoraġġ tal-ħidma ta' manutenzjoni stipulata fil-kuntratt ta' MWO. • Teħid tar-responsabilità għall-monitoraġġ tax-xogħol stipulat f'dan il-kuntratt għat-titjib tal-VIS, <p>2.4 VISMAIL2</p> <ul style="list-style-type: none"> • Tlestija tat-testijiet fil-ħin. <p><i>Ara l-intestatura dwar is-Sigurtà għall-prodotti finali tas-sigurtà relatati ma' din is-sistema</i></p> | <p>2.1-2.2 L-indikaturi speċifiċi ser ikunu fil-ftehimiet dwar il-livell tas-servizz żviluppati skont l-għan MAN2 imsemmi iktar 'il fuq.</p> <p>2.3 Il-kisba tal-punti ta' referenza li jrid isir qbil dwarhom mal-SM fil-kuntest tal-kuntratt tal-MWO u l-estensjoni.</p> <p>2.4 VISMAIL2</p> <p>Tlestija b'suċċess tat-testijiet fil-ħin</p> |

| | | | |
|-----|---|---|--|
| AM3 | Ġestjoni operattiva tal-EURODAC | <p>Il-kompiti kollha meħtieġa biex jiġi żgurat funzjonament 24/7 tal-EURODAC Ċentrali skont il-bażijiet legali għal din is-sistema. B'mod partikolari l-manutenzjoni u l-iżviluppi tekniċi meħtieġa għat-tħaddim bla intoppi tas-sistema.</p> <p>Dan ser jinkludi xogħol għall-monitoraġġ tal-prestazzjoni teknika tas-sistema.</p> | <p>L-indikaturi speċifiċi ser ikunu fil-ftehimiet dwar il-livell tas-servizz żviluppati skont l-għan MAN2 imsemmi iktar 'il fuq.</p> <p><i>Ara s-settur tas-Sigurtà għall-prodotti finali tas-sigurtà relatati ma' din is-sistema.</i></p> |
| AM4 | Sistemi tal-IT ġodda Stimi u pjanijiet marbutin mat-teħid ta' kontroll possibbli fil-ġejjieni fuq sistemi ġodda, b'mod partikolari dik ta' Dħul/Ħruġ u RTP. | <p>Stimi tal-implikazzjonijiet possibbli fuq l-organizzazzjoni, ir-riżorsi u l-finanzi tal-involvement mill-Aġenzija f'perjodi ta' programmazzjoni tal-ġejjieni fit-tnejn għall-adozzjoni possibbli ta' bażijiet legali għal dawn is-sistemi tal-ġejjieni (filwaqt li jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-hemżiet finanzjarji fil-proposti legali).</p> | <p>Pjan indikattiv li jindirizza kwistjonijiet organizzazzjonali u tar-riżorsi (riżorsi finanzjarji u tal-bniedem) marbutin mat-teħid ta' kontroll possibbli ta' dawn is-sistemi.</p> |

2.7.3. Koordinazzjoni Ġenerali

| | Għan | Prodotti potenzjali u indikatur tal-prestazzjoni | |
|------------|-------------------------------|--|--|
| | | Prodott potenzjali | Indikatur tal-prestazzjoni |
| GC1 | Osservazzjoni tat-teknoloġija | <p>Implimentazzjoni ta' sistemi/timijiet prattiċi, għall-osservazzjoni tat-teknoloġija skont il-mudelli ta' governanza u l-metodoloġiji implimentati fil-livell organizzazzjonali u l-iżgurar li r-riżultati mill-osservazzjoni tat-teknoloġija jikkontribwixxu fi proċessi oħrajn tal-Aġenzija.</p> | <ul style="list-style-type: none"> Organizzazzjoni/Tim fis-seħħ u l-ewwel proposti/suġġerimentni konkreti għal teknoloġiji li jistgħu jintużaw b'mod realistiku biex itejbu l-operazzjonijiet tas-sistemi amministrati mill-Aġenzija. |
| GC2 | Kooperazzjoni bejn l-aġenziji | <p>Tnejn ta' Pjan ta' azzjoni għal kooperazzjoni ma' Aġenziji oħrajn, għażla ta' temi possibbli ta' kooperazzjoni u oqsma għall-qbil fuq miżuri konkreti ta' kooperazzjoni. Il-ħidma ser tibni fuq id-diskussjonijiet li jsiru matul l-2012. L-għan aħħari ser ikun li jintlaħaq qbil fuq sett ċar ta' għanijiet/eżiti ta' kooperazzjoni għal kull netwerk</p> | <p>1.1 Pjan ta' azzjoni abbozzat</p> <p>1.2 Ix-xogħol iżomm mal-ħin skont il-pjan ta' azzjoni</p> |

| | | | |
|------------|---|--|---|
| | | u l-implimentazzjoni tagħhom. | |
| GC3 | Implimentazzjoni tal-proċeduri meħtieġa u l-proċessi biex jiġi żgurat l-ogħla livell ta' protezzjoni tad-dejta fir-rigward tal-operazzjonijiet amministrattivi tal-Aġenzija u fir-rigward tas-sistemi ta' informazzjoni amministrati minnha u biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni sħiħa tagħhom. | 3.1. Implimentazzjoni ta' proċeduri 3.2. Verifiki fuq il-post dwar il-funzjonament | Il-proċeduri kollha meħtieġa huma fis-seħħ Abbozz tal-pjan ta' azzjoni li jindirizza kwalunkwe dgħjufijiet identifikati. Ma ġew identifikati ebda dgħjufijiet serji matul il-verifiki fuq il-post jew fil-qafas tal-awditjar. |
| GC4 | Parir legali: Twaqqif ta' qafas biex jiġi pprovdut parir legali meta jkun hemm bżonn għall-operazzjonijiet interni tal-Aġenzija u sabiex tiġi difiża l-pożizzjoni tagħha fir-rigward tal-estern (eż. għal kwistjonijiet legali marbutin mal-proċeduri tal-offerti). | 4.1. It-twaqqif ta' qafas u proċeduri 4.2. Pariri legali pprovduti fil-ħin għat-teħid ta' deċiżjonijiet interni 4.3. Pariri legali fil-ħin fir-rigward tal-pożizzjoni tal-Aġenzija fi kwalunkwe tilwim possibbli | Puntwalità u kwalifika tal-pariri |
| GC5 | Komunikazzjoni interna: Biex tiġi promossa l-missjoni, il-valuri u l-kultura tal-Aġenzija lill-membri tal-persunal tagħha permezz tal-abbozzar u t-tixrid ta' għodod ta' komunikazzjoni, avvenimenti interni ta' sensibilizzazzjoni u l-aħjar Prattiki l-oħrajn; | 5.1. Sit tal-intranet imfassal għall-Persunal tal-Aġenzija 5.2. Attivitajiet u avvenimenti informali ta' sensibilizzazzjoni 5.3. Sensibilizzazzjoni dwar il-prijorità tal-kisba ta' eċċellenza teknika u organizzazzjonali bl-iktar mod kosteffiċenti possibbli. | 5.1 aġġornamenti kull ġimgħa 5.2 Attività waħda ta' sensibilizzazzjoni fix-xahar 5.3 darbtejn fis-sena (permezz tal-intranet u/jew laqgħat interni). |
| GC6 | Komunikazzjoni esterna: Biex tiġi promossa l-Aġenzija u s-sistemi li tħaddem u biex jiġu sodisfatti r-rekwiżiti tal-komunikazzjoni stabbiliti fir-Regolament bażiku u l-bażijiet legali tas-sistemi tal-IT amministrati mill-Aġenzija | 6.1. Tħejjija ta' strateġija iktar dettaljata dwar il-komunikazzjoni esterna sa tmiem it-tieni trimestru 6.2. Finalizzazzjoni tal-ippjanar u t-tħejjijiet fir-rigward tal-kontribut tal-Aġenzija għall-kampanja informattiva dwar s-SIS II u l-implimentazzjoni ta' dawn il-kompiti fil-ħin biex tibda titħaddem s-SIS II (huwa | <ul style="list-style-type: none"> Finalizzazzjoni fil-ħin tal-istrateġija u materjali tal-informazzjoni Żieda progressiva fl-għadd ta' nies li żaru l-websajt tal-Aġenzija matul is-sena Sodisfazzjoni fost l-utenti u l-partijiet interessati (stħarriġ annwali fuq il-websajt, stħarriġ wara kull kampanja) |

| | | | |
|------------|---|--|--|
| | | <p>possibbli wkoll li jibda jsir xogħol fuq l-ippjanar ta' kampanji tal-ġejjieni)</p> <p>6.3. Komunikazzjoni dwar l-inizjattiva tal-Aġenzija stess f'oqsma li jaqgħu fil-kompiti tagħha, inkluż l-iżvilupp ulterjuri tal-websajt tal-Aġenzija u l-aġġornament iregolari tagħha, u l-ottimizzazzjoni tal-viżibilità tal-websajt.</p> <p>6.4. L-iżvilupp ta' netwerk ta' kuntatti tal-midja, il-bini ta' relazzjonijiet sodi ma' dawn il-kuntatti, il-forniment ta' informazzjoni valida għall-midja (messaġġi ddefiniti b'mod ċar), valutazzjoni tal-impatt permezz ta' monitoraġġ u revizzjonijiet mill-istampa u organizzazzjoni ta' taħriġ dwar il-midja għall-persunal tal-Aġenzija</p> <p>6.5. L-organizzazzjoni jew l-involviment possibbli f'kampanji sussegwenti għall-VIS, jekk ikun hemm bżonnhom</p> <p>6.6 L-ilħuq tar-rekwiżiti kollha ta' pubblikazzjoni stabbiliti fil-bażijiet legali, b'mod partikolari:</p> <p>6.7 Il-pubblikazzjoni tal-Programm ta' F'idma Annwali għall-2014 u r-rapport tal-attività annwali għall-2012</p> <p>6.8 Il-pubblikazzjoni annwali ta' listi tal-awtoritajiet nazzjonali awtorizzati jużaw jew ifitxu dejta fis-sistemi tal-IT amministrati mill-Aġenzija (SIS II, VIS, EURODAC), kif inhu ddefinit fil-bażijiet legali għal dawn is-sistemi.</p> | <ul style="list-style-type: none"> • Kwalità u kwantità ta' kopertura mill-istampa fuq iżviluppi kbar li għandhom x'jaqsmu mal-Aġenzija. • Ilħuq fil-ħin tar-rekwiżiti ta' pubblikazzjoni skont il-bażijiet legali (rapport annwali għall-Aġenzija, listi ta' awtoritajiet nazzjonali u aġġornamenti annwali fihom u obbligi ta' rapportar oħrajn) |
| GC7 | Taħriġ Ġenerali għall-persunal tal-Aġenzija | <p>7.1 Taħriġ Ġenerali</p> <ol style="list-style-type: none"> 1. Taħriġ tal-pakkett ta' merħba (2 sessjonijiet fl-2013) 2. Taħriġ amministrattiv tal-pakkett ta' merħba (2 sessjonijiet fl-2013) 3. Avvenimenti u preżentazzjonijiet għat-tisħiħ tat-tim: <p>i) seminars interni għat-tisħiħ</p> | <p>90% tal-persunal tal-Aġenzija li attenda minimu ta' 2 avvenimenti ta' tisħiħ tat-tim matul is-sena</p> <p>100% tal-persunal tad-dipartimenti li jestendi fuq iż-żewġ siti għandu jattendi minimu ta' 2 attivitajiet ta' tisħiħ tat-tim matul is-sena.</p> |

| | | | |
|--------------|---|---|--|
| | | <p>tat-tim ii) preżentazzjonijiet matul il-pranzu/kolazzjon, possibilment b'link VC bejn is-siti, iii) ġurnata barra</p> <p>L-attivitajiet ta' tisħiħ tat-tim ser jieħdu f'kunsiderazzjoni sħiħa l-limiti baġitarji, b'enfasi fuq soluzzjonijiet interni li ma jiħdux wisq riżorsi mill-baġit.</p> | |
| GC8 | Taħriġ Tekniku għall-Persunal tal-Aġenzija. | <p>Taħriġ tekniku għall-persunal tekniku tal-Aġenzija stess</p> <p>8.1 Taħriġ Informatiku tal-pakkett ta' merħba tal-Aġenzija: kors ta' ġimgħa għall-ġodda li jaħdmu fil-qasam tekniku (b'aspetti komuni għas-sistemi kollha).</p> <p>8.2 Taħriġ speċifiku ta' aġġornament tekniku²⁶</p> <p>8.3 Taħriġ kummerċjali u operattiv: taħriġ marbut mal-funzjonijiet kummerċjali u operattivi tas-sistema speċifika li l-persunal ser iħaddem/jamministra²⁷</p> | <p>Ġenerali:</p> <ul style="list-style-type: none"> - 100% tal-persunal attenda l-korsijiet obligatorji elenkati fil-pjan ta' taħriġ tiegħu. - Sodisfazzjoni tal-persuni f'taħriġ (=>Tal-inqas 3 fuq skala ta' 1 sa 5) |
| GC9 | Taħriġ għal awtoritajiet nazzjonali dwar sistemi tal-IT amministrati mill-Aġenzija | Tal-inqas 2 korsijiet f'kull sistema fl-2013 | Sodisfazzjoni tal-persuni f'taħriġ (=>Tal-inqas 3 fuq skala ta' 1 sa 5 |
| GC10 | Taħriġ għall-operaturi ta' SIRENE | <p>4 Korsijiet fl-2013</p> <p>L-attivitajiet preċiżi ser jiddependu fuq l-eżitu tad-diskussjonijiet mas-CEPOL</p> | Sodisfazzjoni tal-persuni f'taħriġ (=>Tal-inqas 3 fuq skala ta' 1 sa 5 |
| GC 11 | Taħriġ tat-tim ta' evalwazzjoni u l-esperti ewlenin ta' Schengen | <p>kors jew tnejn fl-2013 skont ir-rekwiżiti tal-esperti</p> <p>L-attivitajiet preċiżi ser jiddependu mill-eżitu tad-diskussjonijiet mal-FRONTEx u s-CEPOL</p> | Sodisfazzjoni tal-persuni f'taħriġ (=>Tal-inqas 3 fuq skala ta' 1 sa 5 |

²⁶ Pereżempju, dwar suġġetti bħal Oracle, Weblogic u/jew hardwer speċifiku), filwaqt li jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-kompiti speċifiċi ta' persunal u l-livell eżistenti tagħhom ta' għarfien.

²⁷ Pereżempju, kif inhuma pproċessati l-viżi, l-ambjent kummerċjali għall-EURODAC u kif jiġu solvuti inċidenti. Għall-VIS u s-SIS II, dan it-taħriġ ser jiġi pprovdut fuq il-bażi tal-materjal ipprovdut mill-kuntrattur ewleini tal-iżvilupp matul il-pjanijiet ta' Transizzjoni tal-VIS/BMS u s-SIS II (primarjament proċeduri operattivi li jiddeskrivu xenarji operattivi fuq skala kbira jew dawk ta' kuljum).

2.7.4. Awditjar Intern

| Skop / Għan Nru | Għan | Prodotti potenzjali u indikatur tal-prestazzjoni | |
|--------------------|--|---|--|
| | | Prodott potenzjali | Indikatur tal-prestazzjoni |
| IA1 | L-awditjar tas-sistema interna ta' kontroll implimentata, sabiex tiġi vvalutata l-effikaċja u, b'mod iktar ġenerali, il-prestazzjoni tal-unitajiet fl-implimentazzjoni tal-proġetti, l-azzjonijiet u s-servizzi tal-Aġenzija bil-għan li jgħibu magħhom titjib kontinwu. | Twaqqif tal-organizzazzjoni meħtieġa u tfassil ta' pjan tal-awditjar ta' tliet snin | Organizzazzjoni implimentata u pjan tal-awditjar lest għal kmieni fir-raba' trimestru. |

2.7.5. Kwistjonijiet operattivi u l-Infrastruttura

| Skop / Għan Nru | Għan | Prodotti potenzjali u indikatur tal-prestazzjoni | |
|--------------------|--|---|---|
| | | Prodott potenzjali | Indikatur tal-prestazzjoni |
| OPU1 | Ġestjoni tas-sistemi: (dak li jirrigwarda s-sistemi operattivi, aġġornamenti, <i>oracle</i> u prodotti lesti għall-bejgħ, eċċ) | 1.1 Effiċjenza tal-ġestjoni tal-bidla 1.2 Effiċjenza tal-ġestjoni tal-konfigurazzjoni | L-indikaturi speċifiċi ser ikunu fil-ftehimiet dwar il-livell tas-servizz żviluppati skont l-għan MAN2 imsemmi iktar 'il fuq. |
| OPU2 | <p>Netwerk:</p> <p>2.1 Sorveljanza tan-netwerk u koordinazzjoni tar-relazzjonijiet bejn l-Istati Membri u l-fornitur tan-netwerk għas-SIS II, il-VIS u l-EURODAC u l-iżgurar tas-sigurtà tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni għall-VIS u l-EURODAC (<i>is-sigurtà tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni għas-SIS II tibqa' r-responsabilità tal-Kummissjoni</i>).</p> <p>2.2 L-iżgurar li l-miżuri u l-prekawzjonijiet applikabbli għal kwalunkwe kompiti tan-netwerk fdati lil korpi esterni mis-settur privat jiġu rrispettati bis-sħiħ.</p> | <p>2.1</p> <p>L-iżgurar ta' disponibilità adegwata tan-Netwerk sTESTA (kif iddefinit fl-indikaturi li ġejjin tan-netwerk għan-netwerk għas-SIS II, il-VIS u l-EURODAC)</p> <p>2.1.1 Disponibilità tas-sit (disponibilità tat-TAP imkejje mill-apparat ta' monitoraġġ ta' SLA, bejn it-TAP u sit ta' referenza ddefinit (CU u BCU)).</p> <p>2.1.2 Disponibilità ta' <i>throughput</i> (biex jintwera % tal-<i>bandwidth</i> disponibbli mqabbel mal-<i>bandwidth</i> fil-mira)</p> <p>2.1.3 Dewmien tal-Vjaġġ Ċirkolari tan-Netwerk tal-95 Perċentil (bejn żewġ siti meta mqabbel mal-livell ta'</p> | <p>2.1-2 L-indikaturi speċifiċi ser ikunu fil-ftehimiet dwar il-livell tas-servizz żviluppati skont l-għan MAN2 imsemmi iktar 'il fuq.</p> <p>2.3 Puntwalità tat-tħejjijiet</p> |

| | | | |
|-------|--|---|---|
| | | <p>dewmien fil-mira tal-vjaġġ ċirkolari tal-95 perċentil)</p> <p>2.1.4 Is-sehem ta' Telf tal-Pakkett tan-Netwerk tal-95 Perċentil bejn żewġ siti mqabbla mas-sehem ta' telf tal-pakkett tal-95 perċentil</p> <p>2.2 Validazzjoni tal-proċeduri operattivi tal-kuntratti esterni u l-konformità tagħhom ma' dispożizzjonijiet relatati fil-kuntratti</p> <p>2.3 Tħejija u implimentazzjoni tal-migrazzjoni tan-netwerk għall-VIS, is-SIS II u l-EURODAC fl-oqsma ta' kompetenzi tal-Aġenzija (superviżjoni, sigurtà u ġestjoni tar-relazzjonijiet bejn l-Istati Membri u l-fornitur il-ġdid tan-netwerk).</p> <p><i>Indikaturi addizzjonali għal dan l-għan jistgħu jiġdiedu mal-ftehim finali dwar il-livell tas-servizz.</i></p> | |
| OPU3 | Helpdesk | <p>3.1. Id-disponibilità tat-tim tas-servizz tal-għajnuna</p> <p>3.2. Id-disponibilità tas-sistema ta' traċċar tal-problemi (Għodda għall-Ġestjoni tal-Livell tas-Servizz)</p> <p>3.3. Id-disponibilità ta' Katalogu tas-servizz (lista eżawstiva tas-servizzi kollha li għandhom jiġu pprovduti mill-Aġenzija lill-Istati Membri).</p> | L-indikaturi speċifiċi ser ikunu fil-ftehimiet dwar il-livell tas-servizz żviluppati skont l-għan MAN2 imsemmi iktar 'il fuq. |
| OPU 4 | Il-monitoraġġ tal-funzjonament tekniku tas-Sistemi tal-IT amministrati mill-Aġenzija u l-ġbir tad-dejta teknika kollha meħtieġa biex tilħaq l-obbligi ta' rapportar, statistika u ta' monitoraġġ tagħha. | Statistika u informazzjoni dwar il-funzjonament ta' dawn is-sistemi kif previst fil-bażijiet legali. Iktar informazzjoni hija mogħtija fil-punt 4.4.7. | Kwalità u puntwalità tal-prodotti finali |

2.7.6. Riżorsi u kwistjonijiet amministrattivi

| S k o p | Għan | Prodotti potenzjali u indikatur tal-prestazzjoni | |
|------------|--|--|--|
| | | Prodott potenzjali | Indikatur tal-prestazzjoni |
| | Riċerka, statistika u rapportar | | |
| AS1 | Monitoraġġ: 1. Finalizzazzjoni tat-tnejjiet għall-proċeduri ta' monitoraġġ għas-SIS II 2. Monitoraġġ għas-SIS II, il-VIS u I-EURODAC | 1. Finalizzazzjoni tal-proċeduri sa Marzu 2013 2. Implimentazzjoni tal-monitoraġġ | 1. Kwalità u puntwalità tal-proċeduri 2. Kwalità u puntwalità tal-monitoraġġ |
| AS2 | Rapportar: Adozzjoni tar-rapport Annwali tal-Attività għall-Aġenzija għall-2012 u sottomissjoni lill-PE, il-Kunsill, il-Kummissjoni u l-Qorti tal-Awdituri | 15 ta' Ġunju 2013 | 2. Kwalità u puntwalità |
| AS3 | Rapportar Tweqqiq tal-obbligi kollha ta' rapportar stabbiliti fir-Regolament bażiku u l-bażijiet legali għas-sistemi tal-IT amministrati mill-Aġenzija b'hal: 1. Ir-rapport Annwali dwar l-attivitajiet tal-Unità Ċentrali tal-EURODAC 2. Ir-rapport dwar il-funzjonament tekniku inkluża s-sigurtà tal-VIS sentejn wara li bdiet titħaddem (<i>u mbagħad kull sentejn</i>) u s-sottomissjoni tiegħu lill-PE, il-Kunsill u l-Kummissjoni <i>Se jkun hemm bżonn ukoll ta' rapport simili għas-SIS II, sentejn wara li tibda titħaddem.</i> | L-abbozzi tar-rapporti msemmija fil-bażijiet legali. | L-obbligi kollha ta' rapportar imwettqa b'konformità mad-dati ta' skadenza jew l-obbligi legali ddefiniti. |
| AS4 | Informazzjoni għall-Kummissjoni, il-Parlament, il-KEPD u l-SM 1. Il-forniment lill-Kummissjoni tal-informazzjoni meħtieġa biex tipproduċi evalwazzjoni regolari tal-VIS, I-EURODAC u s-SIS II 2. Notifika lill-PE u l-Kunsill dwar il-miżuri biex tiġi żgurata | L-għoti ta' informazzjoni adegwata kif meħtieġ | Sottomissjoni tar-rapporti/informazzjoni fil-ħin |

| | | | |
|------------|---|--|--|
| | s-sigurtà tad-dejta użata fil-VIS ²⁸ iadarba jkunu disponibbli l-pjanijiet tas-sigurtà tal-Aġenzija stess. | | |
| AS5 | <p>Statistika</p> <p>1. Finalizzazzjoni tax-xogħol biex jiġi żgurat li l-SM implimentaw mekkaniżmi li jiġbru statistika, inklużi regoli komuni dwar l-għadd, biex ikunu jistgħu jissodisfaw l-obbligi ta' rapportar sa mill-ewwel jum li fih tibda taħdem is-SIS II u minn dak iż-żmien jibdew jipubblikaw statistika dwar is-SIS II skont l-istrumenti bażiċi tas-SIS II</p> <p>2. Il-forniment ta' statistika dwar is-sistemi tal-IT kif inhu stabbilit fir-Regolament bażiku u l-bażijiet legali għas-sistemi tal-IT amministrati mill-Aġenzija</p> | <p>5.1 L-implimentazzjoni ta' proċeduri effettivi għall-ġbir u r-rapportar ta' statistika għas-SIS II minn Marzu 2013.</p> <p>5.2 Il-forniment tal-istatistika kollha</p> <ul style="list-style-type: none"> - Statistika dwar s-SIS II minn Marzu 2013 - Statistika fuq il-VIS mill-bidu tal-2013²² - Statistika trimestrali, għabriet statistiċi annwali dwar il-ħidma tal-Unità Ċentrali tal-EURODAC u kwalunkwe statistika oħra li tista' tkun meħtieġa dwar l-EURODAC | <p>5.1 Puntwalità u konformità mal-obbligi legali</p> <p>5.2 Puntwalità u kwalità tal-istatistika.</p> |
| AS6 | <p>Monitoraġġ tar-riċerka</p> <p>1. Twaqqif ta' strutturi adegwati biex jiġi żgurat monitoraġġ effettiv tar-riċerka</p> <p>2. Monitoraġġ tal-iżviluppi fir-riċerka rilevanti għall-ġestjoni operattiva tas-SIS II, il-VIS, l-EURODAC u sistemi tal-IT oħrajn fuq skala kbira.</p> <p>3. Notifiki lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kummissjoni u l-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data fuq bażi regolari dwar l-iżviluppi marbutin mal-monitoraġġ tar-riċerka.</p> | <p>1. Diskussjoni dwar il-pjanijiet ta' azzjoni għal kull settur (sistema) fil-gruppi konsultattivi fl-Ewwel Trimestru 2013. Dawn ser jiddeskrivu wkoll il-mezzi/frekwenza xierqa għall-obbligi ta' rapportar fil-punt 3 iktar 'l isfel.</p> <p>2. Monitoraġġ regolari ta' żviluppi, Komunikazzjoni ta' informazzjoni b'mod intern u lill-partijiet interessati b'mezz xieraq.</p> <p>3. Rapportar permezz ta' kanali xierqa.</p> | <p>1-3. Implimentazzjoni fil-ħin tal-pjan ta' azzjoni.</p> |
| AS7 | <p>Il-loġistika u l-ġestjoni tal-bini</p> <p>Il-forniment ta' servizzi fil-qasam tal-ġestjoni tal-bini, ġestjoni tal-faċilitajiet u l-</p> | <p>1.1 Kompiti kurrenti marbutin mal-ġestjoni tal-infrastruttura tal-bini temporanju tal-kwartieri ġenerali f'Tallinn.</p> | <p>1.1, 1.5, 1.6: Stħarriġ annwali. Sodisfazzjoni tal-utenti b'minimu ta' 75%.</p> |

²⁸ F'Mejju 2010, il-Kummissjoni adottat Deċiżjoni dwar Pjan tas-Sigurtà għall-VIS, li timplimenta d-dispożizzjonijiet dwar is-sigurtà tal-istrumenti bażiċi tal-VIS. Din id-Deċiżjoni daħlet fis-seħħ meta ġiet attivata l-VIS u ser tibqa' fis-seħħ sakemm l-Aġenzija, li ser ikollha l-pjanijiet tas-sigurtà tagħha stess, tiegħu r-responsabilitajiet tagħha f'idejha.

| | | | |
|-------------|---|--|---|
| | loġistika fis-siti kollha tal-Aġenzija; | <p>1.2 L-iżgurar li x-xogħol biex isir disponibbli bini ġdid għall-kwartieri ġenerali f'Tallinn iżomm mal-ħin</p> <p>1.3 Segwitu għax-xogħol ta' konverżjoni mill-ġdid u kostruzzjoni mill-kuntrattur biex jittejjeb iktar is-sit fi Strasburgu</p> <p>1.4 L-iżgurar li jitlestew l-infrastrutturi marbutin mas-SIS II.</p> <p>1.5 Kompiti kurrenti marbutin mal-ġestjoni tal-infrastruttura għas-sit f'St Johann im Pongau</p> <p>1.6 Tħaddim ta' rutina tas-servizzi loġistiċi li ma jaqtax;</p> | <p>1.2 Ix-xogħlijiet kollha skedati għall-2013 tlestew fil-ħin</p> <p>1.3 It-twaqqif ta' programm ta' F'idma dettaljat sa nofs it-tieni trimestru għas-snin 2014-2017 u li x-xogħol iżomm ma' din l-iskeda.</p> <p>1.4 L-infrastrutturi għas-SIS II għandhom jitlestew sa qabel Marzu 2013</p> <p>1.5 u 1.6 (ara 1.1)</p> |
| AS8 | HR: L-iżvilupp tal-qafas ta' kompetenzi tal-Aġenzija (ħtiġijiet ta' reklutaġġ, ħtiġijiet tal-organizzazzjoni, ħtiġijiet ta' żvilupp tal-persunal). | Qafas ta' kompetenzi implimentat. | Proċessi ta' reklutaġġ, selezzjoni u żvilupp tal-persunal ibbażati fuq il-qafas ta' kompetenzi. |
| AS9 | HR: Il-ħatra u t-tibdil tal-persunal fir-rigward tal-pjan ta' stabbiliment u d-deċiżjonijiet tal-ED; | <p>L-iżgurar li l-ħidma għall-ħatra tal-120 membru tal-persunal titlesta malajr kemm jista' jkun fl-2013</p> <p>Sostituzzjoni tal-ENS u persunal tal-Aġenzija, skont ir-rekwiżiti, il-kollokament fil-ħin tal-persunal magħżul ġdid;</p> | Karigi mimlija fi żmien 16-il ġimgħa mill-pubblikazzjoni. |
| AS10 | Appoġġ amministrattiv lill-Bord ta' Tmexxija | Organizzazzjoni ta' tal-inqas 4 laqgħat (koordinazzjoni ta' arranġamenti loġistiċi, koordinazzjoni ta' aġenda u dokumentazzjoni u parteċipazzjoni tal-ED fil-laqgħa). | Kwalità u puntwalità tal-prodotti finali (b'mod partikolari, dokumenti disponibbli minn qabel il-laqgħat, skont it-termini tal-proċeduri operattivi) |
| AS11 | Appoġġ amministrattiv lill-Gruppi Konsultattivi | L-Aġenzija għandha tiżgura s-segretarjat. | Kwalità u puntwalità tal-prodotti finali |

2.7.7. L-Akkwisti u l-Kuntratti

| S k o p | Għan | Prodotti potenzjali u indikatur tal-prestazzjoni | |
|------------|--|--|------------------------------|
| | | Prodott potenzjali | Indikatur tal-prestazzjoni |
| PC1 | 1.1-1.2 Konsolidazzjoni ulterjuri u tišhiħ mill-ġdid | 1.1 Konsolidazzjoni ta' proċeduri u notifika lill- | 1.1 Numru ikbar ta' persunal |

| | | | |
|------------|--|---|---|
| | <p>tal-proċeduri finanzjarji u tal-akkwisti, inklużi kontrolli ex ante.</p> <p>1.3. L-għoti ta' pariri kompetenti fuq proċeduri tal-akkwisti lil unitajiet oħrajn tal-Aġenzija u lil kuntratturi u fornituri potenzjali.</p> | <p>persunal rilevanti</p> <p>Dan jinkludi l-implimentazzjoni ta' strutturi għat-tnejn u l-implimentazzjoni ta' proċeduri tal-offerti u għall-konsultazzjoni possibbli ta' esperti mill-Istati membri fuq bażi ta' każ b'każ għall-kompetenzi tekniċi, il-proċeduri ta' evalwazzjoni u d-definizzjoni ta' aspetti tekniċi marbutin mad-dokumenti tal-offerti.</p> <p>1.2 Koordinazzjoni tal-fażijiet kollha tal-proċedura ta' kuntrattar u l-għoti ta' kummenti dwar il-kamp ta' applikazzjoni għal titjib.</p> <p>1.3 L-għoti ta' pariri u taħriġ intern.</p> | <p>imħarreġ.</p> <p>1.2 Numru ikbar ta' proċeduri tal-akkwist li tlestew fil-ħin</p> <p>1.3 Sodisfazzjoni tal-utenti (permezz ta' stħarriġ annwali, riżultat $\geq 75\%$).</p> |
| PC2 | <p>L-ipproċessar tal-fatturi/talbiet kollha għar-rimborż fi ħdan il-limiti ta' żmien stabbiliti.</p> | <p>2.1 Ffalsijiet fil-ħin</p> <p>2.2 Analiżi perijodika tad-dewmien u l-analiżi tiegħu</p> | <p>2.1. Inqas minn 15% tat-transazzjonijiet ma tħallsux fi ħdan il-limiti regolatorji.</p> <p>2.2 L-analiżi twassal għal għanijiet konkreti għat-titjib</p> |
| PC3 | <p>Iż-żamma u l-iżvilupp ulterjuri ta' informazzjoni finanzjarja mfassla għall-ġestjoni tal-Aġenzija.</p> | <p>3.1 rapporti tax-xahar dwar l-implimentazzjoni baġitarja</p> <p>3.2 analiżi tax-xahar dwar il-ffalsijiet</p> | <p>3. Puntwalità tar-rapporti u l-analizzijiet tax-xahar u l-livell ta' sodisfazzjoni tal-utenti (stħarriġ annwali. Sodisfazzjoni tal-utenti $\geq 75\%$)</p> |
| PC4 | <p>Kontribut għall-iżvilupp, is-simplifikazzjoni u l-implimentazzjoni tal-politiki dwar l-akkwisti tal-Aġenzija, filwaqt li jiġi żgurat rispett sħiħ tal-leġiżlazzjoni u l-linji gwida tal-UE.</p> | <p>Reviżjonijiet interni perijodiċi ta' proċeduri, filwaqt li tittieħed f'kunsiderazzjoni l-kontribut mill-utenti, bidliet ex ante u oħrajn fi proċeduri ċentrali (tal-inqas darba fis-sena, sabiex jiġu proposti pjanijiet ta' azzjoni biex isir titjib).</p> | <p>It-tweġiq ta' reviżjoni perijodika (qabel tmiem l-2013) u l-implimentazzjoni ta' bidliet b'konformità mal-pjan ta' azzjoni u skont l-iskeda tiegħu.</p> |
| PC5 | <p>Irfinar u validazzjoni tas-sistema kontabilistika tal-Aġenzija, inklużi s-sistemi lokali ta' ġestjoni finanzjarja</p> | <p>5.1 Is-sistema tal-Kontabilità tal-Aġenzija mfassla u vvalidata.</p> <p>5.2 Introduzzjonijiet u modifiki tas-sistema jsiru wara konsultazzjoni mal-uffiċjali tal-awtorizzazzjoni u validazzjoni mill-uffiċjal tal-kontabilità.</p> | <p>Validazzjoni esterna pożittiva</p> |
| PC6 | <p>Iż-żamma u l-preżentazzjoni tal-kontijiet skont it-Titolu VII tar-Regolament Finanzjarju</p> | <p>6.1. Il-kontijiet jikkonformaw mar-regoli, huma preċiżi u komprensivi u jippreżentaw idea vera u ġusta tal-assi u l-</p> | <p>6.1-2 Il-kontijiet jirrispettaw id-dispożizzjonijiet kollha tar-Regolament Finanzjarju</p> |

| | | | |
|-------------------|---|--|--|
| | | <p>obbligazzjonijiet tal-Aġenzija, is-sitwazzjoni finanzjarja u r-riżultat tas-sena finanzjarja tagħha;</p> <p>6.2. Il-ktieb tad-dħul u s-sistema ġenerali tall-ktieb jiġu mantenuti u fihom dejta aġġornata;</p> <p>6.3. Il-maniġment tal-Aġenzija jingħata informazzjoni regolari dwar it-transizzjonijiet li daħħal u vvalida fis-sistema kontabilistika ċentrali (ABAC/SAP);</p> <p>6.4. Il-ġestjoni tat-teżor u r-reġistru tal-assi jiġu rrikonċiljati b'mod regolari u f'każ ta' xi diskrepanza, il-partijiet rilevanti jiġu mgħarrfa kif xieraq dwar dan;</p> <p>6.5. Il-monitoraġġ regolari tar-regolarizzazzjoni ta' operazzjonijiet mhux tal-baġit huwa żgurat;</p> <p>6.6. Interfaċċja ma' uffiċjali tal-awtorizzazzjoni dwar kwistjonijiet kontabilistiċi;</p> <p>6.7. Implimentazzjoni tar-regoli u l-metodi tal-kontabilità u l-karta tal-kontijiet skont id-dispożizzjonijiet adottati mill-Uffiċjal tal-Kontabilità tal-Kummissjoni Ewropea;</p> | <p>6.3. Puntwalità tar-rapporti pprovduti</p> <p>6.3 u 6.6 Laqgħat fix-xahar mal-uffiċjali tal-awtorizzazzjoni</p> <p>6.5. Inqas każijiet ta' diskrepanzi</p> <p>6.6 Laqgħat fix-Xahar ma' uffiċjali tal-awtorizzazzjoni</p> <p>6.7 Ebdha osservazzjonijiet negattivi notevoli</p> |
| <p>PC7</p> | <p>Implimentazzjoni tal-istandards kollha ta' kontroll intern fi ħdan l-organizzazzjoni, biex isiru reviżjonijiet perjodiċi u sabiex jiġi żgurat li l-persunal ikun mgħarraf dwar dawn l-istandards u kwalunkwe proċeduri relatati.</p> | <p>Tidħil fis-seħħ ta' pjan ta' azzjoni għall-implimentazzjoni tal-istandards kollha fi ħdan l-Aġenzija.</p> <p>L-istandards marbutin mal-ġestjoni finanzjarja għandhom jiġu implimentati malajr kemm jista' jkun.</p> <p>Fir-rigward tal-analiżi tar-riskji, minħabba l-għamla tas-sistemi tal-IT amministrati minnha, l-Aġenzija hi mistennija taqbeż malajr l-istandards tal-linja bażi f'dan il-qasam.</p> <p>2 reviżjonijiet fis-sena.</p> <p>Il-pubblikazzjoni ta' sommarju ta' standards fuq l-intranet u referenza għalihom fit-taħriġ</p> | <p>Għadd ta' standards implimentati bis-sħiħ Mira: 100% konformità.</p> <p>Jekk, minħabba ċirkustanzi eċċezzjonali, jkun hemm għadd ta' standards li mhumiex implimentati bis-sħi, iridu jiddaħħlu fis-seħħ pjanijiet ta' azzjoni ċari biex tiġi rimedjata s-sitwazzjoni malajr kemm jista' jkun wara tmiem is-sena.</p> |

| | | | |
|-------|--|--|--|
| | | ta' introduzzjoni għall-persunal. | |
| PC8 | Implimentazzjoni tal-ħlasijiet, għbir tad-dħul, segwitu għan-noti u VAT u ordnijiet ta' rkupru | Politika rigoruża dwar it-teżor implimentata. | Il-fondi fil-kontijiet tal-bank jikkorrispondu għall-ħtieġa attwali tal-Aġenzija |
| PC9 | Wiri tal-kapaċità tal-Aġenzija biex tieħu indipendenza finanzjarja sħiħa. | Implimentazzjoni tal-elementi essenzjali tal-għanijiet 1-4 (1.1-1.3 2.1-2.2, 3.1-3.2, 5, 6, 7 u 8 fl-2013. | 9.1 Il-persunal kollu tal-qasam finanzjarju maħtur u 90% minnhom irċivew taħriġ sħiħ fil-qasam finanzjarju. 9.2 Proċeduri ta' koordinazzjoni sodisfaċenti (anki ex ante) fis-seħħ 1.1-1.2 iktar 'il fuq (il-kwalità tal-ipproċessar tal-fajls tat-testijiet ikkontrollati mill-COM) 9.3 L-eżitu ta' verifka fuq il-post biex jew tiġi żgurata prestazzjoni sodisfaċenti jew inkella l-kapaċità li tiġi żgurata prestazzjoni sodisfaċenti għall-indikaturi PC1-8. |
| PC 10 | Tħejjija ta' pjan tal-akkwisti | Tħejjija ta' pjan tal-akkwisti fir-raba' trimestru 2012. | Kwalità u puntwalità |

2.7.8. Sigurtà

| Għan Nru u Skop (G) | Għan | Prodotti potenzjali u indikatur tal-prestazzjoni | |
|---------------------|--|--|--|
| | | Prodott potenzjali | Indikatur tal-prestazzjoni |
| SE1 | Sigurtà L-iżgurar li l-uffiċċji tal-Aġenzija joperaw f'ambjent b'sigurtà adegwata li jirrispetta l-pjan tas-sigurtà għall-Aġenzija (u l-pjan ta' rkupru minn diżastru, ladarba jitlesta). Dan ser jinkludi miżuri li jiżguraw li l-persunal ikun kompletament konxju mir-regoli u l-proċeduri bażiċi dwar is-sigurtà relatati mal-attivitajiet | 1.1 Pariri / aġġornamenti lill-unitajiet oħrajn tal-Aġenzija dwar is-sigurtà 1.2 Taħriġ għall-persunal dwar is-sigurtà 1.3 Verifika tal-funzjonament tal-proċeduri dwar is-sigurtà fil-prattika u tal-pjan tal-BCP ladarba jiġi approvat. 1.4 Implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni biex jiġu indirizzati kwalunkwe problemi identifikati. | 1.1 Kwalità u ċarezza tal-informazzjoni 1.2 Il-persunal kollu ħa sehem fit-taħriġ dwar is-sigurtà sa tmiem l-2013 1.3 Ebda sejbiet negattivi serji |

| | | | |
|------|---|---|---|
| | tagħhom u li jiġu rrapportati l-inċidenti u l-irregolaritajiet. | | |
| SE2. | L-iżgurar li jiġu rrispettati r-regoli dwar ir-rekwiżiti ta' kunfidenzjalità u segretezza professjonali għall-persunal li jaħdem b'dejta fis-sistemi | 2.1 Informazzjoni/taħriġ għall-persunal 2.2 verifikati kull ċertu żmien (tal-inqas darba fis-sena) + tidħil fis-seħħ ta' pjanijiet ta' azzjoni biex jiġu rrimedjati kwalunke problemi identifikati. | 2.2 Ebda sejbiet negattivi notevoli Jistgħu jiżdedu indikaturi speċifiċi oħrajn mal-ftehimiet dwar il-livell ta' servizz żviluppati skont l-għan MAN2 iktar 'il fuq. |
| SE3 | Xogħol sħiħ fuq il-kontinwità kummerċjali u l-pjan ta' rkupru minn diżastru għall-Aġenzija. | 3.1 Finalizzazzjoni tal-pjan sa Marzu 2013 | 3.1 Puntwalità tal-implimentazzjoni |
| SE4 | L-iżgurar li l-aspetti kollha dwar is-sigurtà ttieħdu f'kunsiderazzjoni matul l-ippjanar u r-ristrutturazzjoni tal-bini tal-Aġenzija | 4.1 Verifika li l-bini huwa konformi mal-istandards tas-sigurtà. Implimentazzjoni ta' pjan ta' azzjoni għal kwalunkwe problemi identifikati. | 4.1 Sodisfazzjoni tal-utenti Ebda sejbiet negattivi notevoli |
| SE5 | L-iżgurar li l-miżuri ta' sigurtà u l-pjanijiet tas-sigurtà għas-SIS II, il-VIS u l-EURODAC u għan-netwerks tal-komunikazzjonijiet marbutin ma' dawn is-sistemi huma implimentati bis-sħiħ. | 5.1 informazzjoni, pariri u taħriġ għall-persunal dwar is-sigurtà 5.2 Rapporti regolari dwar il-konformità mad-definizzjoni dettaljata dwar il-livell tas-servizz + Verifiki annwali 5.3 Verifika annwali tal-funzjonament tal-BCP u, jekk ikun hemm bżonn, revizzjoni. | L-indikaturi speċifiċi ser ikunu fil-ftehimiet dwar il-livell tas-servizz żviluppati skont l-għan MAN2 imsemmi iktar 'il fuq. |

Anness A – Baġit

Iċ-ċifri ta' hawn taħt huma bbażati fuq l-Abbozz tal-Baġit għall-Aġenzija għall-2013 li tħejja mill-Kummissjoni fir-rwol amministrattiv tagħha u ġie adottat mill-Bord ta' Tmexxija. L-ammont totali tas-sussidju tal-UE li għandu jiġi pprovdut lill-Aġenzija fl-2013 ġie adottat mill-Kummissjoni. Imbagħad għandu jiġi approvat mill-Awtorità tal-Baġit fi tmiem l-2012, bħala parti mill-Baġit Ġenerali tal-UE għall-2013.

2.8. Previżjoni tal-baġit – Abbozz tal-Baġit 2013

| | Approprjazzjonijiet ta' impenn (EUR) | Approprjazzjonijiet ta' pagament (EUR) |
|---|--------------------------------------|--|
| Titolu 1 | | |
| Infq għal Persunal | 14,962,000 | 14,787,000 |
| 11 Salarji u benefiċċji | 14,262,000 | 14,262,000 |
| - li minnhom karigi fl-pjan ta' stabbiliment | 13,851,000 | 13,851,000 |
| - li minnhom persunal estern | 411,000 | 411,000 |
| 12 Infq relatat mar-reklutaġġ ta' Persunal | 0 | 0 |
| 13 Spejjeż ta' missjonijiet | 300,000 | 225,000 |
| 14 Infrastruttura soċjomedika | 0 | 0 |
| 15 Taħriġ | 400,000 | 300,000 |
| 16 Servizzi Esterni | 0 | 0 |
| 17 Riċevimenti u avvenimenti | 0 | 0 |
| Titolu 2 | | |
| Infrastuttura u nfiq operattiv | 15,138,000 | 9,920,000 |
| 20 Kiri ta' bini u spejjeż assoċjati | 5,523,000 | 3,645,000 |
| 21 Teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni | 0 | 0 |
| 22 Proprjetà mobbli u spejjeż assoċjati | 0 | 0 |
| 23 Nefqa amministrattiva attwali | 0 | 0 |
| 24 Posta / Telekomunikazzjonijiet | 0 | 0 |
| 25 Spejjeż għal laqgħat | 715,000 | 850,000 |
| 26 Kost operattiv b'rabta ma' attivitajiet operattivi | 8,500,000 | 5,100,000 |
| 27 Informazzjoni u pubblikazzjoni | 300,000 | 225,000 |
| 28 Studji | 100,000 | 100,000 |
| Titolu 3 | | |
| Infq operattiv | 10,900,000 | 9,730,000 |
| Spejjeż operattivi (li jridu jiġu speċifikati skont il-Kapitolu) | 10,900,000 | 9,730,000 |
| NEFQA TOTALI | 41,000,000 | 34,437,000 |

Sors: L-Abbozz tad-Dikjarazzjoni tal-estimi tal-Infiq u d-Dħul fl-2013 tal-Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja

Anness B – Ħarsa ġenerali lejn ir-riskji kritiċi u l-miżuri ta' mitigazzjoni

L-Aġenzija żviluppat proċess organizzazzjonali wiesa' tal-ġestjoni tar-riskji korporattivi. Dan għandu l-għan li jaggrega r-riskji (inklużi r-risponsi relatati) fil-livell organizzazzjonali u jintegra dan il-proċess fl-ippjanar u r-rapportar annwali tiegħu, b'konformità mal-Istandard tal-Kontroll Intern (ICS) Nru 6 tal-Kummissjoni²⁹.

Riskju huwa ddefinit bħala avveniment jew sett ta' avvenimenti inċerti li, jekk iseħħ, iħalli impatt negattiv fuq il-kisba tal-għanijiet stabbiliti fil-Programm ta' F'idma annwali u t-twertiq tal-għanijiet tat-terminu medju tal-Aġenzija. Il-ħarsa ġenerali turi biss ir-riskji kritiċi.

Riskju jitqies "kruċjali" u jiġi rrapportat fil-Programm ta' F'idma u r-Rapport tal-Attività jekk jista':

- ikun ta' xkiel għat-twertiq ta' għanijiet importanti;
- jikkawża ħsara serja għall-imsieħba tal-Aġenzija (il-Kummissjoni, l-Istati Membri, il-kumpaniji, iċ-ċittadini, eċċ.);
- jirriżulta f'intervent kritiku fil-livell politiku (eż. il-Kunsill/il-Parlament) fuq il-prestazzjoni tal-Aġenzija;
- jirriżulta fil-ksur ta' liġijiet u regolamenti;
- jirriżulta f'telf materjali u/jew finanzjarju;
- iqiegħed f'riskju s-sikurezza tal-persunal tal-Aġenzija; jew
- ikun ta' ħsara serja fi kwalunkwe mod għall-immaġni u r-reputazzjoni tal-Aġenzija;
- anki jekk ma jkunx kopert mill-kategoriji ta' hawn fuq, riskju għandu jitqies kritiku jekk il-moltiplikazzjoni tal-indikaturi tal-probabbiltà u l-impatt tiegħu jammontaw għal tal-inqas 20 (fejn ir-riskji jiġu evalwati fuq skala ta' 1-5 b'5 li tirreferi għall-ogħla livell, dak kritiku).

²⁹ Ara wkoll l-għan speċifiku PC7 fil-punt 2.7.7

(1) Ħarsa ġenerali lejn ir-riskji (perikli) kritiċi li jistgħu jħallu impatt fuq il-Programm ta' Hídma 2013

| Nru ta' Ref. | Deskrizzjoni tar-riskju (kawża, avveniment u effett) | Għanijiet milqutin | Tip ta' rispons ³⁰ | Azzjonijiet |
|--------------|--|-------------------------------------|-------------------------------|--|
| 01 | Riskju ta' dewmien għat-tlestija tal-bini tal-kwartieri ġenerali permanenti f'Tallinn, flimkien ma' problemi fit-tiġdid tal-arranġamenti biex l-Aġenzija tibqa' fil-bini temporanju | AS7 (impatt fuq l-għanijiet kollha) | Tnaqqis | <ul style="list-style-type: none"> • Monitoraġġ mill-qrib tax-xogħol tal-kuntrattur ta' bini biex jiġi żgurat li x-xogħol għat-tlestija tal-bini l-ġdid tal-kwartieri ġenerali f'Tallinn iżomm mal-ħin • Sfruttar tal-pariri speċjalizzati mill-OIB (SLA) għal pariri dwar kwalunkwe kwistjoni li tista' tinqala' • Hídma biex tinstab soluzzjoni legali għat-tiġdid tal-arranġamenti għall-bini temporanju, jekk ikun hemm bżonn |
| 02 | Riskju ta' dewmien għat-tlestija tal-bini tas-sit tekniku fi Strasburgu | AS7 | Tnaqqis | <ul style="list-style-type: none"> • Jiġihaff il-proċess ta' estensjoni tal-bini temporanju eżistenti (<i>bungalow</i>) • Tintbagħat ittra uffiċjali lill-awtoritajiet Franċiżi biex tiġi stabbilita data ta' skadenza ċara għat-trasferiment tal-bini eżistenti lill-Kummissjoni. Jingħata segwitu għal dan mill-qrib biex jiġi żgurat li tiġi rrispettata d-data ta' skadenza. |
| 03 | Riskju ta' nuqqas ta' garanzija tar-riżorsi baġitarji fl-2013 li ser ikunu meħtieġa biex tiġi żgurata d-disponibilità tat-30 riżorsa żejda meħtieġa għall-ġestjoni tal-kaxxi Crypto mill-2014, meta jintemm il-kuntratt ma' OBS. | OPU2 (2.2) | Tnaqqis | <ul style="list-style-type: none"> • Twettiq ta' studju bil-għan li jiġi ppreżentat argument sod favur il-bżonn ta' dawn ir-riżorsi żejda. • Żieda fir-reqwiżiti fir-rigward tal-kuntrattur il-ġdid tan-netwerk li jipprovdi t-tagħmir kriptografiku biex jiġu pprovduti appoġġ u taħriġ addizzjonali lil persunal ieħor. |

³⁰ Ir-rispons għat-tip ta' riskju ta' periklu huma: Tnaqqis (teħid ta' azzjonijiet biex jiġu mminimizzati l-probabilità jew l-impatt; ir-responsabilità għall-effett(i) tar-riskju u l-miżura/i tar-rispons jibqgħu f'idejn l-Aġenzija); Tneħħija (bidla fil-kamp ta' applikazzjoni tal-għan kummerċjali kkonċernati); Trasferiment (parti terza tiegħi r-responsabilità għar-riskju); Aċċettazzjoni (deċiżjoni konxja u deliberata biex jiġi aċċettat ir-riskju u, speċjalment, l-effett(i) possibbli fuq l-għan kummerċjali); Qsim (ir-responsabilità għall-effett(i) tar-riskju u l-miżura/i ta' rispons għar-riskju tinqasam bejn il-partijiet involuti)

| Nru ta' Ref. | Deskrizzjoni tar-riskju (kawża, avveniment u effett) | Għanijiet milqutin | Tip ta' rispons ³⁰ | Azzjonijiet |
|--------------|---|---|-------------------------------|---|
| 04 | <p>Riskju li ma tinkisibx indipendenza finanzjarja fl-2013</p> <p><i>Ġew stabbiliti kundizzjonijiet stretti għat-trasferiment tar-responsabilità finanzjarja lill-Aġenzija. Dawn mhumiex ser jiġu rriskjati.</i></p> <p><i>Kwalunkwe dewmien fit-trasferiment ta' din ir-responsabilità lill-Aġenzija ser iżid il-kumplessità fl-implimentazzjoni tal-proċeduri finanzjarji, minħabba limitazzjonijiet fuq ir-riżorsi disponibbli fil-Kummissjoni. Dan jista' jħalli implikazzjonijiet b'firxa wiesgħa fuq l-attivitajiet operattivi u loġistiċi kollha tal-Aġenzija.</i></p> | PC1-9 (impatt fuq ħafna mill-għanijiet) | Tnaqqis | <ul style="list-style-type: none"> • L-għoti ta' prijorità dwar l-iżgurar li numru importanti ta' esperti b'esperjenza fil-qasam finanzjarju jkunu fost l-ewwel membri tal-persunal maħtura (ara 1 iktar 'il fuq) • L-iżgurar li dan il-grupp importanti ta' persunal fil-qasam finanzjarju jitħarreġ kompletament u jkun ħa l-kariga malajr kemm jista' jkun biex jieħu ħsieb il-proċeduri finanzjarji essenzjali, anki ex ante u l-għoti ta' kummenti b'mod intern. • L-użu ta' netwerk ma' Aġenziji oħrajn bħala tagħlim mill-esperjenzi u l-aħjar Prattiki tagħhom meta stabbilixxew is-sistemi finanzjarji tagħhom. • Il-kisba ta' parir mill-Kummissjoni dwar kwistjonijiet importanti • Għandha tingħata kunsiderazzjoni l-possibilità ta' proċeduri eċċezzjonali ta' reklutaġġ għall-persunal fil-qasam finanzjarju, jekk ma jkunx hemm biżżejjed membri maħtura sa kmieni fl-2013 |